2025/1342

14.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1342

tal-11 ta' Lulju 2025

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' pavimenti tal-injam b'diversi saffi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġetti ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fis-16 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' pavimenti tal-injam b'diversi saffi (MWF, multilayered wood flooring) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat", "ir-RPĊ", jew "iċ-Ċina") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fl-4 ta' April 2024 mill-Federazzjoni Ewropea tal-Parquet ("FEP" jew "l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-MWF fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2733 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

1.3. Miżuri proviżorji

(4) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fit-18 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet sommarju tad-dazji proposti u d-dettalji dwar il-kalkolu tal-marġni tad-dumping u l-marġni adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. Il-kummenti li waslu ġew indirizzati fil-premessa (390) tar-Regolament proviżorju.

(5) Fil-15 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' MWF li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/78 ([4]) ("ir-Regolament proviżorju").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C 2024/3186, 16.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3186/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2733 tal-24 ta' Ottubru 2024 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' pavimenti tal-injam b'diversi saffi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni. ĠU L, 2024/2733, 25.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2733/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/78 tal-15 ta' Jannar 2025 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' pavimenti tal-injam b'diversi saffi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/78, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/78/oj).

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(6) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping proviżorju ("id-divulgazzjoni proviżorja"), diversi partijiet ippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub li fihom ippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet proviżorji sal-iskadenza prevista fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju. Dawn il-partijiet kienu:

Importaturi u distributuri

— F. W. Barth u Co. GmbH ("Barth"),

— Puderbach Holzhandel GmbH & Co. KG ("Puderbach"),

— Amorim Deutschland GmbH ("Amorim") u

— MEFO Floor GmbH & Co. KG ("MEFO Floor").

Produtturi esportaturi Ċiniżi

— Forest Group ("Forest"),

— Fusong Group ("Fusong") u

— Jinfa Group ("Jinfa").

Assoċjazzjonijiet

— China National Forest Products Industry Association ("CNFPIA"),

— Il-Federazzjoni Ewropea tal-Parquet ("FEP") u

— Il-Hardware Association of Ireland ("HAI"), li tirrappreżenta tnejn mill-membri tagħha, Canadia Distributors Limited u l-Whiteriver Group.

(7) Il-partijiet li talbu dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Saru seduti ta' smigħ ma' Forest, Fusong, Jinfa, is-CNFPIA u FEP.

(8) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni qieset il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet proviżorji tagħha meta xieraq.

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien biħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' MWF li joriġinaw miċ-Ċina ("divulgazzjoni definittiva"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu kummenti dwar id-divulgazzjoni definittiva.

(10) Wara d-divulgazzjoni definittiva, diversi partijiet ippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub li fihom esprimew il-fehmiet tagħhom. Dawn il-partijiet kienu: Amorim, l-Alleanza tal-Importaturi tal-MWF ("AUMI", Alliance of MWF Importers), Barth, Corà Domenico & Figli Spa ("Cora Domenico"), CNFPIA, l-FEP, Holz-Richter GmbH ("Holz-Richter"), Forest, Fusong, Jinfa, Lovelin of London Ltd ("Lovelin"), MEFO Floor, Puderbach u Thede&Witte.

(11) Il-partijiet li talbu dan ingħataw ukoll l-opportunità li jinstemgħu. Saru seduti ta' smigħ ma' Amorim, Barth, CNFPIA, Holz-Richter, Forest, Fusong, Jinfa u Thede&Witte.

1.5. **Pretensjonijiet dwar il-bidu**

(12) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, ġew ikkonfermati l-premessi (20) sa (28) tar-Regolament proviżorju.

1.6. Kampjunar

(13) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw il-kampjunar tal-produtturi, l-importaturi u l-produtturi esportaturi tal-Unjoni fiċ-Ċina, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (6) sa (12) tar-Regolament proviżorju.

1.7. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

(14) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw il-perjodu ta' investigazzjoni ("PI") u l-perjodu kkunsidrat, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (19) tar-Regolament proviżorju.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

(15) Fin-nuqqas ta' xi kumment li jikkonċerna l-prodott taħt investigazzjoni, il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (29) sa (33) tar-Regolament proviżorju.

3. DUMPING

3.1. Il-valur normali u l-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

3.1.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(16) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi (43) sa (137) tar-Regolament proviżorju.

3.1.2. *Il-pajjiż rappreżentattiv u l-kalkolu tal-parametri referenzjarji għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general & administrative) u għall-profitt*

(17) Il-kummenti dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv u dwar il-kalkolu mill-Kummissjoni tal-parametri referenzjarji għall-SG&A u l-profitt ġew ipprovduti mill-Federazzjoni Ewropea tal-Parquet ("FEP") u mill-membri tagħha, li jaġixxu bħala lmentaturi f'din l-investigazzjoni, 4 importaturi, jiġifieri Puderbach, Amorim, MEFO Floor u Barth, u mit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, jiġifieri l-JINFA Group, il-Fusong Group, u l-Forest Group.

(18) FEP appoġġat l-għażla tal-Kummissjoni tal-pajjiż rappreżentattiv u l-kalkolu tal-parametri referenzjarji għall-SG&A u għall-profitt, kif stabbilit fir-Regolament proviżorju.

(19) Puderbach, Amorim, MEFO u Barth sostnew li l-kumpaniji Torok użati fir-Regolament proviżorju biex jistabbilixxu l-SG&A u l-profitt mhumiex xierqa minħabba li dawn il-kumpaniji ma jipproduċux il-prodott taħt investigazzjoni. Puderbach, Amorim, MEFO u Barth iddikjaraw ukoll li hemm kumpaniji fix-Xlokk tal-Asja u fl-Ewropa (mhux tal-UE) li ma ġewx meqjusa mill-Kummissjoni.

(20) Il-Kummissjoni nnotat li l-ebda waħda minn dawn il-partijiet ma identifika xi kumpanija speċifika fis-sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, jew xi pajjiż speċifiku fejn setgħu jinstabu kumpaniji li jipproduċu MWF b'data finanzjarja faċilment disponibbli, u lanqas ma pproponew xi metodu ieħor biex jistabbilixxu l-SG&A u l-profitt. Għalhekk, il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(21) Il-JINFA Group u l-Fusong Group sostnew li t-Turkija mhijiex pajjiż rappreżentattiv xieraq, b'mod partikolari meta mqabbla mal-Malażja. Għalhekk, dawn il-partijiet argumentaw li jenħtieġ li l-Malażja tintuża bħala l-pajjiż rappreżentattiv minflok it-Turkija.

(22) Il-Forest Group sostna li l-SG&A u l-profitt ikkalkolati fuq il-bażi tad-data tal-kumpaniji Torok identifikati mill-Kummissjoni huma għoljin b'mod mhux raġonevoli u li minflok jenħtieġ li jintużaw il-produtturi Malażjani.

(23) It-tliet produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun iddikjaraw li f'każ li l-Kummissjoni żżomm l-għażla tat-Turkija bħala l-pajjiż rappreżentattiv, jenħtieġ li taġġusta 'l isfel il-parametri referenzjarji kkalkolati għall-SG&A u għall-profitt.

(24) Il-pretensjonijiet u l-argumenti ta' hawn fuq tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun huma ppreżentati u indirizzati f'aktar dettall hawn taħt.

(25) Il-JINFA Group u l-Fusong Group sostnew li t-Turkija mhijiex pajjiż rappreżentattiv xieraq minħabba s-sitwazzjoni ekonomika eċċezzjonali tagħha u b'mod partikolari l-iperinflazzjoni fis-sena 2023 (jiġifieri l-perjodu ta' investigazzjoni), li, fil-fehma tagħhom, inevitabbilment affettwat il-kostijiet kollha tal-produzzjoni u indikaturi ekonomiċi oħra, u rrendiethom mhux affidabbli bħala sors għad-determinazzjoni tal-valur normali. Fir-rigward ta' din il-pretensjoni, huma pprovdew l-argumenti li ġejjin:

(a) Ir-rekwiżit tal-Artikolu 2(6a)(a), it-tieni paragrafu, l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku li l-pajjiż rappreżentattiv irid ikollu livell simili ta' żvilupp ekonomiku mhuwiex issodisfat mit-Turkija minħabba l-inflazzjoni għolja tagħha.

(b) L-inflazzjoni tfixkel il-parametri referenzjarji tal-fatturi ta' produzzjoni ("FoPs", factors of production). L-argument tal-Kummissjoni li l-parametri referenzjarji fil-biċċa l-kbira mhumiex affettwati mill-inflazzjoni minħabba li huma espressi f'termini ta' Yuan Ċiniż stabbli (CNY, Chinese Yuan) jista' jgħodd għal fatturi ta' produzzjoni importati, iżda ma jgħoddx għal fatturi ta' produzzjoni minn sorsi lokali. Dan huwa evidenzjat mill-iżvilupp tal-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku, li, anki meta espressi f'muniti stabbli bħas-CNY u l-EUR, żdiedu b'mod konsiderevoli (bi 58,6 % u 74 % rispettivament) fil-perjodu bejn l-2022 u l-2023.

(c) Ir-rekwiżit tal-Artikolu 2(6a)(a), ir-raba' paragrafu, tar-Regolament bażiku, għal SG&A u profitt raġonevoli u mingħajr distorsjoni mhuwiex issodisfat, minħabba distorsjonijiet relatati mal-iperinflazzjoni. B'mod partikolari, JINFA u Fusong sostnew li l-użu ta' data finanzjarja minn pajjiż b'inflazzjoni għolja jirriżulta fi profitt u SG&A eċċessivi. F'dan il-kuntest, irreferew għall-użu ta' standards kontabilistiċi żviluppati għar-rapportar finanzjarju f'pajjiżi b'iperinflazzjoni, u b'mod partikolari l-IAS 29 fir-rapport finanzjarju dettaljat ta' Orma Orman Mahsulleri Integre Sanayi Ve Ticaret A.S., ("Orma") waħda miż-żewġ kumpaniji magħżula mill-Kummissjoni għall-parametri referenzjarji tal-SG&A u tal-profitt. Dwar dan il-punt u billi pprovda argumenti simili, il-Forest Group sostna wkoll li l-parametri referenzjarji għall-SG&A u għall-profitt, ikkalkolati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni finanzjarja disponibbli għaż-żewġ kumpaniji Torok, huma distorti u jenħtieġ li ma jintużawx mingħajr aġġustamenti.

(26) Fir-rigward tal-punt (a) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxu l-partijiet, ir-rekwiżit li l-pajjiż rappreżentattiv ikollu livell simili ta' żvilupp ekonomiku ma jimplikax li l-indikaturi ekonomiċi ewlenin kollha jeħtieġ li jkunu f'livelli simili. Il-livell ta' żvilupp ekonomiku ta' pajjiż huwa ġeneralment ivvalutat mil-livell ta' introjtu tiegħu, u għal dak l-għan, il-klassifikazzjoni tal-Bank Dinji hija kriterju li huwa stabbilit sew fil-prattika tal-Kummissjoni u kkonfermat mill-qrati tal-Unjoni ([5]). Skont din il-klassifikazzjoni, it-Turkija u r-RPĊ kienu t-tnejn fil-kategorija tal-introjtu fil-livell medju superjuri għall-2023, u għalhekk, kellhom livell simili ta' żvilupp ekonomiku, irrispettivament mir-rati tal-inflazzjoni differenti tagħhom. Bil-ħieb ta' dan, ġew miċħuda l-pretensjonijiet rispettivi.

(27) Fir-rigward tal-punt (b) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li l-partijiet jidhru li jħawdu ż-żidiet fil-kostijiet f'termini nominali, li tabilħaqq jistgħu jiġu attribwiti għall-inflazzjoni, ma' żidiet fil-kostijiet f'termini reali, li huma attribwibbli għal fatturi oħrajn. Fil-każ kemm tal-impjieg kif ukoll tal-elettriku, kien hemm żieda fil-kost f'termini reali għal dawn il-fatturi mill-2022 sal-2023. Iż-żidiet fil-kost lavorattiv kienu fil-biċċa l-kbira riżultat ta' deċiżjonijiet ta' politika tal-Gvern Tork, inklużi deċiżjonijiet adottati ftit qabel l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2023 fil-pajjiż ([6]). Bl-istess mod, iż-żidiet fil-kost tal-elettriku segwew xejriet simili f'ħafna pajjiżi oħra u x'aktarx kienu marbuta mal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna. Fi kwalunkwe każ, ma hemm l-ebda evidenza li dawn iż-żidiet f'termini reali kienu kkawżati mill-inflazzjoni. Fil-fatt, jekk hemm rabta kawżali, din tmur fid-direzzjoni opposta, jiġifieri, żieda fil-kostijiet reali li jwasslu għall-inflazzjoni, aktar milli bil-kontra. Bil-ħsieb ta' dan il-kunsiderazzjonijiet, ġew miċħuda l-pretensjonijiet rispettivi.

(28) Fir-rigward tal-punt (c) ta' hawn fuq, mill-bidu nett, il-Kummissjoni nnotat li r-rekwiżit għal parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt fl-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jenħtieġ li jitqieġħed fil-kuntest legali xieraq tiegħu, jiġifieri, distorsjonijiet sinifikanti kif definiti fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Bil-ħsieb ta' dan, il-Kummissjoni qieset li l-eżistenza tal-inflazzjoni f'pajjiż ma tirrendix b'mod awtomatiku d-data finanzjarja minn dak il-pajjiż distorta u irraġonevoli.

([5]) Is-Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, *Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni*, T-326/21, EU:T:2023:347, il-punti 134-135.

([6]) Ara, pereżempju: https://www.reuters.com/markets/turkey-raises-monthly-minimum-wage-by-50-2023-2022-12-22/.

(29) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li ma hemm l-ebda evidenza ta' rabta ċara bejn l-inflazzjoni u l-profittabbiltà għolja, b'mod partikolari għall-kumpaniji li joperaw fis-setturi tal-manifattura, bħas-settur tal-MWF jew is-settur usa' tal-injam.

(30) Fi kwalunkwe każ, kif spjegat fil-premessi (46) u (47) hawn taħt, il-Kummissjoni aċċettat li tuża sors alternattiv ta' data finanzjarja għall-istabbiliment ta' parametru referenzjarju affidabbli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt għall-kumpaniji li joperaw fis-settur usa' tal-injam fit-Turkija. Dan is-sors huwa faċilment disponibbli u diġà jinkludi aġġustament għall-inflazzjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-punt (c) huwa irrilevanti u ġew miċħuda l-pretensjonijiet rispettivi.

(31) Barra minn hekk, it-tliet produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun sostnew li d-data mill-Malażja hija aktar xierqa għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt. Biex jissostanzjaw il-pretensjoni tagħhom, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun qagħdu fuq l-argumenti li ġejjin:

(a) L-ekonomija Malażjana ma sofrietx minn iperinflazzjoni u għalhekk id-data finanzjarja rrapportata għall-kumpaniji Malażjani ma tirrikjedix aġġustamenti.

(b) Id-data finanzjarja għall-PI (2023) hija disponibbli għal żewġ produtturi tal-MWF fil-Malażja, iżda għall-ebda wieħed fit-Turkija. Ir-raġunament tal-Kummissjoni għat-tneħħija taż-żewġ produtturi Malażjani bħala sors għall-SG&A u għall-profitt huwa infondat. B'mod partikolari, l-argument li l-funzjonijiet tal-SG&A ta' Unilin Malaysia jitwettqu minn entitajiet oħra tal-grupp huwa spekulattiv u kompletament mhux sostanzjat. Barra minn hekk, l-argument li l-prodott immanifatturat minn Kim Teck Lee Timber Flooring Sdn. Bhd ("KTL") huwa prodott niċċa ma jikkostitwixxix raġuni biex dan jiġi eskluż, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni użat data minn kumpaniji Torok li ma jipproduċux il-prodott taħt investigazzjoni.

(c) Il-Forest Group sostna li identifika tliet produtturi Malażjani addizzjonali tal-MWF, jiġifieri Dominant Enterprise Berhad, Hevea Board Berhad, u KLK Hardwood Flooring Sdn. Berhad u pprovda rapport finanzjarja relatat ma' waħda minnhom (KLK Hardwood Flooring Sdn Berhad għall-2023) filwaqt li għat-tnejn l-oħra nnota li r-rapporti finanzjarji tagħhom jew ma kinux disponibbli għall-perjodu rilevanti, inkella wrew telf. Fuq din il-bażi, il-Forest Group talab li tintuża KLK Hardwood Flooring Sdn flimkien ma' KTL u Unlin Malaysia għall-kalkolu tal-SG&A u tal-profitt.

(d) Il-paragun tal-SG&A ta' produtturi f'pajjiż rappreżentattiv possibbli ma' dak tal-industrija tal-Unjoni jew tal-produtturi esportaturi ma għandu l-ebda bażi legali, jiġifieri mhuwiex parti mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(e) Il-kunsiderazzjoni tal-livell ta' żvilupp tas-settur tal-MWF ma għandha l-ebda bażi legali (jiġifieri mhijiex parti mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku) u hija kontradetta mill-prattika tal-passat tal-Kummissjoni, pereżempju fil-każijiet ta' Prodotti b'Vina Parallela Rrumblati Ċatt miċ-Ċina ([7]) u l-Esteri tal-Fosfat tal-Alkil miċ-Ċina ([8]). Barra minn hekk, il-Malażja għandha settur tal-MWF żviluppat biżżejjed u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni użat kumpaniji mis-settur usa' tal-injam, li fih il-Malażja hija żviluppata ħafna.

(f) Jekk il-Kummissjoni tqis settur usa' tal-injam fit-Turkija, jenħtieġ li tagħmel l-istess fil-Malażja.

(32) Fir-rigward tal-punt (a), il-Kummissjoni osservat li kif spjegat fil-premessa (162) tar-Regolament proviżorju, is-settur tal-MWF huwa sinifikament aktar żviluppat fit-Turkija meta mqabbel mal-Malażja. Għalhekk, l-argument rispettiv ġie miċħud.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/58 tal-14 ta' Jannar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti b'vina parallela rrumblati ċatt ta' azzar elettriku bis-siliċju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Ġappun, mir-Repubblika tal-Korea, mill-Federazzjoni Russa u mill-Istati Uniti tal-Amerka wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 10, 17.1.2022, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/58/oj), il-premessa (95).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2415 tat-12 ta' Settembru 2024 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/2415, 13.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2415/oj), il-premessa (162).

(33) Fir-rigward tal-punt (b), il-Kummissjoni nnotat li mhijiex spekulattiva d-dikjarazzjoni tagħha fir-Regolament proviżorju dwar in-natura tal-attivitajiet ta' Unilin (Malaysia) Sdn. BHD. Bil-ħsieb tal-fatt li l-kumpanija hija parti minn grupp multinazzjonali u l-operazzjonijiet tagħha huma ffukati fuq il-produzzjoni, ġie kkonfermat ([9]) li Unilin (Malaysia) Sdn. Bhd tbigħ biss l-oġġetti manifatturati tagħha intragrupp u bħalissa ma tinvolvix ruħha f'bejgħ ma' partijiet indipendenti. Għal din ir-raġuni, ċerti funzjonijiet tal-SG&A, bħall-bejgħ, il-kummerċjalizzazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, huma fil-biċċa l-kbira ċentralizzati, u l-kostijiet tagħhom mhumiex inklużi u mhumiex riflessi fl-SG&A rapportat tal-kumpanija. Għalhekk, huwa kompletament ġustifikat li ma tiġix ikkunsidrata d-data finanzjarja ta' din il-kumpanija għall-istabbiliment ta' parametru referenzjarju għall-profitt u għall-SG&A.

(34) Barra minn hekk, fir-rigward ta' Kim Teck Lee Timber Flooring Sdn. Bhd, il-Kummissjoni ċċarat li hija ma tqisx il-livelli tagħha tal-SG&A (18,5 %) u tal-profitt (8,8 %), it-tnejn espressi bħala perċentwal tal-oġġetti mibjugħa, mhux raġonevoli bħala tali. Madankollu, bil-ħsieb tan-natura speċifika ħafna u mhux rappreżentattiva tal-prodott immanifatturat minn din il-kumpanija, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa xieraq li toqgħod eskluživament fuq din il-kumpanija għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji għall-SG&A u għall-profitt.

(35) Għalhekk, l-argumenti relatati mal-punt (b) ġew miċħuda.

(36) Fir-rigward tal-punt (c), għal tnejn mit-tliet kumpaniji, jiġifieri Dominant Enterprise Berhad u Hevea Board Berhad, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li dawn il-kumpaniji huma tabilħaqq produtturi tal-MWF, u l-Forest Group lanqas ma pprovda xi tali evidenza. Barra minn hekk, kif iddikjara l-Forest Group, ir-rapporti finanzjarji tagħhom jew ma kinux disponibbli għall-perjodu rilevanti, inkella wrew telf. Għat-tielet kumpanija, jiġifieri KLK Hardwood Flooring Sdn Berhad, il-Kummissjoni nnotat li r-rapport finanzjarju ppreżentat mill-Forest Group ma jikkonċernax din il-kumpanija, iżda l-grupp li għalih tappartjeni l-kumpanija, jiġifieri l-Kuala Lumber Kepong Berhad Group. Il-grupp, li għandu firxa wiesgħa ta' attivitajiet kellu dħul konsolidat enormi ta' madwar USD 5,1 biljun fl-2023 (li jintemm fit-30 ta' Settembru 2023), bi profitt pożittiv. B'paragun ma' dan, għall-istess perjodu, is-sussidjarja tiegħu tal-pavimenti, KLK Hardwood Flooring Sdn Berhad, skont ORBIS, kellha dħul ta' madwar USD 16-il miljun, u profitt negattiv. Għalhekk, huwa ċar li l-ebda waħda mill-kumpaniji msemmija hawn fuq ma tista' tintuża għall-istabbiliment ta' ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt. Għalhekk, ġew miċħuda l-pretensjonijiet rispettivi.

(37) Fir-rigward tal-punt (d), il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku mhuwiex preskrittiv fir-rigward tal-kriterji li jenħtieġ li jintużaw biex SG&A jew marġni ta' profitt titqies bħala raġonevoli, li jħalli diskrezzjoni pjuttost wiesgħa lill-Kummissjoni. Filwaqt li tabilħaqq il-marġnijiet rispettivi fl-Unjoni jew fil-pajjiż ikkonċernat ma jkunux bħala tali xierqa bħala parametri referenzjarji, dawn jistgħu jkunu element addizzjonali biex jinforma l-valutazzjoni dwar jekk humiex raġonevoli il-parametri referenzjarji f'pajjiżi rappreżentattivi possibbli. Għalhekk, l-argument rispettiv ġie miċħud.

(38) Fir-rigward tal-punt (e), il-Kummissjoni nnotat li, għall-kuntrarju ta' dak li ġie ssuġġerit mill-partijiet, l-approċċ tagħha fir-Regolament proviżorju mhuwiex kontradett mill-prattika tagħha f'każijiet oħra. Għall-kuntrarju ta' dan il-każ, fil-każ *Prodotti b'Vina Parallela Rrumblati Ċatt miċ-Ċina*, il-kwistjoni kienet jekk jenħtieġx li r-rekwiżit għal livell simili ta' żvilupp ekonomiku jiħux interpretazzjoni stretta biex jikkonċerna s-settur industrijali speċifiku, jew kif sostniet il-Kummissjoni, jenħtieġx li jikkonċerna l-iżvilupp ekonomiku ġenerali tal-pajjiż, kif rifless fil-klassifikazzjoni tiegħu mill-Bank Dinji. Fil-każ *Esteri tal-Fosfat tal-Alkil miċ-Ċina*, il-kwistjoni kienet jekk il-livell allegatament baxx ta' żvilupp ta' settur f'pajjiż rappreżentattiv possibbli kienx fih innifsu suffiċjenti biex jitneħħa kompletament dak il-pajjiż, anki jekk ma kien hemm l-ebda pajjiż rappreżentattiv potenzjali ieħor. F'dan il-każ, il-fatt li s-settur tal-MWF fil-Malażja huwa sottożviluppat iqajjem dubji dwar ir-rilevanza tad-data finanzjarja disponibbli għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt. Fir-rigward tal-użu tad-data mis-settur usa' tal-injam fit-Turkija, il-Kummissjoni qieset li huwa probabbli li s-settur usa' tal-injam jopera f'kundizzjonijiet simili bħas-settur tal-MWF, pereżempju li jikkonċernaw il-kost tal-materjali, il-kostijiet lavorattivi, id-domanda tas-suq, l-intensità tal-kompetizzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku. Fil-fatt, aktar ma jkun kbir is-settur tal-MWF, aktar ikun probabbli li jkun hemm tali similaritajiet. Meta mqabbla mal-għexieren ta' kumpaniji li jipproduċu l-MWF fit-Turkija, il-kumpaniji rispettivi identifikati għall-Malażja għadhom inqas minn 5. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet ta' MWF mit-Turkija għadhom ogħla b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-Malażja. Bil-ħsieb ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li data finanzjarja mis-settur usa' tal-injam fit-Turkija tista' tintuża biex jiġi stabbilit parametru referenzjarju raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt. Fi kwalunkwe każ, il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni mhijiex vinkolanti peress li kull każ jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu stess. Għalhekk, l-argumenti rispettivi tal-partijiet ġew miċħuda.

([9]) L-evidenza hija parti mill-fajl kunfidenzjali tal-investigazzjoni.

(39) Fir-rigward tal-punt (f), dan huwa indirizzat fil-premessa (47) hawn taħt.

(40) Il-produtturi esportaturi argumentaw ukoll li jekk il-Kummissjoni tinsisti fuq it-Turkija, jenħtieġ li tagħmel aġġustamenti 'l isfel għall-SG&A u għall-profitt ikkalkolati. B'mod partikolari, jenħtieġ li din:

(a) Tnaqqas il-kostijiet tat-trasport u l-kostijiet relatati mal-SG&A. Fil-każ tar-rapport finanzjarju ta' Orma, dawn huma riflessi f'entrata li tammonta għal 169 637 781 TL u tradotti bħala "spejjeż tal-esportazzjoni, tal-merkanzija u tal-portijiet";

(b) Tnaqqas il-parti tal-profitt li hija divulgata separatament bħala "gwadann/telf nett fuq il-pożizzjoni monetarja netta" f'konformità mal-IAS 29, peress li dan huwa profitt fittizju marbut mal-inflazzjoni;

(c) Tnaqqas l-ispejjeż finanzjarji mill-SG&A, b'mod partikolari l-ispejjeż marbuta mal-imgħax imħallas, anki minħabba li dawn huma marbuta mal-inflazzjoni.

(41) Fir-rigward tal-punt (a) hawn fuq, kif spjegat fil-premessi (46) u (47) hawn taħt, il-Kummissjoni aċċettat li tuża sors alternattiv ta' data finanzjarja. Konsegwentement, ġiet miċħuda l-pretensjoni li tikkonċerna l-kostijiet relatati mat-trasport fir-rapport finanzjarju ta' Orma.

(42) Fir-rigward tal-punt (b) ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li filwaqt li l-entrata divulgata separatament "gwadann/telf nett tar-rapportar dwar il-pożizzjoni monetarja netta" hija marbuta mal-inflazzjoni, l-esklużjoni tagħha ma tistax titqies bħala mod xieraq biex jiġu aġġustati l-profitti għall-inflazzjoni. Jiġifieri, ma jistax jitqies li billi tiġi eskluża din l-entrata, il-profitti li jirriżultaw jirrappreżentaw il-profitti tal-kumpanija fix-xenarju li kien hemm inflazzjoni baxxa jew l-ebda inflazzjoni. Dan għaliex l-inflazzjoni taffettwa wkoll id-dħul u l-kostijiet li mhumiex inklużi f'din l-entrata, bħaż-żieda (nominali) fil-kostijiet tal-inputs u l-prezzijiet tal-prodotti tal-kumpanija.

(43) Bl-istess mod, fir-rigward tal-punt (c) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li t-tnaqqis tal-ispejjeż finanzjarji, u b'mod partikolari l-imgħax, ma jirriżultax fl-ispejjeż operatorji li l-kumpanija jkollha ġġarrab fin-nuqqas ta' inflazzjoni għolja. Dan għaliex il-kumpanija jkollha ġġarrab livell ta' spejjeż finanzjarji irrispettivament mill-inflazzjoni. Barra minn hekk, il-mod kif l-ispejjeż finanzjarji jiġu affettwati mill-inflazzjoni, b'mod partikolari bħala perċentwal tal-kost tal-oġġetti mibjugħa, jiddependi fuq it-termini preċiżi tal-ftehimiet ta' finanzjament, eż. l-indiċjar skont l-inflazzjoni jew ir-rabta ma' munita stabbli.

(44) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li, irrispettivament mill-merti tal-argumenti tal-partijiet għal aġġustamenti, tali aġġustamenti jkunu possibbli biss għad-data finanzjarja ta' Orma, li għaliha jeżistu rapporti finanzjarji dettaljati. Għall-produttur Tork l-ieħor, AGT, tali rapport dettaljat mhuwiex disponibbli, u ma jistax jiġi preżunt li xi aġġustament xieraq għal Orma jkun xieraq ukoll għal dik il-kumpanija.

(45) Bħala alternattiva għall-aġġustament tad-data ta' produtturi Torok individwali, il-Forest Group issuġġerixxa li jiġu stabbiliti parametri referenzjarji għall-SG&A u għall-profitt abbażi tad-data tal-Gvern Tork tal-ispejjeż operatorji medji u l-introjtu operatorju tal-kumpaniji involuti fil-"Manifattura ta' prodotti tal-injam, sufra, tiben u materjali għall-immaljar", jiġifieri NACE - C-162 ([10]). Forest Group qies li dan ikun l-aktar approċċ raġonevoli f'dan il-kuntest u d-data tal-Gvern Tork hija uffiċjali u affidabbli. Barra minn hekk, fir-rigward tal-SG&A, Forest Group issuġġerixxa li jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mat-trasport u l-assigurazzjoni, il-maniġġ u t-tagħbija/d-distribuzzjoni, eż. abbażi ta' proporzjon ikkalkolat mir-rapporti finanzjarji ta' Orma.

(46) Il-Kummissjoni qablet li d-data ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija dwar ir-riżultati finanzjarji tal-kumpaniji b'attivitajiet taħt in-NACE – C-162, huma uffiċjali u affidabbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tad-dħul totali, dawn jidhru li jinkludu grupp ħafna aktar komprensiv ta' kumpaniji, u għalhekk huma sinifikament inqas probabbli li jiġu affettwati mill-ispeċifiċitajiet ta' kumpaniji individwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li din id-data tinkludi aġġustamenti għall-inflazzjoni, li jkomplu jsaħħu l-affidabbiltà tad-data.

(47) Bil-ħsieb ta' dan, il-Kummissjoni qablet li tuża din id-data biex tistabbilixxi parametri referenzjarji ġodda għall-SG&A u għall-profitt. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li ma setgħet issib l-ebda data finanzjarja b'ambitu, dettall u affidabbiltà komparabbli għall-kumpaniji li joperaw fil-Malażja.

([10]) https://www3.tcmb.gov.tr/sektor/#/en/C/162/manufacture-of-products-of-wood-cork-straw-and-plaiting-materials.

(48) Il-Kummissjoni qieset li, għalkemm ma ġewx irrapportati taħt spejjeż operatorji, jiġġarrbu spejjeż finanzjarji għall-operat tal-kumpanija u, għalhekk, jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fl-SG&A.

(49) Fir-rigward tal-kostijiet tat-trasport u wara l-pretensjoni deskritta fil-premessa (40) hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li d-data ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija kellha nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar dawn il-kostijiet. Għalhekk, ġiet miċħuda l-pretensjoni tal-kumpanija biex jitnaqqas il-kost tat-trasport mill-SG&A.

(50) Fir-rigward tal-kalkolu tal-profitt, il-Kummissjoni inizjalment qieset l-introjtu operatorju (b'aġġustamenti għall-inflazzjoni) u l-ispejjeż finanzjarji rrapportati mill-Bank Ċentrali Tork.

(51) Fuq din il-bażi, l-SG&A espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Oġġetti Mibjugħa ("COGS", Costs of Goods Sold) u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, inizjalment kienu jammontaw għal 22,0 %. Il-profitt espress bħala perċentwal tal-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, inizjalment kien jammonta għal 9,7 %.

(52) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-FEP talbet li għall-kalkolu tal-ammonti għall-kostijiet SG&A u għall-profitt, il-Kummissjoni terġa' lura għall-użu tad-data finanzjarja tal-produtturi Torok identifikati fir-regolament proviżorju, aktar milli toqgħod fuq id-data mill-Bank Ċentrali Tork għal attivitajiet li jaqgħu taħt in-NACE-162. Il-FEP argumentat li din il-kategorija tinkludi prodotti li huma sinifikattivament aktar imbiegħda u differenti mill-prodott ikkonċernat, f'termini ta' produzzjoni, kost u pprezzar, u għalhekk dan is-sors tad-data jsir inqas affidabbli u inqas xieraq.

(53) Il-Kummissjoni nnotat li l-ebda waħda miż-żewġ kumpaniji Torok identifikati fir-Regolament proviżorju mhuma produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni. Il-FEP ma spjegatx għaliex meta mqabbla ma' dawn iż-żewġ kumpaniji (li d-data tagħhom x'aktarx hija inkluża wkoll fid-data tal-Bank Ċentrali Tork), kumpaniji oħra inklużi fid-data tal-Bank Ċentrali Tork jimmanifatturaw prodotti li bħala medja huma sinifikattivament aktar imbiegħda u differenti mill-prodott ikkonċernat, f'termini ta' produzzjoni, kost u pprezzar. Minn dan isegwi li d-data relatata mal-operazzjonijiet ta' bosta kumpaniji fis-settur rilevanti, li x'aktarx jinkludu produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni, hija sors aktar affidabbli għal ammonti raġonevoli minn data relatata ma' żewġ kumpaniji li ma jipproduċux il-prodott taħt investigazzjoni. Għalhekk, l-argumenti tal-FEP ġew miċħuda.

(54) FEP innotat ukoll li għall-kalkolu ta' parametru referenzjarju għall-profitt fuq il-bażi tad-data mill-Bank Ċentrali Tork, il-Kummissjoni użat biss l-introjtu operatorju. Skont il-FEP, dan jirrappreżenta devjazzjoni mill-prattika standard tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-FEP talbet li minflok jintuża l-profitt qabel it-taxxa, li jinkludi wkoll l-introjtu u l-ispejjeż minn operazzjonijiet oħra kif ukoll introjtu u spejjeż straordinarji.

(55) Il-Kummissjoni nnotat li fid-data rrapportata mill-Bank Ċentrali Tork, il-profitt qabel it-taxxa kien jinkludi introjtu relatat ma' dividendi minn parteċipazzjonijiet. Dan l-introjtu kien straordinarjament għoli fl-2023. Bil-ħsieb ta' dan, il-Kummissjoni qieset li l-profitt qabel it-taxxa għal din is-sena, li jinkludi dan l-introjtu, ma jkunx bażi xierqa għall-kalkolu ta' ammont raġonevoli għall-profitt. Din il-kwistjoni ma tqumx għad-data finanzjarja għall-2022, li kif spjegat fil-premessi (75) sa (76) hawn taħt, il-Kummissjoni użat għall-kalkoli riveduti tagħha.

(56) Fusong tenna l-pretensjoni tiegħu li l-livelli ta' inflazzjoni fit-Turkija jqajmu dubji dwar l-adegwatezza tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv u li minflok jenħtieġ li tintgħażel il-Malażja. B'mod partikolari, Fusong argumenta dan li ġej:

(a) L-inflazzjoni għolja hija fattur importanti u rilevanti li għandu jitqies flimkien mal-Klassifikazzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Bank Dinji. Skont Fusong, ma jistax jiġi miċħud li aktar ma jkun hemm indikaturi ekonomiċi qrib pajjiż rappreżentattiv meta mqabbel maċ-Ċina, aktar ikunu raġonevoli u rappreżentattivi l-valuri mingħajr distorsjoni tal-kost u tal-prezz stabbiliti f'dak il-pajjiż. F'dan ir-rigward, Fusong qies li s-sentenza tal-Qorti msemmija fil-premessa (26) ma għandha l-ebda effett fuq dan il-każ, peress li r-rikorrent ma kkontestax is-similarità fil-livell tal-iżvilupp ekonomiku. Barra minn hekk, Fusong qies li l-għażla tat-Turkija ma tissodisfax il-kriterju stabbilit mill-Qorti li l-Kummissjoni trid tuża pajjiż terz li fih il-prezzijiet huma ffurmati f'ċirkustanzi li huma kemm jista' jkun simili għal dawk fil-pajjiż tal-esportazzjoni.

(b) Il-fatturi ta' produzzjoni minn sorsi lokali, u b'mod partikolari l-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku huma distorti minn inflazzjoni għolja. F'dan ir-rigward, Fusong argumenta li d-deċiżjoni tal-Gvern Tork li jżid il-pagi minimi u għalhekk il-kostijiet lavorattivi kienet riżultat tal-inflazzjoni li qed togħla ħafna. Barra minn hekk, fir-rigward tal-effetti fuq il-prezzijiet tal-elettriku fit-Turkija tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, Fusong argumentat li ċ-Ċina ma kinitx soġġetta għal tali effetti.

(c) Id-data finanzjarja li fuqha qagħdet il-Kummissjoni mhijiex aġġustata mill-inflazzjoni u tibqa' distorta u mhux affidabbli. F'dan ir-rigward:

(a) Fusong ikkontesta l-fehma tal-Kummissjoni li ma hemm l-ebda evidenza ta' rabta ċara bejn l-inflazzjoni u l-profittabbiltà għolja, b'mod partikolari għal kumpaniji li joperaw fis-setturi tal-manifattura, bħas-settur tal-MWF jew is-settur usa' tal-injam. Fusong sostniet li l-applikazzjoni obbligatorja tal-istandard kontabilistiku IAS 29 mill-kumpaniji Torok mill-2023, kif ukoll ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' dan l-Istandard fil-każ ta' Orma, juru l-eżistenza ta' tali rabta u li l-mod xieraq biex isir aġġustament għall-inflazzjoni huwa li jiġi eliminat il-gwadann fuq il-pożizzjoni monetarja netta.

(b) Fusong qies li l-Kummissjoni ma spjegatx ir-rilevanza tad-distorsjonijiet sinifikanti, kif definiti fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà tad-data finanzjarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tal-inflazzjoni. Skont Fusong, l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitt, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li bla dubju jkun ibbażat fuq data finanzjarja affidabbli u mingħajr distorsjoni.

(c) Fusong irrefera għall-Metadata tas-sors użat mill-Kummissjoni, li tindika li *"[g]ħad-data tal-2023, l-istudju juża rapporti finanzjarji mhux aġġustati għall-inflazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Tax Procedure Law General Communiqué (Sekwenza Nru: 555)"*, li tikkonkludi li din id-data għadha distorta u mhux affidabbli.

(d) Il-Kummissjoni żbaljat meta qieset id-daqs tas-settur tal-MWF fil-Malażja, peress li d-daqs industrijali mhuwiex kriterju prerekwiżit jew predominanti għall-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv. Fusong argumenta li d-data finanzjarja ta' Kim Teck Lee Timber Flooring Sdn. Bhd, li l-Kummissjoni ma qisitx bħala mhux raġonevoli, tkun sinifikament aktar xierqa mid-data finanzjarja fit-Turkija. Barra minn hekk, Fusong argumenta li minflok ma toqgħod fuq data mis-settur usa' tal-injam fit-Turkija, il-Kummissjoni kellha tuża data mis-settur usa' tal-injam fil-Malażja, identifikata permezz tar-riċerka.

(57) Fir-rigward tal-punt (a) hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li hemm għadd kbir ta' indikaturi li jistgħu jintużaw għall-valutazzjoni tal-ekonomija ta' pajjiż, inklużi bosta indikaturi għal-livelli ta' impjieg, dejn, investiment, bilanċ tal-kummerċ u valur miżjud minn setturi differenti. Filwaqt li Fusong iqis ħtieġa għal prossimità f'kemm jista' jkun indikaturi ekonomiċi, ma tispjegax liema indikaturi addizzjonali – minbarra l-inflazzjoni – huma rilevanti biex jiġu ssodisfati l-kriterji tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jew x'jenħtieġ li jkun il-piż relattiv tagħhom fil-valutazzjoni. Fir-rigward speċifikament tal-inflazzjoni, l-aċċettazzjoni tal-argument ta' Fusong timplika li f'każ li l-pajjiż ikkonċernat ikun pajjiż b'iperinflazzjoni, jistgħu jitqiesu biss pajjiżi b'iperinflazzjoni għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, li ħafna drabi jagħmel tali għażla impossibbli. Fir-rigward tal-inflazzjoni li allegatament "tfixkel" id-data rilevanti, dan huwa indirizzat fil-premessa (65).

(58) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) per capita, użat mill-Bank Dinji għall-klassifikazzjoni tal-pajjiżi f'4 gruppi, jitkejjel f'munita stabbli (USD) u għalhekk diġà jqis id-differenzi fl-inflazzjoni bejn il-pajjiżi. Għalhekk, l-użu ta' dan l-indikatur jipprovdi metodu oġġettiv u traċċabbli biex jiġi vvalutat jekk żewġ pajjiżi għandhomx livell simili ta' żvilupp ekonomiku għall-finijiet tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, u ġie aċċettat b'mod konsistenti bħala xieraq għal dawk il-finijiet mill-qrati tal-Unjoni. Fir-rigward tar-rekwiżit stabbilit mill-ġurisprudenza li l-Kummissjoni trid tagħżel pajjiż li fih *"il-prezzijiet jiġu ffurmati f'ċirkostanzi li jkunu kemm jista' jkun simili għal dawk fil-pajjiż tal-esportazzjoni"*, il-Qorti għamlitha ċara li billi jiġi ssodisfat il-kriterju ta' livell simili ta' żvilupp ekonomiku, jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit.

(59) Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, il-pretensjonijiet ta' Fusong fil-punt (a) ġew miċħuda.

(60) Fir-rigward tal-kostijiet lavorattivi msemmija fil-punt (b), il-Kummissjoni nnotat li skont l-argumenti pprovduti minn Fusong u r-referenzi li pprovdiet biex tissostanzjahom, l-għan tal-Gvern Tork meta żied il-pagi minimi matul l-2023 kien li jirrestawra l-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini Torok. Dan ifisser li l-Gvern Tork kellu l-għan li jirrestawra l-kostijiet lavorattivi għal-livell li jkun proporzjonat mal-livell tal-iżvilupp ekonomiku ġenerali fil-pajjiż. Bil-ħsieb ta' dan, ma hemm l-ebda raġuni biex jitqies li kien distort il-livell ta' dawn il-kostijiet fil-PI (espress f'CNY).

(61) Fir-rigward tal-kostijiet tal-elettriku msemmija fil-punt (b), il-Kummissjoni nnotat li filwaqt li Fusong jidher li jammetti li ż-żieda tagħhom (f'termini reali) mhijiex relatata mal-inflazzjoni, jargumenta li jenħtieġ li xorta waħda jitqiesu bħala distorti minħabba li ċ-Ċina ma ġarrbitx żidiet simili, u li għal dik ir-raġuni, it-Turkija ma tissodisfax il-kundizzjoni tal-adegwatezza li tintgħażel bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Il-Kummissjoni nnotat li bil-ħsieb tal-eżistenza stabbilita ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, l-evoluzzjoni tal-prezzijiet fiċ-Ċina mhijiex rilevanti għall-valutazzjoni tad-distorsjonijiet f'pajjiżi rappreżentattivi potenzjali.

(62) Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, il-pretensjonijiet ta' Fusong fil-punt (b) ġew miċħuda.

(63) Fir-rigward tal-punt (c)(i), il-Kummissjoni nnotat li Fusong ma ssostanzjax biżżejjed il-pretensjoni tiegħu dwar l-allegata rabta bejn l-inflazzjoni u l-profittabbiltà għolja, la għas-settur tal-MWF, u lanqas għas-settur usa' tal-injam. Kif spjegat fil-premessa (42), l-użu tal-istandard kontabilistiku IAS 29 b'mandat mit-Tax Procedure Law General Communiqué (il-Komunikat Ġenerali tal-Liġi dwar il-Proċedura tat-Taxxa) (Sekwenza Nru: 555) għall-2023 ma jfissirx li fin-nuqqas ta' inflazzjoni, kumpanija tkun għamlet livell ta' profitti li, meta mqabbla mal-profitt reali li sar, kien ikun aktar baxxi bl-ammont irrapportat bħala gwadann monetarju nett. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ta' kumpanija waħda ma tistax tiġi ġeneralizzata, la għas-settur tal-MWF, u lanqas għas-settur usa' tal-injam.

(64) Minkejja dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qabblet ir-rata tal-inflazzjoni u l-profittabbiltà fis-snin mill-2020 sal-2023, li fihom ir-rata tal-inflazzjoni fit-Turkija esperjenzat fluttwazzjonijiet sinifikanti (minn 12 % fl-2020 għall-ogħla rata ta' 72 % fl-2022), bl-użu tad-data finanzjarja ppubblikata mill-bank ċentrali Tork għall-kumpaniji li joperaw fis-settur usa' tal-injam (NACE C-162). Għall-profittabbiltà, intużaw żewġ miżuri, it-tnejn espressi bħala perċentwal tas-COGS: a) l-introjtu operatorju; u b) il-profitt qabel it-taxxa u qabel l-introjtu/ispejjeż straordinarji ([11]). Għandu jitfakkar li din id-data tikkonċerna settur sħiħ li jinkludi aktar minn 2 000 kumpanija u għalhekk huwa inqas probabbli li tiġi affettwata mill-ispeċifiċitajiet ta' kumpaniji individwali. Huwa ċar minn osservazzjoni sempliċi tad-data li ż-żidiet sinifikanti fl-inflazzjoni ma kinux segwiti minn żidiet fil-profittabbiltà. Dan għaliex, filwaqt li l-profitti żdiedu ([12]), żdiedu wkoll il-kostijiet. Madankollu, biex tikkwantifika din ir-relazzjoni fid-data, il-Kummissjoni kkalkolat il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni ([13]), li f'dan il-każ huwa negattiv għaż-żewġ miżuri ta' profittabbiltà. Filwaqt li l-Kummissjoni ma tiddikjarax li dan ir-riżultat jenħtieġ li jitqies bħala evidenza konklużiva ta' relazzjoni negattiva bejn l-inflazzjoni għolja u l-profittabbiltà (jiġifieri l-profittabbiltà tonqos meta l-inflazzjoni tiżdied), madankollu tinnega bil-qawwa l-pretensjoni ta' Fusong li l-iperinflazzjoni tirriżulta fi profittabbiltà eċċessiva. Dan għaliex li kieku l-pretensjoni ta' Fusong kienet korretta, b'mod partikolari għall-perjodu u s-settur taħt kunsiderazzjoni, l-aspettattiva tkun li jiġi osservat fid-data koeffiċjent ta' korrelazzjoni pożittiv jew saħansitra pożittiv ħafna (qrib +1), li mhuwiex il-każ:

([11]) Din hija l-miżura użata mill-Kummissjoni għall-kalkolu rivedut tagħha ta' ammont raġonevoli għall-profitt. Ara l-premessa (76) hawn taħt.

([12]) Il-profitti f'termini assoluti mhumiex komparabbli bejn snin differenti, anki minħabba li l-għadd ta' kumpaniji inklużi fir-rapport jinbidel minn sena għal sena (minn 2 346 fl-2020 għal 3 249 fl-2023).

([13]) Il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni jkejjel is-saħħa u d-direzzjoni ta' relazzjoni lineari bejn żewġ varjabbli, eż. ir-rata tal-inflazzjoni u l-profittabbiltà. Il-valur tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni jvarja minn -1 sa +1. Valur pożittiv jimplika li ż-żewġ varjabbli jimxu flimkien u fl-istess direzzjoni, jiġifieri meta varjabbli wieħed jiżdied, jiżdied ukoll il-varjabbli l-ieħor. Min-naħa l-oħra, valur negattiv jimplika li meta varjabbli wieħed jiżdied, jonqos il-varjabbli l-ieħor. Il-formula għall-koeffiċjent ta' korrelazzjoni l-aktar użat (il-"koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Pearson") hija $r = [\Sigma (xi - mean_x)(yi - mean_y)] / [sqrt(\Sigma (xi - mean_x)^2) * sqrt(\Sigma (yi - mean_y)^2)]$, fejn xi u yi huma l-punti tad-data individwali mill-varjabbli X u Y, mean_x hija l-medja tal-valuri xi kollha, mean_y hija l-medja tal-valuri yi kollha, Σ hija s-somma tal-punti tad-data kollha (minn i = 1 sa n), u sqrt tfisser l-għerq kwadrat.

(ammonti monetarji espressi f'elf TRY)	2020	2021	2022	2023
Rata tal-inflazzjoni fit-Turkija (*)	12 %	20 %	72 %	54 %
Introjtu operatorju (OP, Operating profit) (**)	3 999 790	9 958 534	14 072 992	15 253 814
Profitt qabel it-taxxa u qabel id-dħul/l-ispejjeż straordinarji (PBT, Profit before tax) (**)	2 535 251	9 096 767	8 995 295	22 990 243
Kost tal-Oġġetti mibjugħa (COGS) (**)	26 219 734	48 717 078	106 542 623	156 950 213
OP bħala % tas-COGS	15,3 %	20,4 %	13,2 %	9,7 %
PBT bħala % tas-COGS	9,7 %	18,7 %	8,4 %	14,6 %

Koeffiċjent ta' korrelazzjoni bejn ir-rata tal-inflazzjoni u l-profittabbiltà (OP bħala % tas-COGS)	— 0,65
Koeffiċjent ta' korrelazzjoni bejn ir-rata tal-inflazzjoni u l-profittabbiltà (PBT bħala % tas-COGS)	— 0,36

(*) Sors: L-Istitut tal-Istatistika Tork
(**) Sors: Il-Bank Ċentrali Tork

(65) Fir-rigward tal-punt (c)(ii), u kif spjegat fil-premessa (28), il-Kummissjoni qieset li fir-rigward tad-determinazzjoni ta' ammont mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitt, it-tifsira tad-distorsjonijiet trid titqiegħed fil-kuntest legali speċifiku tagħha, li huwa d-distorsjonijiet sinifikanti elenkati fl-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Mingħajr tali kuntest, it-tifsira tad-distorsjonijiet tibqa' kompletament vaga u miftuħa. Bil-ħsieb tal-għadd kbir ta' fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet f'pajjiż, jekk jiġi interpretat b'mod differenti, isir kważi impossibbli li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit għal parametri referenzjarji u ammonti mingħajr distorsjoni. Barra minn hekk, anki jekk kellha tiġi segwita t-tifsira ordinarja ta' "distorsjoni", fis-*CCCME* l-Qorti Ġenerali elaborat dwar it-tifsira ta' "data distorta" fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-Kummissjoni użat tali data fil-ħidma tagħha tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Qorti sabet li biex titqies bħala "distorta" irid jintwera li tali data "*ġiet immanipulata jew mhijiex vera għar-realtà*" ([14]). Bl-istess mod għar-rikorrenti fiċ-*CCCME*, Fusong naqas milli jipprovdi evidenza għal dan l-għan.

(66) Fir-rigward tal-punt (c)(iii), il-Kummissjoni nnotat li, għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxi Fusong, id-data ppubblikata mill-Bank Ċentrali Tork tinkludi aġġustamenti għall-inflazzjoni, kemm fl-introjtu kif ukoll fl-ispejjeż. Filwaqt li dawn l-aġġustamenti mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Tax Procedure Law General Communiqué (Sekwenza Nru: 555) għall-2023, il-Bank Ċentrali Tork qies id-data finanzjarja rrapportata bħala affidabbli, preċiża u informattiva biżżejjed biex tkun jistħoqqilha tiġi ppubblikata u użata.

(67) Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, Fusong isostni fuq il-punt (c) meta tiġi miċħuda.

(68) Fir-rigward tal-punt (d), il-Kummissjoni ċċarat li d-daqs industrijali mhuwiex kriterju bħala tali skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (38), il-fatt li s-settur tal-MWF fil-Malażja huwa sottożviluppat iqajjem dubji dwar l-adegwatezza tad-data finanzjarja disponibbli għall-istabbiliment ta' ammonti raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitt. Dan huwa b'mod partikolari l-każ minħabba li din id-data hija limitata għal kumpanija waħda b'attivitajiet speċifiċi ħafna li x'aktarx mhumiex

([14]) Is-Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (CCCME) et vs Il-Kummissjoni Ewropea*, T-263/22, ECLI:EU:T:2024:663, il-punt 73.

rappreżentattivi għas-settur tal-MWF. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qisitx li huwa xieraq li toqgħod eskluživament fuq id-data ta' din il-kumpanija għall-istabbiliment ta' ammonti raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitt. Il-Kummissjoni qieset li għall-kuntrarju, id-daqs tas-settur tal-MWF fit-Turkija jagħmilha probabbli li s-settur usa' tal-injam jopera f'kundizzjonijiet simili bħas-settur tal-MWF, u għalhekk id-data għas-settur usa' tal-injam fit-Turkija tista' tintuża biex jiġu stabbiliti l-ammonti raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u għall-profitt. Fir-rigward tar-rieda ta' Fusong li juża d-data għas-settur usa' tal-injam fil-Malażja, li ġie spjegat fil-premessa (47), il-Kummissjoni ma setgħetx issib tali data. Barra minn hekk, Fusong la pprovda tali data, u lanqas ma ssuġġerixxa xi sorsi possibbli.

(69) Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, il-pretensjonijiet ta' Fusong dwar il-punt (d) ġew miċħuda.

(70) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Fusong ikkummenta dwar il-kalkolu tal-ammonti għall-profitt u għall-kostijiet SG&A u sostna li, filwaqt li l-Kummissjoni inkludiet l-ispejjeż finanzjarji fil-kostijiet SG&A, madankollu, l-istess spejjeż finanzjarji ma tnaqqsux mill-profitt li kien ibbażat fuq l-introjtu operatorju aktar milli fuq il-profitt qabel it-taxxa. Għalhekk, il-metodoloġiji applikati għall-istabbiliment tal-ammonti għall-kostijiet SG&A u għall-profitt kienu inkonsistenti u asimetriċi.

(71) Il-Kummissjoni nnotat li fid-data finanzjarja ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija għall-kumpaniji b'attivitajiet taħt in-NACE – C-162, l-introjtu minn operazzjonijiet oħra jinkludi entrata msejħa "Dividendi mill-parteċipazzjonijiet". Għall-2023, li hija s-sena użata inizjalment għall-kalkolu tal-Kummissjoni, din l-entrata kienet straordinarjament għolja meta mqabbla mas-snin preċedenti kollha u jkollha impatt sinifikanti jekk tiġi inkluża fil-kalkolu tal-ammont għall-profitt.

(72) Għal din ir-raġuni, fil-kalkolu tagħha ta' ammont għall-profitt, il-Kummissjoni inizjalment użat fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali definittiva l-introjtu operatorju, li ma jinkludix l-entrata ta' hawn fuq, diviż bis-COGS. Fil-kalkolu tagħha ta' ammont raġonevoli għall-kostijiet SG&A, il-Kummissjoni użat is-somma tal-ispejjeż operatorji u tal-ispejjeż ta' finanzjament (obbligazzjonijiet fuq terminu twil u qasir), diviża wkoll bis-COGS.

(73) Il-pretensjoni ta' Fusong li l-metodoloġija ta' hawn fuq għall-kalkolu tal-parametri referenzjarji għall-profitt u għall-kostijiet SG&A hija inkonsistenti u asimetrika nstabet li hija ġustifikata. Tabilħaqq, filwaqt li l-introjtu operatorju jenħtieġ li jkopri wkoll l-ispejjeż ta' finanzjament rispettivi sabiex il-kumpanija tkun profittabbli, tali spejjeż ta' finanzjament kienu ġew inklużi wkoll fil-kalkolu tal-kostijiet SG&A. Fi kliem ieħor, il-metodoloġija segwita fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali kienet tinkludi spejjeż finanzjarji fiż-żewġ ammonti li rriżulta f'għadd doppju tal-ispejjeż finanzjarji.

(74) Sabiex jiġi rrimedjat l-għadd doppju, ikun meħtieġ li jintuża l-profitt qabel it-taxxa li madankollu jinkludi "Dividendi mill-parteċipazzjonijiet" li kif spjegat hawn fuq fil-premessa (71) instabu li kienu straordinarjament għoljin. Għalhekk ġie konkluż li l-użu tad-data ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija għall-kumpaniji b'attivitajiet taħt in-NACE – C-162 għall-2023 mhuwiex xieraq peress li l-profittabbiltà tas-settur kienet affettwata ħafna minn dik l-entrata.

(75) Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni rrevediet il-kalkolu tagħha tal-ammonti għall-profitt u għall-SG&A, bl-użu tad-data finanzjarja ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija għall-kumpaniji b'attivitajiet taħt in-NACE – C-162 għall-2022. F'dik is-sena, kif ukoll fis-snin preċedenti, id-dividendi mill-parteċipazzjonijiet kienu f'livelli minimi u għalhekk ma kellhom l-ebda impatt fuq il-profittabbiltà ġenerali tas-settur. Għalhekk, l-ammont għall-kostijiet SG&A u għall-profitt ibbażat fuq iċ-ċifri tal-2022 tqies mill-Kummissjoni bħala raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(76) Għall-kalkolu rivedut tal-ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli għall-profitt, il-Kummissjoni użat il-profitt qabel l-entrati straordinarji diviż bis-COGS, filwaqt li nnotat li l-profitt qabel l-entrati straordinarji diġà huwa nett mill-ispejjeż finanzjarji. Għall-kalkolu rivedut tal-ammont għall-kostijiet SG&A, il-Kummissjoni użat l-istess approċċ bħal dak fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali, jiġifieri s-somma tal-ispejjeż operatorji u l-ispejjeż ta' finanzjament diviża bis-COGS abbażi tad-data finanzjarja ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija għall-kumpaniji b'attivitajiet taħt in-NACE – C-162 għall-2022.

(77) Wara r-reviżjoni fuq din il-bażi, l-SG&A espressi bħala perċentwal tas-COGS u applikati għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni, kienu jammontaw għal 16,1 %. Il-profitt espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni kien jammonta għal 8,4 %. Fit-12 ta' Mejju 2025 inħarġet divulgazzjoni addizzjonali f'dan ir-rigward (minn hawn 'il quddiem imsejħa wkoll "ADD").

(78) Wara d-divulgazzjoni definittiva, u b'referenza għall-kalkolu tal-kostijiet SG&A fuq il-bażi tad-data rrapportata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija għall-kumpaniji b'attivitajiet taħt in-NACE – C-162 għall-2023, Forest tenna t-talba tiegħu għall-esklużjoni ta' dak li qieset bħala spejjeż finanzjarji straordinarjament għoljin. Minflok, Forest issuġġerixxa li jiġu kkalkolati l-kostijiet SG&A fuq il-bażi tal-ispejjeż operatorji, jew alternattivament, bl-użu tal-proporzjon tal-ispejjeż finanzjarji mas-COGS tal-2022.

(79) Bil-ħsieb tar-reviżjoni tal-kalkolu tal-kostijiet SG&A fuq il-bażi tad-data rispettiva tal-2022 kif spjegat fil-premessa (76) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset il-punt bħala irrilevanti.

(80) Wara l-ADD, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-FEP, Fusong, u Forest.

(81) Fil-kummenti tagħha, il-FEP opponiet il-bidliet fil-kalkolu tal-profitt u tal-kostijiet SG&A, filwaqt li sostniet dan li ġej:

(a) Il-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tal-parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kostijiet SG&A u l-profitt fl-ADD hija żbaljata u titbiegħed b'mod mhux ġustifikat mill-PI favur id-data tal-2022, għall-kuntrarju tal-prattika tal-passat tal-Kummissjoni. B'mod partikolari:

(a) Il-paragun bejn l-2022 u l-2023 tal-profitt qabel it-taxxa espress bħala perċentwal tas-COGS juri li l-introjtu mid-dividendi fl-2023 ma għandu l-ebda impatt sinifikanti u

(b) l-użu tal-profitt qabel it-taxxa fl-2023 ma jwassalx għal asimetriji jew għadd doppju, u ma jkunx eċċessiv – kif jintwera minn każijiet oħra li fihom it-Turkija tkun intgħażlet bħala l-pajjiż rappreżentattiv.

(b) Id-determinazzjoni tal-profitt ibbażat fuq il-profitt qabel l-entrati straordinarji minflok il-profitt qabel it-taxxa ma tkunx ġustifikata u korretta u tmur ukoll kontra l-prattika tal-passat tal-Kummissjoni;

(c) Id-dazji anti-dumping imnaqqsa kkalkolati fl-ADD huma baxxi wisq u insuffiċjenti biex jipproteġu lill-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping u dannużi miċ-Ċina; u

(d) Il-bidla tardiva tal-Kummissjoni fil-metodoloġija għall-istabbiliment tal-parametri referenzjarji għall-kostijiet SG&A u l-profitt tirriżulta f'ilment formali, peress li l-Kummissjoni ma informatx lill-ilmentaturi fi żmien debitu dwar ir-raġunijiet għaliex qagħdet fuq l-introjtu operatorju (filwaqt li jidher li għamlet dan għall-produtturi esportaturi) u naqset milli tindirizza l-kummenti preċedenti tal-ilmentaturi f'dan ir-rigward sa issa.

(82) Fir-rigward tal-punti (a) u (b), il-Kummissjoni nnotat li fil-paragun li sar mill-FEP, id-differenza fl-ammont ikkalkolat tal-profitt bejn is-sena 2022 u 2023 bl-użu tal-profitt qabel it-taxxa tkun madwar 50 %, u għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jidher li tissuġġerixxi l-FEP, ikollha impatt sinifikanti ħafna fil-kalkolu tal-valur normali. Fi kwalunkwe każ, il-paragun tar-riżultati bejn is-sena 2022 u 2023 bl-użu tal-profitt qabel it-taxxa huwa irrilevanti. Il-kwistjoni li l-Kummissjoni indirizzat fid-divulgazzjoni addizzjonali tagħha hija primarjament kwistjoni ta' metodoloġija, li madankollu taffettwa wkoll il-kalkolu tal-marġni ta' dumping. Kif spjegat fil-premessa (71) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-inklużjoni fil-kalkolu tagħha ta' entrata li tidher kemm straordinarja kif ukoll kompletament mhux relatata mal-attivitajiet tal-kumpaniji ma tkunx korretta għall-finijiet ta' dan il-kalkolu.

(83) Fir-rigward tal-użu ta' data finanzjarja minn perjodu li ma jikkoinċidix mal-PI, il-Kummissjoni nnotat li fi kwalunkwe każ, il-prattika tal-passat mhijiex vinkolanti, u kull każ jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu stess. Skont il-ġurisprudenza, il-legalità ta' regolament li jimponi dazji anti-dumping trid tiġi vvalutata fid-dawl tar-regoli legali u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, u mhux fuq il-bażi tal-allegata prattika deċiżjonali preċedenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, għal dak il-għan u b'analoġija, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2021, *RFA International* vs *Il-Kummissjoni*, C-56/19 P, EU:C:2021:102, il-punt 79; tal-4 ta' Ottubru 2006, *Moser Baer India* vs *Il-Kunsill*, T-300/03, EU:T:2006:289, il-punt 45; u tat-18 ta' Ottubru 2016, *Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler* vs *Il-Kunsill*, T-351/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:616, il-punt 107).

(84) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-livell ta' profitti użati f'każijiet oħra bit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv huwa irrilevanti wkoll u ma jistax jintuża biex jiġi vvalutat jekk l-ammont ta' profitt stabbilit f'dan il-każ huwiex raġonevoli jew eċċessiv. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-każijiet imsemmija mill-FEP fis-sottomissjoni tagħha jikkonċernaw setturi oħra għajr is-settur tal-MWF jew anki s-settur usa' tal-injam.

(85) Fir-rigward tal-punt (c), il-Kummissjoni nnotat li skont ir-Regolament bażiku, il-kalkolu tal-marġni tad-dumping huwa kompletament indipendenti mill-kalkolu tal-marġni tad-dannu. Għalhekk, il-kunsiderazzjoni tal-prossimità tal-marġni tad-dumping mal-marġni tad-dannu hija kompletament irrilevanti.

(86) Fir-rigward tal-punt (d), il-Kummissjoni ċċarat li, għall-kuntrarju ta' dak li tissuġġerixxi l-FEP, ir-raġunijiet għall-użu tal-introjtu operatorju fid-divulgazzjoni definittiva ġew mgħarrfa fl-istess ħin lill-partijiet interessati kollha.

(87) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni addizzjonali, Fusong sostna dan li ġej:

(a) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinjora d-data finanzjarja tal-2023 u toqgħod fuq dik tal-2022 trendi l-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq partikolarment problematika u mhux ġustifikata, u li minflok jenħtieġ li tintgħażel il-Malażja. Biex jissostanzja l-pretensjoni tiegħu, Fusong argumenta li, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u l-prattika stabbilita tal-Kummissjoni, jitlob li d-data faċilment disponibbli, inkluża d-data finanzjarja, ma tridx tkun biss mingħajr distorsjoni u affidabbli, iżda tkun tappartjeni wkoll għas-settur tal-prodott taħt investigazzjoni u għall-perjodu ta' investigazzjoni.

(b) L-inklużjoni ta' ċerti entrati fil-kategoriji Introjtu/Spejjeż minn operazzjonijiet oħra, u b'mod partikolari "Dividendi mill-Parteċipazzjonijiet" fil-profitt qabel it-taxxa għad-determinazzjoni tal-parametru referenzjarju għall-profitt hija żbaljata. Id-"Dividendi mill-Parteċipazzjonijiet" jirreferu għal introjtu minn attivitajiet ta' investiment minflok attivitajiet ta' produzzjoni u bejgħ tal-MWF u għalhekk jenħtieġ li jiġu esklużi min-natura tagħhom mill-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-profitt. L-istess japplika għall-entrati l-oħra, bħal "Dividendi minn Impriżi Affiljati", "Dispożizzjonijiet li huma Kkanċellati", "Introjtu mill-Bejgħ ta' Titoli" u "Profitti ta' Aġġustament għall-Inflazzjoni", li jew mhumiex relatati mal-attivitajiet tal-prodott taħt investigazzjoni inkella jirriżultaw purament minn trattament kontabilistiku mingħajr bażi ta' tranżazzjoni reali.

(c) L-asimetrija fil-kalkolu tal-profitt u tal-kostijiet SG&A tippersisti, minħabba li l-introjtu u l-ispejjeż minn operazzjonijiet oħra huma parti mill-kalkolu tal-profitt, filwaqt li mhumiex parti mill-kalkolu tal-kostijiet SG&A. Fusong argumenta li jekk l-introjtu u l-ispejjeż minn operazzjonijiet oħra jiġu esklużi kemm mill-kalkolu tal-profitt kif ukoll minn dak tal-SG&A, il-profitt espress bħala perċentwal tas-COGS jenħtieġ li jkun 5,8 %, minflok 8,4 %. Jekk, għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li jiġu inklużi kemm fil-kalkolu tal-profitt kif ukoll f'dak tal-SG&A, l-SG&A espressi bħala perċentwal tas-COGS jenħtieġ li jkun 13,4 % minflok 16,1 %.

(88) Bi tweġiba għall-punt (a), u kif spjegat fil-premessa (71) hawn fuq, filwaqt li d-data tal-2023 kienet affidabbli, ma ppermettietx il-kalkolu ta' ammont raġonevoli għall-profitt u għall-kostijiet SG&A. L-użu ta' data minn perjodu li ma jikkoinċidix mal-PI kien ġustifikat f'dan il-każ fin-nuqqas ta' data xierqa għall-PI fit-Turkija jew kwalunkwe pajjiż rappreżentattiv possibbli ieħor għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (46) sa (48) u fil-premessa (76) hawn fuq. F'dan il-każ, il-Kummissjoni użat data tal-2022, li qieset affidabbli u reċenti biżżejjed u għalhekk wasslet għal ammonti għall-kostijiet SG&A u għall-profitt li huma "mingħajr distorsjoni" u "raġonevoli" skont it-tifsira tal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Fusong naqas milli juri l-oppost.

(89) Bi tweġiba għall-punt (b), il-Kummissjoni qieset li l-introjtu minn operazzjonijiet u spejjeż oħra minn operazzjonijiet oħra huwa ġeneralment parti mill-operazzjonijiet normali ta' kumpanija f'settur tal-manifattura. Dment li d-daqs tagħhom ma jkunx straordinarju, kif jintwera pereżempju billi jitqabbel mal-entrati operatorji ewlenin bħall-fatturat jew l-introjtu operatorju, dawn jistgħu jiġu inklużi fil-kalkolu ta' ammonti raġonevoli għall-profitt u għall-kostijiet SG&A. Fusong naqas milli juri li l-inklużjoni ta' tali introjtu twassal għal ammonti għall-kostijiet SG&A u għall-profitt li jew mhumiex raġonevoli inkella huma distorti.

(90) Bi tweġiba għall-punt (c), il-Kummissjoni qieset li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni Fusong, ma hemm l-ebda asimetrija fil-kalkolu. Fir-rigward taż-żewġ kalkoli alternattivi ssuġġeriti minn Fusong, il-Kummissjoni osservat li fiż-żewġ kalkoli alternattivi, l-introjtu u l-ispejjeż minn operazzjonijiet oħra huma effettivament injorati kompletament. Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (89) hawn fuq, il-Kummissjoni ma qisitx li kien xieraq li tinjorahom, u għalhekk, ma aċċettatx il-kalkoli alternattivi ta' Fusong.

(91) Bil-ħsieb ta' dan ta' hawn fuq, il-pretensjonijiet ta' Fusong ġew miċħuda.

3.1.3. *Parametri referenzjarji għall-fatturi ta' produzzjoni*

(92) Il-Forest Group sostna li l-użu tal-injam isserrat biex jinħadem parametru referenzjarju għall-fuljetti mhuwiex ġustifikat, u, madankollu, mingħajr ma pprovda xi element biex jissostanzja din il-pretensjoni fil-verżjoni miftuħa tal-kummenti tiegħu.

(93) Il-Kummissjoni qieset li l-approċċ tagħha għall-istabbiliment ta' parametru referenzjarju għall-fuljetti fuq il-bażi tal-kost għall-injam isserrat huwa ġġustifikat bis-sħiħ, fid-dawl tal-fatt li l-prezzijiet tal-fuljetti huma influwenzati b'mod sinifikanti mill-ispeċi tal-injam u għalhekk parametru referenzjarju bbażat fuq kodiċi SA ġeneriku irrispettivament mill-ispeċi tal-injam ma jirriflettix il-prezzijiet tas-suq reali tal-fuljetti, kif spjegat fid-dettall fil-premessa (170) tar-Regolament proviżorju. Bil-ħsieb tal-fatt li l-Forest Group ma pprovda l-ebda element biex jissostanzja l-pretensjonijiet tiegħu u jikkontradixxi l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, ġew miċħuda dawn il-pretensjonijiet.

(94) Il-Fusong Group sostna li l-applikazzjoni ta' parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-materjal ta' input ewlieni, jiġifieri z-zkuk tal-ballut użati mill-grupp fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, ma kinitx ġustifikata. Il-kumpanija affermat li l-maġġoranza l-kbira taz-zkuk jinxtraw direttament mill-Ewropa, kif sostnut li ġie kkonfermat minn dokumenti ta' sostenn ippreżentati matul l-investigazzjoni. Skont il-kumpanija, il-prezzijiet taz-zkuk tal-ballut mhumiex distorti u jirriflettu l-kundizzjonijiet tas-suq internazzjonali. Barra minn hekk, il-kumpanija sostniet li l-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet tax-xiri ġew espressi f'euro u ma hemm l-ebda produzzjoni lokali ta' zkuk tal-ballut minħabba l-projbizzjoni tat-tqaċċit tal-foresti naturali. B'hekk, fil-fehma ta' Fusong, il-prezzijiet ma setgħux jiġu affettwati mid-distorsjonijiet fiċ-Ċina.

(95) Il-pretensjonijiet li jikkonċernaw ix-xiri dirett taz-zkuk ma kinux appoġġati minn evidenza adegwata. Il-Kummissjoni ma ġiet ippreżentata bl-ebda evidenza li tikkonferma li l-kumpanija xtrat kwantità sinifikanti ta' materja prima direttament mill-forniturі Ewropej. Mid-dokumenti u l-informazzjoni pprovduti fl-investigazzjoni mill-produttur esportatur, jidher li kważi z-zkuk kollha nxtraw minn kumpaniji Ċiniżi (negozjanti), minkejja li l-oġġetti ġew ittrasportati minn pajjiżi terzi. Il-kumpanija ma ppreżentat l-ebda evidenza li tikkontradixxi d-distorsjoni sinifikanti stabbilita fir-RPĊ, kif deskritt fit-taqsima 3 tar-Regolament proviżorju. Ma kien hemm l-ebda elaborazzjoni ulterjuri dwar kif il-munita użata għax-xiri taffettwa d-distorsjoni fis-suq, u l-Kummissjoni ma qisitx dan l-argument rilevanti għall-analiżi f'din il-kwistjoni. Barra minn hekk, il-projbizzjoni fuq il-ħsad tal-ballut għal użu kummerċjali ma tipprekludix l-eżistenza ta' distorsjoni. Irid jitfakkar li d-distorsjoni tappartjeni għas-settur tal-injam kollu kemm hu, inklużi l-forniturі, kif imsemmi fil-premessa (125) tar-Regolament proviżorju: "*Meta l-produtturi tal-prodott ikkonċernat jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-forniturі tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għal distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għal distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.*" Minħabba li l-maġġoranza l-kbira taz-zkuk jinxtraw minn kumpaniji Ċiniżi, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi b'mod pożittiv, fuq il-bażi tal-evidenza fil-fajl, li ma kinux distorti l-kostijiet tax-xiri taz-zkuk tal-ballut mill-Fusong Group. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(96) Wara d-divulgazzjoni definittiva, il-Fusong Group sostna wkoll li xtara l-maġġoranza l-kbira taz-zkuk tal-ballut minn negozjanti bbażati barra ċ-Ċina kontinentali, f'pajjiż terz li ma jistax jiġi ddivulgat minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Dawn in-negozjanti huma inkorporati skont il-liġi lokali u jenħtieġ li jitqiesu bħala negozjanti Ċiniżi. Barra minn hekk, iż-żewġ negozjanti ewlenin huma parti mill-gruppi dinjija, u wieħed elenkat fin-NASDAQ u huwa soġġett għar-regolamenti tal-borża u r-regoli ta' governanza tal-Istati Uniti. Fusong tenna li z-zkuk jiġu ttrasportati direttament mill-Ewropa. Fl-opinjoni ta' Fusong, il-prezzijiet huma fil-livell tas-suq u għalhekk jenħtieġ li l-parametru referenzjarju għaz-zkuk tal-ballut ma jkunx applikabbli.

(97) Il-Kummissjoni sostniet li l-post tad-dispaċċ tal-oġġetti huwa irrilevanti fil-valutazzjoni tad-distorsjoni tal-prezzijiet. Kif ġie stabbilit fil-premessa 54, id-distorsjoni tikkonċerna wkoll lill-fornituri. Il-fatt li l-kumpanija hija bbażata barra ċ-Ċina kontinentali, f'pajjiż terz li ma jistax jiġi ddivulgat minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, ma jbiddilx il-fatt li n-negozjant fil-fatt huwa kumpanija bi sjieda Ċiniża u huwa affettwat mid-distorsjonijiet sinifikanti li nstabu għall-pajjiż. Irid jiġi nnotat li l-fornitur ewlieni, li l-kumpanija azzjonarja tiegħu hija elenkata fin-NASDAQ, għandu kumpanija sussidjarja fiċ-Ċina kontinentali, u barra minn hekk is-sid benefiċjarju u d-direttur tal-kumpanija azzjonarja huwa membru ta' wieħed mill-kumitati tal-Konferenza Konsultattiva Politika tal-Poplu Ċiniż. Ir-relazzjonijiet tal-maniġment tan-negozjant mal-korp politiku Ċiniż u s-sjieda tal-kumpanija bbażata fiċ-Ċina jikkonfermaw ukoll li x-xiri permezz ta' dan in-negozjant għandu jitqies bħala soġġett għal distorsjonijiet. Fir-rigward tat-tieni grupp, il-kumpanija tinsab fl-istess pajjiż bħal dak preċedenti, u l-prezzijiet tagħhom huma fil-livell simili bħall-fornitur ewlieni, li jindika li huma affettwati wkoll mid-distorsjonijiet. Fl-aħħar nett, dawn il-forituri kollha huma attivi fis-suq Ċiniż u għalhekk il-prezzijiet tagħhom huma affettwati mid-distorsjonijiet sinifikanti permezz tal-forzi tal-kompetizzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(98) Wara d-divulgazzjoni addizzjonali, li ma indirizzatx il-pretensjoni dwar il-prezzijiet referenzjarji għaz-zkuk, Fusong talab lill-Kummissjoni tqis mill-ġdid il-valutazzjoni tagħha f'dan ir-rigward billi tirreferi għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni definittiva. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni baqgħet l-istess.

(99) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Fusong argumenta li jekk it-Turkija tinżamm bħala l-pajjiż rappreżentattiv, jenħtieġ li l-parametri referenzjarji lavorattivi u tal-elettriku jiġu aġġustat 'l isfel, biex jitneħħew l-effetti ta' influwenzi straordinarji fil-pajjiż bħall-inflazzjoni. Fusong ippropona l-użu tar-rata medja tal-inflazzjoni fit-Turkija matul perjodu twil biżżejjed qabel l-2021, matul is-snin meta inflazzjoni eċċezzjonalment għolja jew kwalunkwe ċirkostanza straordinarja oħra ma kellhomx impatt fuq il-pajjiż, sabiex jinħadmu mill-ġdid il-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku li kellhom jiġġarrbu mill-produtturi lokali matul il-PI fin-nuqqas ta' tali influwenzi straordinarji.

(100) Il-Kummissjoni nnotat li għar-raġunijiet spjegati fil-premessi (60) u (61), jenħtieġ li l-kostijiet lavorattivi u tal-elettriku ma jitqisux bħala distorti. Għalhekk, il-pretensjonijiet ta' Fusong dwar il-ħtieġa ta' aġġustament ġew miċħuda.

3.2. **Kostijiet tal-manifattura**

(101) Il-FEP talbet ukoll konferma li l-valur normali jinkludi stima tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura, biex ikopri l-kostijiet tal-manifattura mhux inklużi fil-fatturi ta' produzzjoni.

(102) Il-Kummissjoni kkonfermat li, kif spjegat fil-premessi (193) sa (194) tar-Regolament proviżorju, tali kostijiet ġew stabbiliti u inklużi fil-valur normali.

3.3. **Prezz tal-esportazzjoni**

(103) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-prezz tal-esportazzjoni, il-premessi (201) sa (202) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.4. **Paragun**

(104) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, żewġ produtturi esportaturi, jiġifieri l-Fusong Group u l-Forest Group, sostnew li l-aġġustament tal-valur normali minħabba l-VAT mhux rimborżabbli fuq l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jenħtieġ li ma japplikax għalihom peress li fil-fatt irċevew rifużjoni tal-VAT. Il-kumpaniji indikaw li rċevew rifużjoni tal-VAT għall-bejgħ għall-esportazzjoni tagħhom minħabba li ma esportawx il-prodott ikkonċernat taħt il-kodiċi tariffarja 4418 75. Minflok, sostnew li esportaw il-prodott ikkonċernat taħt subintestaturi oħra, jiġifieri 4412 92 u 4412 52. Il-kumpaniji sostnew ukoll li huma ppreżentaw dikjarazzjonijiet doganali tal-esportazzjoni u dokumentazzjoni tar-rifużjoni tal-VAT li jikkonfermaw l-irċevuta reali tar-rifużjoni tal-VAT.

(105) Il-Kummissjoni rieżaminat il-pretensjonijiet ippreżentati mill-produtturi esportaturi rigward il-klassifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat taħt kodiċijiet SA differenti. Wara eżami, ma sabet l-ebda evidenza sostantiva biex issostni l-fatt li dawn iż-żewġ produtturi esportaturi kklassifikaw l-esportazzjonijiet tal-prodotti taħt kodiċi differenti mill-kodiċi SA li jenħtieġ li l-prodott ikkonċernat jiġi kklassifikat taħtu, li huwa l-kodiċi SA 4418 75. Il-Kummissjoni ma ddubitatx id-dikjarazzjoni reali tal-bejgħ għall-esportazzjoni u lanqas il-formoli tar-rifużjoni tal-VAT. Hija vvalutat jekk il-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat jekk iddikjarat taħt il-kodiċi SA korrispondenti kienx soġġett għal rifużjoni tal-VAT. Il-Kummissjoni mbagħad stabbiliet li l-prodott ikkonċernat, li jaqa' taħt il-kodiċi SA 4418 75, mhuwiex soġġett għal rifużjoni tal-VAT. L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma oġġezzjonat li d-definizzjoni tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi SA 4418 75 fiċ-Ċina tallinja mad-definizzjoni użata f'din l-investigazzjoni u lanqas ma spjegat għaliex huma ddikjaraw il-bejgħ għall-esportazzjoni tagħhom taħt kodiċi SA differenti u mhux taħt il-kodiċi SA 4418 75.

(106) Iż-żewġ produtturi esportaturi rreferew għad-dokumentazzjoni li ppreżentaw matul l-investigazzjoni rigward id-dikjarazzjonijiet tal-VAT. Madankollu, ma ppreżentaw l-ebda dokumentazzjoni jew raġuni biex jiġġustifikaw devjazzjoni mill-klassifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat taħt xi kodiċi ieħor ħlief 4418 75. Is-sempliċi fatt li l-produtturi esportaturi ddikjaraw il-prodott taħt kodiċi differenti ma jikkonfermax il-korrettezza tiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtodikjarazzjoni tat-tranżazzjoni għall-esportazzjonijiet u l-klassifikazzjoni tariffarja tagħha mill-kumpaniji, fin-nuqqas ta' kwalunkwe dokumentazzjoni oħra li tikkonferma li din il-klassifikazzjoni kienet korretta, ma jikkostitwixxux raġunijiet biżżejjed li tikklassifika l-prodott taħt il-kodiċi bir-rifużjoni tal-VAT. Il-kumpaniji, billi ddikjaraw il-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat taħt il-kodiċi li ma jikkorrispondix mad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, effettivament naqqsu l-prezz tal-esportazzjoni billi rċevew ir-rifużjoni tal-VAT.

(107) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li tindika li l-prodott ikkonċernat jenħtieġ li jiġi kklassifikat taħt subintestatura differenti minn 4418 75, għalhekk, il-valur normali ġie aġġustat kif xieraq mill-VAT mhux rimborżabbli. Il-produtturi esportaturi ma pprovdew l-ebda evidenza li jenħtieġ li jiġu eżentati mill-applikazzjoni ta' din ir-regola, u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat għall-esportazzjoni jenħtieġ li ma jiġix ikklassifikat taħt il-kodiċi SA 4418 75. Għalhekk, il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(108) Fil-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni definittiva, Forest u Fusong tennew il-pretensjoni tagħhom li l-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni kellhom jitnaqqsu mill-kalkolu tal-kostijiet SG&A. Il-partijiet sostnew li, peress li tali spejjeż tnaqqsu mill-prezz tal-esportazzjoni, jenħtieġ li dawn jitnaqqsu wkoll mill-valur normali biex jiġi żgurat li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' paragun. Biex jiġu stmati l-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni, il-partijiet tennew il-proposta tagħhom li jużaw id-data finanzjarja dettaljata faċilment disponibbli ta' Orma. B'mod partikolari, ippproponew li jiġi kkalkolat il-proporzjon tal-ispejjeż tat-trasport u d-distribuzzjoni ta' Orma mal-ispejjeż operatorji totali tagħha u li dan il-proporzjon jiġi applikat għall-ispejjeż operatorji rrapportati mill-Bank Ċentrali Tork għall-attivitajiet taħt in-NACE-162. Barra minn hekk, Forest qies li jekk il-Kummissjoni ma tistax tistma l-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni b'biżżejjed preċiżjoni, jenħtieġ li ma tnaqqasx l-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni mill-prezz tal-esportazzjoni.

(109) Il-Kummissjoni nnotat li, meta tikkalkula l-valur normali fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, normalment tnaqqas l-ispejjeż tat-trasport meta jiġu identifikati b'mod ċar u separat tali spejjeż. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li fis-sentenza tagħha fis-*CCCME*, il-Qorti Ġenerali l-ewwel fakkret li f'konformità mal-ġurisprudenza, jekk parti titlob aġġustamenti skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku sabiex il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni jsiru komparabbli għall-fini tad-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping, dik il-parti trid tipprova li hija ġustifikata d-dikjarazzjoni tagħha. L-oneru tal-provi li jridu jsiru l-aġġustamenti speċifiċi elenkati fl-Artikolu 2(10)(a) sa (k) tar-Regolament bażiku jaqa' fuq dawk li jixtiequ joqogħdu fuqhom ([15]). Minn dan isegwi li, f'dak il-każ, bħal f'din l-investigazzjoni, kienu l-partijiet interessati, f'konformità ma' dik il-ġurisprudenza, li kellhom juru l-ħtieġa għall-aġġustament mitlub b'sostenn tal-evidenza li huma pproduċew matul l-investigazzjoni ([16]).

([15]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME et vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, ECLI:EU:T:2024:663, il-punt 183.
([16]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME et vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, ECLI:EU:T:2024:663, il-punt 185.

(110) Il-Qorti Ġenerali mbagħad iddeċidiet li jenħtieġ li jiġi nnotat li għalkemm il-prattika li jsiru aġġustamenti tista' tirriżulta meħtieġa, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, biex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali li jaffettwaw il-komparabbiltà tagħhom, tali tnaqqis ma jistax isir fir-rigward ta' valur li jkun inħadem u li, għalhekk, ma jkunx ġenwin. Dan il-valur mhuwiex ġeneralment affettwat minn fatturi li jistgħu jippreġudikaw il-komparabbiltà tiegħu, peress li jkun ġie stabbilit b'mod artifiċjali ([17]). Barra minn hekk, bħal fil-każ tas-CCCME, f'dan il-każ, il-ħdim tal-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' "kif joħroġ mill-fabbrika" kien jinkludi ammont raġonevoli għall-kostijiet SG&A u ma kien hemm l-ebda evidenza konkreta li turi jekk (u jekk iva sa liema punt) il-kostijiet SG&A użati kinux jinkludu spejjeż konkreti tat-trasport u tad-distribuzzjoni. Konsegwentement, bil-ħsieb tad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku ([18]), l-approċċ tal-Kummissjoni aderixxa mal-ġurisprudenza l-aktar reċenti li tikkonċerna pretensjonijiet mhux sostanzjati li l-ammonti għall-kostijiet SG&A użati fil-ħdim tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a)(a), li huma meqjusa mill-Kummissjoni bħala raġonevoli għal-livell ta' kummerċ ta' kif joħroġ mill-fabbrika, jinkludu l-kostijiet tat-trasport. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(111) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (49), id-data ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija ma kellhiex informazzjoni dettaljata dwar dawn il-kostijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-proporzjon tal-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni mal-ispejjeż operatorji ġenerali, dment li dawn ikunu ġew inklużi fl-ewwel lok li ma ntweriex mill-partijiet interessati f'dan il-proċediment, jista' jvarja b'mod konsiderevoli skont fatturi bħall-post tal-fabbrika, id-destinazzjonijiet li lejhom jiġi ttrasportat il-prodott ([19]), u t-termini tal-konsenja. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni speċifika dwar dawn il-fatturi fid-data ppubblikata mill-Bank Ċentrali tat-Turkija, il-Kummissjoni qieset li aġġustament fuq il-bażi tad-data finanzjarja ta' Orma ma kienx xieraq.

(112) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-inklużjoni tal-ispejjeż tat-trasport fil-prezz tal-esportazzjoni ma tippermettix paragun ġust. Dan għaliex dan jimplika li l-ispejjeż tat-trasport u tad-distribuzzjoni mġarrba mill-kumpaniji Torok fis-settur usa' tal-injam huma simili għal dawk tal-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-MWF. Madankollu, ma hemm l-ebda bażi għal tali suppożizzjoni.

(113) Wara d-divulgazzjoni addizzjonali, Fusong u Forest tennew il-pretensjonijiet tagħhom dwar l-aġġustament 'l isfel tal-kostijiet SG&A fuq il-bażi tal-kostijiet tat-trasport imġarrba minn Orma, madankollu mingħajr ma għamlu argumenti ġodda. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(114) Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni qieset li bil-ħsieb tal-informazzjoni disponibbli għaliha, aġġustament tal-kostijiet SG&A għall-kostijiet tat-trasport ma kienx ġustifikat u ġew miċħuda l-pretensjonijiet tal-partijiet.

(115) Wara d-divulgazzjoni definittiva, żewġ gruppi, il-Fusong u l-Forest, ikkummentaw dwar is-sejbiet li abbażi tagħhom il-valur normali kien ġie aġġustat għall-VAT mhux rimborżabbli.

(116) L-ewwel nett, iż-żewġ partijiet sostnew li l-Kummissjoni ma għandhiex kompetenza biex tivvaluta l-klassifikazzjoni tariffarja Ċiniża. Barra minn hekk, sostnew li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija skorretta, u fiċ-Ċina, il-prodott ikkonċernat jista' jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi 4412 52 jew 4412 92. Forest ippreżenta n-noti doganali Ċiniżi - Oġġetti b'Tariffi Doganali u Noti ta' Punti Tariffarji, noti għall-kapitolu 44 b'noti tas-subintestaturi. Fuq il-bażi ta' dan, Forest sostna li jenħtieġ li l-prodott ikkonċernat jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 4412. Barra minn hekk, Forest innota li l-Kummissjoni ma segwiet l-ebda spjegazzjoni jew konferma mill-awtoritajiet doganali Ċiniżi f'dan ir-rigward.

(117) It-tieni, Forest sostna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi l-bażi legali eżatta għall-aġġustament u telabora dwar l-issodisfar tal-kriterji għall-applikazzjoni tagħha, jiġifieri li l-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali mhumiex fuq bażi komparabbli, u li hemm fattur speċifiku li jaffettwa l-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

(118) Fl-aħħar nett, iż-żewġ partijiet sostnew li irrispettivament mill-valutazzjoni tal-kodiċijiet applikabbli għall-prodott ikkonċernat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni mat-taxxa rimborżata reali peress li l-prezz tal-esportazzjoni kien fil-fatt nett mill-VAT.

([17]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME et vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, ECLI:EU:T:2024:663, il-punt 188.
([18]) Is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, *CCCME et vs Il-Kummissjoni*, T-263/22, ECLI:EU:T:2024:663, il-punt 184.
([19]) Pereżempju, Orma ssostni li hija tittrasporta lejn 32 pajjiż f'5 kontinenti: https://www.orma.com.tr/en/about/.

(119) Rigward l-ewwel pretensjoni, il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda pożizzjoni fl-evalwazzjoni jew fil-valutazzjoni tal-klassifikazzjoni tariffarja Ċiniża. Il-Kummissjoni nnotat li l-prodott ikkonċernat huwa kklassifikat taħt il-kodiċi SA, li d-deskrizzjoni tiegħu hija armonizzata u għalhekk l-istess kemm fl-UE kif ukoll fiċ-Ċina. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodott ikkonċernat jaqa' taħt il-kodiċi SA 4418 75. Il-Kummissjoni ma interferixxietx fin-nomenklatura tariffarja Ċiniża, iżda stabbiliet li l-kodiċi u d-deskrizzjoni tal-kodiċi SA 4418 75 huma allinjati mal-prodott taħt investigazzjoni. Abbażi ta' din is-sejba, ġie stabbilit li l-prodott ikkonċernat jaqa' taħt il-kodiċi SA 4418 75 fir-RPĊ, li għalih ma hemm l-ebda rifużjoni tal-VAT fil-każ ta' bejgħ għall-esportazzjoni. Rigward l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma kkonsultatx lill-GTĊ f'dan ir-rigward, din hija bla bażi. Kif ġie deskritt fil-premessa (16) tar-Regolament Proviżorju, il-GTĊ ma kkooperax f'din l-investigazzjoni u, minkejja li pprovdiet ir-regolament proviżorju lill-GTĊ, u d-dokument ta' divulgazzjoni definittiva, il-GTĊ ma pprovda l-ebda kumment, wisq anqas evidenza għall-kuntrarju, dwar din il-kwistjoni.

(120) Fil-kummenti tiegħu, Forest sostna li skont in-noti ta' spjegazzjoni tat-Tariffa Doganali Ċiniża, l-intestatura 4418 ma tirreferix għall-prodott taħt investigazzjoni għalkemm ikkwotat li dan il-kodiċi jinkludi "*paviment immuntat, (inkluż pavimenti tal-parkè) jew [...]*" li preċiżament huwa l-prodott taħt investigazzjoni. Barra minn hekk, Forest naqas milli ssemmi fil-kummenti tagħha, li fl-istess noti ta' spjegazzjoni, hemm esklużjoni ta' xi prodotti, jiġifieri: *Din l-intestatura ma tinkludix: (1) Plywood, pannelli miksija bil-fuljetta, u injam laminat simili, li għandhom fuljetta rqiqa tal-injam imwaħħla mal-wiċċ biex timita l-art immuntata tal-intestatura 44.18 (l-intestatura 44.12).* Għalhekk, huma biss il-prodotti b'fuljetta rqiqa li qed jimitaw il-prodott taħt investigazzjoni iżda li mhumiex il-prodott taħt investigazzjoni li jaqgħu taħt il-kodiċi użat mill-esportaturi li huwa 4412 52 u 4412 92.

(121) Barra minn hekk, skont l-interpretazzjoni ta' Forest, xi prodotti oħrajn jistgħu jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 4418, bħal pereżempju saffi protettivi ta' paviment tal-injam b'diversi saffi. Il-Kummissjoni nnotat li Forest esporta wkoll prodotti kklassifikati bħala b'diversi saffi u xorta ma applikatx l-SA 4418 għal dan il-bejgħ. Dan il-bejgħ ġie rrapportat mingħajr ebda taxxa. Imbagħad jidher li anki abbażi tan-noti ta' spjegazzjoni, il-kodiċijiet applikati mill-kumpanija għall-prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni ma jikkorrispondux għad-deskrizzjoni tal-prodott. Għalhekk, il-Kummissjoni ma bidlitx il-konklużjoni tagħha li l-prodott ikkonċernat jaqa' taħt l-intestatura SA 4418.

(122) It-tieni, il-Kummissjoni b'dan tikkonferma li l-bażi legali użata hija l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku, li jirreferi għal fatturi oħra li jistgħu jaffettwaw il-paragun tal-prezzijiet. Il-kumpaniji sostnew li l-VAT mhux rimborżabbli għall-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodotti taħt il-kodiċi 4418 75 ma taffettwax il-paragun tal-prezzijiet peress li l-esportaturi fil-fatt irċevew il-VAT rimborżata għal dan il-bejgħ. Skont il-produtturi esportaturi, il-fatt li l-kumpaniji rċevew ir-rifużjoni tal-VAT minħabba li l-oġġetti ġew ikklassifikati taħt il-kodiċi SA ta' prodotti għajr il-prodott taħt investigazzjoni huwa irrilevanti, u huwa biss il-fatt tar-rifużjoni effettivament riċevuta li jenħtieġ li jitqies għall-paragun tal-prezz u l-aġġustamenti skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni tenniet li abbażi tas-sejba fl-investigazzjoni, il-prodott taħt investigazzjoni ma jibbenefikax mir-rifużjoni tal-VAT; għalhekk, il-valur normali ġie aġġustat skont dan. Għalhekk, aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(k) kien ġustifikat.

(123) Barra minn hekk, il-pretensjoni ta' Forest li l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku jirrikjedi standard legali u evidenzjarju ogħla għall-aġġustamenti meta mqabbel ma' dawk applikabbli skont il-punti (a) sa (j) mhijiex preċiża. L-istandard meħtieġ skont il-punt (k) dejjem għandu l-għan li jiżgura paragun ġust bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, kif stabbilit f'termini ġenerali fix-chapeau tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-istandard legali u evidenzjarju għall-aġġustamenti skont l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku huwa l-istess bħal dak applikabbli skont ittri oħra ta' dik id-dispożizzjoni. B'hekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni u baqgħet għaddejja bil-valutazzjoni fil-premessi (104) – (107).

(124) Il-pretensjonijiet tal-kumpaniji li l-prezz tal-esportazzjoni tagħhom huwa nett mill-VAT ma ġewx aċċettati minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-premessi (116)-(118) hawn fuq, bl-użu tal-kodiċi SA li mhuwiex konformi mad-deskrizzjoni tal-prodott fin-nomenklatura doganali. L-ebda waħda mill-kumpaniji ma ssostanzjat il-pretensjonijiet tagħha b'raġunijiet biżżejjed li juru li l-klassifikazzjoni taħt kodiċi ieħor jenħtieġ li tiġi applikata għall-prodott taħt investigazzjoni.

(125) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodott taħt investigazzjoni jaqa' taħt il-kodiċi SA 4418 75 u l-valur normali jenħtieġ li jiġi aġġustat kif xieraq għall-VAT mhux rimborżabbli għall-paragun ġust. Il-pretensjonijiet tal-kumpaniji f'dan ir-rigward ġew miċħuda.

(126) Wara d-divulgazzjoni addizzjonali, li ma kinitx tikkonċerna l-pretensjonijiet dwar l-aġġustament għall-VAT mhux rimborżabbli, iż-żewġ partijiet talbu lill-Kummissjoni tqis mill-ġdid il-valutazzjoni tagħha f'dan ir-rigward filwaqt li rreferew għall-kummenti preċedenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni definittiva. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni baqgħet l-istess.

3.5. Marġnijiet tad-dumping

(127) Wara r-reviżjoni tal-parametri referenzjarji għall-SG&A u għall-profitt kif deskritt fil-premessi (46) sa (51), il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping.

(128) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi espressi bħala perċentwal tal-prezz fil-fruntiera tal-Unjoni tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF, cost, insurance and freight), bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Forest Group	32,1 %
Fusong Group	36,1 %
JINFA Group	21,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	28,0 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ	36,1 %

4. DANNU

(129) Il-biċċa l-kbira tal-pretensjonijiet riċevuti ma segwewx, jew segwew parzjalment, l-istruttura tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni għamlet l-almu tagħha biex tinkludi l-pretensjonijiet riċevuti taħt it-taqsimiet xierqa tar-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li ħafna mill-pretensjonijiet ippreżentati minn CNFPIA taħt l-intestatura "dannu" kienu fil-fatt relatati ma' argumenti dwar il-kawżalità. Għalhekk, il-Kummissjoni indirizzat tali pretensjonijiet taħt it-taqsima 5 ta' dan ir-Regolament.

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(130) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (216) sa (217) tar-Regolament proviżorju.

4.2. Determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni

(131) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw id-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (218) sa (221) tar-Regolament proviżorju.

4.3. Konsum tal-Unjoni

(132) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw il-konsum tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (222) sa (226) tar-Regolament proviżorju.

4.4. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.4.1. *Kwantità u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(133) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-kwantitajiet tal-importazzjoni f'metri kwadri (m^2) ippubblikati mill-Eurostat urew tnaqqis aktar qawwi fl-importazzjonijiet matul il-perjodu kkunsidrat mit-tnaqqis fl-importazzjonijiet muri mid-data tal-Eurostat aġġustata mill-Kummissjoni fit-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju.

(134) Il-Kummissjoni tfakkar li diġà ġġustifikat fil-premessa (227) tar-Regolament proviżorju l-ħtieġa li l-kwantitajiet tal-importazzjoni tal-Eurostat jiġu aġġustati f'metri kwadri bil-ħsieb tad-difetti fid-data tal-Eurostat mhux aġġustata. Għalhekk, il-Kummissjoni ma ssibx merti fid-diskussjoni tax-xejriet segwiti mid-data mhux aġġustata.

(135) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CNFPIA sostniet li esprimiet dubji dwar il-ħtieġa għal aġġustament fid-data dwar l-importazzjoni u qieset li l-metodoloġija użata mill-Kummissjoni naqset milli tkun ibbażata fuq evidenza oġġettiva, verifikabbli u kredibbli.

(136) L-aġġustament li sar mill-Kummissjoni kien ġustifikat fil-premessa (227) tar-Regolament proviżorju. Madankollu, il-kummenti ta' CNFPIA ġew miċħuda peress li ma ngħatat l-ebda raġuni biex issostni l-fehma li l-aġġustament kien dubjuż jew li l-metodoloġija ma kinitx ibbażata fuq evidenza oġġettiva, verifikabbli u kredibbli.

(137) CNFPIA kkritikat ukoll l-użu li sar mid-data dwar l-importazzjoni (f'termini assoluti u fir-rigward tal-konsum) fis-sejbiet dwar id-dannu. CNFPIA ffukat kważi eskluživament fuq it-tnaqqis fil-kwantitajiet tal-importazzjoni fil-PI u t-tnaqqis fis-sehem mis-suq f'dik is-sena.

(138) Fl-analiżi tagħha fir-Regolament proviżorju (fit-Taqsima 4.4.1 li tinkludi t-Tabella 3), il-Kummissjoni ppreżentat valutazzjoni aktar bilanċjata tad-data dwar l-importazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat u spjegat il-kuntest tagħha. Fil-fatt, it-tnaqqis fil-konsum fil-PI (29 %) ifisser li d-data dwar is-sehem mis-suq tagħti qari aħjar tax-xejriet tal-volumi tal-importazzjonijiet minn ċifri assoluti. Kif iddikjarat fil-premessa (231) tar-Regolament proviżorju, l-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu minn 16,8 % fl-2020 għal 22,5 % li kienu jirrappreżentaw żieda ta' 34 %. It-tnaqqis fis-sehem mis-suq fl-2023 kien dovut għal livelli għoljin ta' stokkijiet tal-importaturi fi tmiem l-2022. Barra minn hekk, meta vvalutat in-natura dannuża tal-importazzjonijiet, is-CNFPIA ma qisitx li l-prezzijiet miċ-Ċina naqsu drastikament fl-2023 u rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni li l-livelli tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-perjodu kkunsidrat u l-PI ma kinux ta' ħsara ġiet miċħuda.

(139) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-kwantità u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, ġew ikkonfermati l-premessi (227) sa (231) tar-Regolament proviżorju.

(140) Is-CNFPIA ssottomettiet pretensjoni dwar il-kwantitajiet tal-importazzjoni fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-kawżalità tad-dannu. Din il-pretensjoni ġiet diskussa fit-taqsima 5.1 hawn taħt.

4.4.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(141) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Amorim, Barth, is-CNFPIA, MEFO Floor u Puderbach sostnew li l-livell ta' aġġustament tal-kummerċ (LoT, level of trade adjustment) użat mill-Kummissjoni fil-premessa (242) tar-Regolament proviżorju jenħtieġ li jiżdied peress li ma jkoprix l-ispejjeż kollha tal-ħażna, tal-loġistika, tal-bejgħ u tal-kummerċjalizzazzjoni li jiffaċċja distributur fis-suq tal-Unjoni. B'mod partikolari, Amorim ipproponiet li jintużaw l-SG&A ta' kumpanija fit-Turkija (il-Pajjiż ta' referenza), kif indikat fil-premessa (199) tar-Regolament proviżorju, u li kien jammonta għal 19,5 % tal-kost tal-oġġetti mibjugħa.

(142) Il-Kummissjoni sabet li din il-pretensjoni ma kinitx sostanzjata peress li dawn il-partijiet ma ppreżentaw l-ebda evidenza biex jappoġġaw il-pretensjoni. Fit-taqsima 7.2 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rreferiet għan-nuqqas ta' data verifikata disponibbli għall-Kummissjoni mis-settur tal-importazzjoni u tan-negozjar. Importatur wieħed biss, li jirrappreżenta 6 % tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-PI, ikkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, ma hemmx biżżejjed data disponibbli biex tiġġustifika ż-żieda fl-aġġustament tal-LoT indikata fil-premessa (242) tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-pretensjoni ta' Amorim dwar l-użu ta' SG&A ta' 19,5 % ta' kumpanija fit-Turkija hija skorretta peress li l-aġġustament għal-LoT ma jistax ikun ibbażat fuq data tal-SG&A mill-pajjiż rappreżentattiv u espress bħala perċentwal tal-COGS aktar milli l-fatturat. L-argument ta' Amorim fi kwalunkwe każ huwa wkoll mingħajr fini, peress li l-Kummissjoni biddlet il-livell tal-SG&A kif indikat fil-premessa (51) ta' dan ir-regolament. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(143) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u t-twaqqigħ tal-prezz, ġew ikkonfermati l-premessi (232) sa (244) tar-Regolament proviżorju.

(144) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Amorim ikkummentat li l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz tal-Kummissjoni kienet żbaljata minħabba li ma qisitx b'mod adegwat id-differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott bħall-klassifikazzjoni u l-markar.

(145) Madankollu, il-kummenti li saru ma jipprovdu l-ebda dettall biex jispjegaw xi asimetrija li setgħet saret fir-rigward tal-klassifikazzjoni jew il-markar jew kif jistgħu jiġu indirizzati tali asimetriji perċepiti. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa (240) tar-Regolament proviżorju li tispjega l-metodu użat mill-Kummissjoni biex tqis il-klassifikazzjoni fil-kalkoli tagħha sa fejn ikun possibbli. Il-Kummissjoni kkonkludiet li, peress li ma kellha l-ebda informazzjoni fil-fajl biex turi li l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni ma ġietx indirizzata kif xieraq, ma kinitx f'pożizzjoni li taġġusta l-kalkoli għal din ir-raġuni favur l-industrija tal-Unjoni jew il-produtturi esportaturi Ċiniżi. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(146) Holz-Richter u Barth ikkummentaw ukoll dwar kwistjonijiet ta' komparabbiltà tal-prezzijiet fil-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni definittiva. Dawn il-partijiet ikkummentaw li l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz tal-Kummissjoni kienet żbaljata minħabba li ma qisitx b'mod adegwat il-fatt li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu jikkonsistu prinċipalment minn gradi ta' kwalità baxxa.

(147) Il-Kummissjoni qieset il-klassifikazzjoni fil-paraguni tal-prezzijiet u ddivulgat il-kalkoli tagħha lill-produtturi esportaturi kkonċernati. Tabilħaqq, il-Kummissjoni ma tikkontestax li kwantità għolja ta' importazzjonijiet Ċiniżi kienet ta' gradi mhux primarji, iżda dawn l-importazzjonijiet tqabblu biss mal-gradi mhux primarji tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa (240) tar-Regolament proviżorju li tispjega l-metodu użat mill-Kummissjoni biex tqis il-klassifikazzjoni fil-kalkoli tagħha sa fejn ikun possibbli. Il-prezzijiet kollha użati fil-kalkoli (fir-rigward kemm tal-esportazzjonijiet Ċiniżi kif ukoll tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni) ġew ivverifikati fuq il-post. Ma kien hemm l-ebda evidenza li kwantitajiet kbar ta' prodotti Ċiniżi bi klassifikazzjoni baxxa ħafna nbiegħu fis-suq tal-Unjoni jew li tali prodotti bi grad baxx ħafna kienu aktar prevalenti minn dawk mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(148) Amorim ikkummentat ukoll li l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz tal-Kummissjoni kienet żbaljata minħabba li l-aġġustament tal-LoT ta' 5 % li sar ma qiesx b'mod adegwat id-differenzi fl-LoT. Holz-Richter għamlet ukoll pretensjonijiet relatati mal-impatt tal-ktajjen tal-bejgħ fuq il-kalkoli. Amorim sostniet li ma qablitx mal-konfutazzjoni tal-Kummissjoni tal-kummenti oriġinali tagħha (deskritti hawn fuq fil-premessi (141) u (142)) minħabba li l-kumment kien ġie miċħud biss għal "raġunijiet tekniċi" – jiġifieri minħabba nuqqas ta' evidenza li tappoġġa l-pretensjoni. Il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza verifikabbli biex tappoġġa żieda fl-aġġustament tal-LoT.

(149) Fil-premessa (142), il-Kummissjoni spjegat ukoll li l-aġġustament ogħla ssuġġerit minn Amorim (19,5 % tas-CoGS abbażi tad-data Torka) ma ġiex miċħud biss abbażi ta' nuqqas ta' appoġġ evidenzjarju, kien ukoll minn sors mhux tal-Unjoni. Barra minn hekk, din iċ-ċifra jkollha titnaqqas peress li kienet perċentwal tas-COGS, mhux fatturat, u, peress li tiġi applikata biss għall-bejgħ tal-Unjoni li sar permezz ta' negozjanti relatati (madwar 67 %), ikollha titnaqqas saħansitra aktar.

(150) L-aġġustament tal-LoT li jirriżulta, issuġġerit minn Amorim meta jitqiegħed fil-kuntest xieraq tiegħu, ikun jirriżulta f'aġġustament ta' madwar 10 %. Amorim sostniet fis-sottomissjoni tagħha li l-aġġustament tal-LoT ma kienx adegwat u dan kien jirriskja li jfixkel il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ('il fuq), sabiex l-impatt tiegħu fuq l-analiżi tal-kawżalità jkun iddikjarat b'mod eċċessiv. Madankollu, aġġustament ta' 10 % ma jkunx effettiv biex inaqqas il-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz li jinsabu fil-premessa (238) tar-Regolament Proviżorju għal livelli li jbiddlu s-sejbiet dwar id-dannu u l-kawżalità. Għalhekk, il-pretensjonijiet li saru dwar it-twaqqigħ tal-prezz ġew miċħuda.

(151) Holz-Richter ikkummentat dwar bonusijiet jew skontijiet ta' pagament bikri offruti mill-produtturi tal-Unjoni li mhumiex offruti mill-esportaturi Ċiniżi.

(152) Peress li l-kalkoli saru bl-użu ta' prezzijiet netti mill-iskontijiet kollha, il-Kummissjoni hija sodisfatta li din il-kwistjoni ma fixklitx il-kalkoli. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(153) Holz-Richter ikkummentat ukoll dwar kwistjonijiet oħra li setgħu jfixklu l-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz bħal bonusijiet jew skontijiet ta' pagament bikri, nolijiet u kostijiet tal-kreditu.

(154) Peress li l-kalkoli saru bl-użu ta' prezzijiet netti mill-iskontijiet kollha, il-Kummissjoni hija sodisfatta li din il-kwistjoni ma fixklitx il-kalkoli. Fir-rigward tan-nolijiet u l-kostijiet tal-kreditu, il-kalkoli saru f'livell tas-CIF għall-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-kreditu ma tnaqqsux mill-prezzijiet CIF tal-produtturi esportaturi. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(155) Is-CNFPIA għamlet ukoll pretensjonijiet dwar il-prezzijiet tal-importazzjoni fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq il-kawżalità tad-dannu. Dawn il-pretensjonijiet huma diskussi fit-taqsima 5.1 hawn taħt.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(156) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw rimarki ġenerali dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (245) sa (249) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(157) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li t-tnaqqis fil-produzzjoni, fil-kapaċità tal-produzzjoni u fl-użu tal-kapaċità fil-PI kien ikkawżat mit-tnaqqis fil-konsum. Il-pretensjonijiet relatati mal-kawżalità huma diskussi fit-taqsima 5 hawn taħt.

(158) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, ġew ikkonfermati l-premessi 250 sa 253 fir-Regolament proviżorju.

4.5.2.2. Volum ta' bejgħ u sehem mis-suq

(159) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA ma qablitx mas-sejba tal-Kummissjoni li hemm rabta bejn it-tnaqqis fil-kwantitajiet tal-bejgħ tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-penetrazzjoni fis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi. B'mod partikolari, is-CNFPIA argumentat li i) il-Kummissjoni ma ammettietx li l-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2023 naqsu b'perċentwal akbar mill-industrija tal-Unjoni, li CNFPIA tqis bħala indikatur li dawn ix-xejriet kienu kkawżati mit-tnaqqis fil-konsum u miż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u ii) li l-Kummissjoni tat inqas piż fil-valutazzjoni tagħha lil dan il-fattur milli lit-tnaqqis fil-bejgħ tal-Unjoni.

(160) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni. Rigward il-punt (i), il-Kummissjoni tat preżentazzjoni trasparenti tad-data u meta xieraq analiżi sena b'sena tal-iżvilupp tal-bejgħ, tal-volumi u tal-ishma mis-suq. Rigward il-punt (ii), il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-indikaturi kollha tad-dannu u ġew spjegati bis-sħiħ il-konklużjonijiet tagħha dwar id-dannu. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(161) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq, ġew ikkonfermati l-premessi (254) sa (259) fir-Regolament proviżorju.

(162) L-implikazzjonijiet tal-pretensjoni dwar il-kawżalità huma indirizzati fit-taqsima 5.1 hawn taħt.

4.5.2.3. Tkabbir

(163) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw it-tkabbir, ġiet ikkonfermata l-premessa (260) tar-Regolament proviżorju.

4.5.2.4. Impjiegi u produttività

(164) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-iżviluppi fl-impjieg u fil-produttività jenħtieġ li jiġu attribwiti għat-tnaqqis fil-kwantitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ.

(165) Il-Kummissjoni ma sabitx mertu f'din il-pretensjoni peress li l-premessa (286) tar-Regolament proviżorju diġà ddikjarat dik is-sejba.

(166) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-impjieg u l-produttività, ġew ikkonfermati l-premessi 261 sa 263 fir-Regolament proviżorju.

4.5.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(167) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru mid-dumping fil-passat, ġew ikkonfermati l-premessi (264) sa (265) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(168) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li kien biss fis-sena 2023 meta l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi ż-żidiet fil-kostijiet fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha.

(169) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Kif iddikjarat fil-premessa 276 tar-Regolament proviżorju, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni bdiet tonqos fl-2022, li kienet sena meta l-kostijiet kienu qed jiżdiedu kif muri fit-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju. B'riżultat ta' dan, il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tgħaddi ż-żidiet fil-kostijiet lill-klijenti tagħha bdiet tonqos fl-2022. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(170) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-paragun bejn il-prezzijiet u l-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni fit-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju ma appoġġax is-sejba fit-Tabella 11 ta' dak ir-Regolament, jiġifieri, li l-bejgħ tal-Unjoni kien qed jagħmel telf fl-2023.

(171) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Kif iddikjarat fil-premessa (267) tar-Regolament proviżorju, il-prezzijiet tal-bejgħ kienu dawk li saru mill-industrija tal-Unjoni lil partijiet mhux relatati (inkluż il-bejgħ li sar min-negozjanti relatati tagħhom), filwaqt li l-kostijiet unitarji rrapportati kienu biss il-kost tal-produzzjoni mġarrab biss mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf fl-2023 minħabba li tali bejgħ ġarrab aktar kostijiet, jiġifieri, dawk tan-negozjanti relatati msemmija fil-premessa (18) tar-Regolament proviżorju. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(172) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA kkontestat is-sejba tas-soppressjoni tal-prezzijiet imsemmija fil-premessi (267) sa (270) tar-Regolament proviżorju. B'mod partikolari, is-CNPFIA sostniet li l-Kummissjoni ma vvalutatx jekk il-prezzijiet domestiċi kinux jiżdiedu fin-nuqqas tal-importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

(173) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fir-Regolament proviżorju toqgħod prinċipalment fuq l-impatt tal-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, pereżempju fit-taqsimiet 4.5.4 u 5.1 tar-Regolament proviżorju ("konklużjoni dwar id-dannu" u "l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping" rispettivament). Għalhekk, il-Kummissjoni mhux biss analizzat bis-sħiħ is-soppressjoni tal-prezzijiet, iżda kkonkludiet li t-tnaqqis fil-profittabbiltà fl-2022 u fl-2023 kien dovut prinċipalment għall-importazzjonijiet Ċiniżi. Fin-nuqqas ta' kwantitajiet kbar ta' importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun f'pożizzjoni ħafna aħjar biex tiffaċċja l-isfidi taż-żieda fil-kostijiet u t-tnaqqis fil-konsum fl-2022 u l-2023. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(174) Amorim irritornat għall-kwistjoni tal-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet (it-Taqsima 4.5.3.1 tar-Regolament proviżorju) fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva. Amorim ikkummentat li l-analiżi tal-Kummissjoni ma qisitx kif xieraq li "fatturi oħra", bħal żidiet fil-kostijiet u tnaqqis fil-konsum, kellhom impatt fuq is-soppressjoni tal-prezzijiet u t-tnaqqis fil-profitti.

(175) Il-Kummissjoni ma qablitx li dawn il-fatturi ma tqisux. Fil-fatt, iż-żewġ kwistjonijiet huma inklużi fl-analiżi fit-Taqsima 4.5.3.1 u analiżi aktar dettaljata ġiet inkluża fit-Taqsimiet 5.2.3 u 5.2.4 ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(176) Amorim ikkummentat ukoll li l-analiżi tal-kostijiet tal-produzzjoni fit-Tabella 8 kienet żbaljata minħabba li kienet tkopri biss il-kostijiet tal-produzzjoni.

(177) Fil-fatt, it-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju tkopri l-kostijiet kollha tal-entità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Dan jinkludi l-kostijiet SG&A tagħhom għall-bejgħ dirett. Bil-preżentazzjoni tal-kostijiet b'dan il-mod, il-Kummissjoni setgħet turi l-importanza taż-żidiet fil-kost relatati mal-kostijiet kollha tal-kumpaniji tal-produzzjoni. Iż-żidiet ewlenin fil-kost relatati mal-materja prima kif iddikjarat fil-premessa (268) tar-Regolament proviżorju li naturalment huma kostijiet tal-produzzjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(178) Barra minn hekk, Amorim sostniet li l-analiżi tal-profittabbiltà kienet żbaljata minħabba li ma qisitx il-kostijiet tal-bejgħ tan-negozjanti relatati.

(179) Madankollu, id-data dwar il-profittabbiltà fit-Tabella 11 tar-Regolament proviżorju kopriet il-fatturat tal-bejgħ u l-kostijiet tat-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u tan-negozjanti relatati tagħhom. It-Tabella 11 tar-Regolament proviżorju tagħmilha ċara li l-fatturat tal-bejgħ huwa lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni. Il-Kummissjoni ddivulgat il-kalkolu tal-profittabbiltà lil kull produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun, li wera diżaggregazzjoni tal-fatturat u tal-kostijiet skont l-entità tal-Grupp. Il-kalkolu wera wkoll li x-xejra tal-profittabbiltà kienet relatata biss mal-produzzjoni tal-Unjoni, mhux il-produzzjoni ta' entitajiet oħra tal-grupp li jistgħu jkunu jinsabu barra mill-Unjoni. Peress li ma hemm l-ebda diskrepanza bejn id-dħul u l-kostijiet, il-Kummissjoni żżomm iċ-ċifri ta' profittabbiltà tagħha preċiżi u l-pretensjoni ta' Amorim ġiet miċħuda.

(180) Amorim u CNFPIA kkummentaw ukoll li l-Kummissjoni naqset milli twettaq analiżi kontrofattwali tal-fatturi li jaffettwaw is-soppressjoni tal-prezzijiet. Huma jsostnu li biex tiġi stabbilita s-soppressjoni tal-prezzijiet skont l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO, World Trade Organization) u d-dritt tal-UE, analiżi kontrofattwali hija essenzjali. B'dan huma jfissru li kieku l-prezzijiet tal-Unjoni jkunu żdiedu fin-nuqqas ta' importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping.

(181) L-ewwel nett, il-Kummissjoni fakkret li l-analiżi mwettqa fit-taqsima tal-kawżalità tar-Regolament proviżorju ddiskutiet il-kwistjoni taż-żieda fil-prezzijiet u t-tweġiba tal-industrija tal-Unjoni għal dawk iż-żidiet. Bl-istess mod, ir-Regolament proviżorju ddiskuta wkoll it-tnaqqis fil-konsum u l-impatt tiegħu fuq l-industrija tal-Unjoni. Fil-premessa (316) tar-Regolament proviżorju ġie ddikjarat li l-produtturi jridu jkunu jistgħu jadattaw għaż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u tal-enerġija billi jgħaddu tali żidiet lill-klijenti. Jekk le, tali produtturi ma jkollhomx negozju vijabbli. Il-Kummissjoni identifikat il-kobor taż-żidiet fil-kost fit-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju iżda nnotat li r-raġuni għaliex tali żidiet fil-kost ma setgħux jiġu mgħoddija kompletament lill-klijenti kienet prinċipalment dovuta għal importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dan it-tip ta' analiżi twettaq fuq bażi ta' sena b'sena kemm għaż-żidiet fil-kost kif ukoll għat-tnaqqis fil-konsum. Il-Kummissjoni setgħet turi li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kellhom rwol ewlieni fis-soppressjoni tal-prezzijiet u fit-telf fil-volum ta' bejgħ u fis-seħem mis-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi b'mod raġonevoli li, fin-nuqqas tas-soppressjoni sinifikanti tal-prezzijiet kif jintwera fil-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz, kien ikun hemm żidiet fil-prezzijiet fin-nuqqas ta' importazzjonijiet ta' MWF miċ-Ċina. Għalhekk, il-Kummissjoni tiċħad il-pretensjoni li l-analiżi tagħha ma kinitx kompatibbli mar-regoli tad-WTO jew mad-dritt tal-UE.

(182) Fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' Amorim li l-kompetizzjoni intra-Unjoni kienet il-kawża tas-soppressjoni tal-prezzijiet, il-Kummissjoni tindika li din il-pretensjoni ma tissodisfax l-iskrutinju abbażi tad-data miżmuma fil-proċess tal-kawża. It-tipi ta' prodotti tat-tliet produtturi tal-Unjoni ħafna drabi kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin iżda kienu f'livell ogħla mill-prezzijiet tat-tipi komparabbli ta' MWF mibjugħa mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, it-tliet produtturi esportaturi kollha nstabu li waqqgħu l-prezz tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(183) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva, CNFPIA qieset li l-Kummissjoni naqset milli tqiegħed id-determinazzjoni tad-dannu tagħha fuq evidenza pożittiva u naqset milli twettaq analiżi tal-effett fuq il-prezz kif meħtieġ mir-Regolament bażiku. Bħala parti mill-motivazzjoni tagħha għal din il-fehma, CNFPIA ddikjarat "Il-Kummissjoni naqset milli tanalizza l-effett tal-importazzjonijiet ta' MWF miċ-Ċina fuq il-prezzijiet tal-UE tal-MWF. Hija ma analizzatx jekk kienx hemm twaqqigħ sinifikanti tal-prezz meta mqabbel mal-prezzijiet fl-UE jew l-effett li l-importazzjonijiet tal-MWF miċ-Ċina jkun naqqas il-prezzijiet tal-UE tal-MWF jew impedixxa ż-żieda tagħhom".

(184) Dawn il-pretensjonijiet jinjoraw kompletament il-valutazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni fit-Taqsimiet 4.4.2 u 4.5.3.1 tar-Regolament proviżorju u għalhekk ġew miċħuda.

(185) Barra minn hekk, fir-rigward tal-effetti fuq il-prezz, CNFPIA qabblet id-data dwar il-prezzijiet u l-kostijiet murija fit-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju u kkonkludiet li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setgħux ikunu kawża ta' dannu minħabba li d-delta bejn il-prezzijiet u l-kostijiet naqset fil-PI.

(186) Din l-analiżi ma setgħetx tiġi aċċettata minħabba li injorat it-twaqqigħ sostanzjali tal-prezz stabbilit mill-Kummissjoni fil-PI. Barra minn hekk, il-kostijiet ikkwotati kienu relatati biss ma' dawk tal-entità tal-produzzjoni tal-produttur inkluż fil-kampjun. Il-kostijiet addizzjonali ġġarbu min-negozjanti relatati ta' kull produttur. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(187) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet, ġew ikkonfermati l-premessi (266) sa (270) tar-Regolament proviżorju.

(188) L-impatt tal-pretensjonijiet fuq il-prezzijiet u l-kostijiet fir-rigward tal-kawżalità huma diskussi fit-taqsima 5 hawn taħt.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(189) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw il-kostijiet lavorattivi, ġew ikkonfermati l-premessi (271) sa (272) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3.3. Inventarji

(190) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li ż-żidiet fl-inventarju ma kinux ikkawżati mill-importazzjonijiet Ċiniżi iżda mill-inflazzjoni, iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni.

(191) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Filwaqt li l-fatturi elenkati mis-CNFPIA kellhom rwol fiż-żidiet fl-inventarju, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll fil-premessa (284) tar-Regolament proviżorju li ż-żidiet fl-ishma mis-suq Ċiniż u t-tnaqqis fil-prezz matul il-perjodu kkunsidrat kienu wkoll fatturi importanti. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(192) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-inventarji, ġew ikkonfermati l-premessi (273) sa (274) tar-Regolament proviżorju.

4.5.3.4. Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(193) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, minbarra l-pretensjoni diskussa fil-premessa (168) hawn fuq, is-CNFPIA ma kkontestatx iċ-ċifri relatati mal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Il-pretensjoni ta' CNFPIA dwar il-kawża tal-iżvilupp tal-profittabbiltà hija diskussa fit-taqsima 6 hawn taħt.

(194) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet ukoll li l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tinvesti b'mod sinifikanti fl-operazzjonijiet tan-negozju tagħha tikkostitwixxi indikazzjoni qawwija li bl-ebda mod ma ġarrbet dannu materjali.

(195) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (280) tar-Regolament proviżorju li l-investimenti matul il-perjodu kkunsidrat kienu modesti u kienu limitati minn kapaċità dejjem tonqos li jiġi ġġenerat il-kapital. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(196) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital, ġew ikkonfermati l-premessi (275) sa (280) tar-Regolament proviżorju.

4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(197) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti "importanza speċjali" fl-analiżi tad-dannu lill-aktar data reċenti disponibbli, jiġifieri, id-data mill-PI, u li l-Kummissjoni wettqet żball fl-analiżi tagħha peress li naqset milli tagħmel dan. Għal din ir-raġuni, CNFPIA sostniet li l-analiżi tal-Kummissjoni kienet suġġettiva u inġusta.

(198) Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-pretensjoni. Għalkemm il-Kummissjoni taqbel li l-analiżi tad-data fil-PI hija essenzjali għall-analiżi tad-dannu, il-Kummissjoni trid tagħmel il-valutazzjoni fil-kuntest xieraq tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni segwiet il-politika normali tagħha li twettaq analiżi tax-xejriet fuq 4 snin għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu. Meta siltet il-konklużjonijiet minn din l-analiżi tax-xejriet, il-Kummissjoni nnotat li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi tal-volum (il-kwantitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, l-ishma mis-suq u l-impjieg) segwew xejra stabbli jew ta' titjib mill-2020 sal-2022 u sofrew tnaqqis fl-2023, filwaqt li l-indikaturi tal-prestazzjoni (il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus u r-redditu fuq l-investimenti) diġà kienu bdew jiddeterjoraw fl-2022. Għalhekk, l-analiżi tal-Kummissjoni kienet bir-reqqa, qieset l-iżvilupp ta' kull indikatur u l-iżviluppi fil-PI ġew ikkummentati speċifikament u fil-kuntest xieraq tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li d-dannu beda fl-2022 u mar għall-agħar fil-PI. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni.

(199) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CNFPIA sostniet li d-determinazzjoni tad-dannu mill-Kummissjoni la kienet ibbażata fuq evidenza pożittiva u lanqas ma kienet tinvolvi eżami oġġettiv ta' (a) il-volum tal-importazzjonijiet tal-MWF miċ-Ċina u l-effetti tagħhom fuq il-prezzijiet fis-suq tal-UE għall-MWF; u (b) l-impatt tagħhom fuq il-produtturi tal-MWF tal-UE.

(200) Il-Kummissjoni rrevediet u kkonfutat il-kummenti kollha li saru minn CNFPIA u għalhekk tiċħad il-punt ġenerali li sar li l-analiżi tal-Kummissjoni ma kinitx oġġettiva jew toqgħod fuq evidenza pożittiva.

(201) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-konklużjonijiet dwar id-dannu, ġew ikkonfermati l-premessi (281) sa (287) tar-Regolament proviżorju.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(202) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li kienet żbaljata l-analiżi tal-Kummissjoni tar-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi u d-dannu tal-industrija tal-Unjoni. B'mod partikolari, is-CNFPIA argumentat li i) il-Kummissjoni ma qisitx it-tnaqqis fil-kwantitajiet tal-importazzjoni bħala fattur deċiżiv biex twarrab ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi u d-dannu tal-industrija tal-Unjoni; ii) il-Kummissjoni qagħdet primarjament fuq l-allegati prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha; iii) li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta kkonkludiet li kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn id-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni u l-preżenza sinifikanti ta' importazzjonijiet miċ-Ċina peress li d-deterjorament seħħ fi żmien meta kienu qed jonqsu l-importazzjonijiet miċ-Ċina; u iv) li anki jekk jikkoinċidu fiż-żmien, din il-koinċidenza ma kinitx tkun biżżejjed biex tiġi stabbilita l-kawżalità peress li kien hemm fatturi oħra li kienu qed jikkawżaw id-dannu.

(203) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-pretensjoni.

(204) Fir-rigward tal-punt (i), it-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju wriet importazzjonijiet miċ-Ċina u s-sehem mis-suq tagħhom. Għalkemm il-kwantità tal-importazzjonijiet fil-PI naqset, dan kien minħabba t-tnaqqis fil-konsum. Għalhekk, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet huwa indikatur aktar preċiż tal-effett fuq is-suq. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied minn 16,8 % fl-2020 għal 25,4 % fl-2022, żieda ta' 51 %. Madankollu, fil-PI, is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet naqas għal 22,5 % li xorta rrappreżenta żieda ta' 34 % meta mqabbel mal-2020. It-tnaqqis żgħir fis-sehem mis-suq fil-PI għandu jitqiegħed ukoll fil-kuntest tal-iżvilupp tal-prezzijiet tagħhom u l-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni kif spjegat fil-premessa li ġejja. Barra minn hekk, bil-ħsieb tal-analiżi li saret fit-taqsima 8.3 ta' dan ir-Regolament, it-tnaqqis fil-kwantitajiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fil-PI ma nżammx fl-2024. Minkejja aktar tnaqqis fil-konsum fl-2024 ta' 5 %, żdiedu b'mod sostanzjali l-kwantitajiet tal-importazzjoni.

(205) Fir-rigward tal-punt (ii), l-analiżi tal-Kummissjoni qieset mhux biss il-kwantità tal-importazzjonijiet, iżda wkoll l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-bejgħ, l-effett suppressiv u t-twaqqigħ tal-prezz ta' tali importazzjonijiet u s-sehem mis-suq tagħhom. Il-fehma tal-Kummissjoni li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu kawża primarja ta' dannu għalhekk ma kinitx ibbażata biss fuq kwistjonijiet ta' prezzijiet. It-tabella 4 tar-Regolament proviżorju wriet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi f'EUR/kg żdiedu bi 30 % mill-2020 sal-2022. Madankollu, dawn il-prezzijiet naqsu bi 13 % fil-PI. Il-prezzijiet fil-PI kienu biss 13 % ogħla minn dawk fl-2020. Aktar kuntest huwa pprovdut mit-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju li wriet li l-kostijiet għal kull unità tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi 42 % matul il-perjodu ta' analiżi. Barra minn hekk, it-Tabella 11 irreġistrat li l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset fl-2022 u saret negattiva fil-PI. Dawn il-fatti juru li l-esportaturi Ċiniżi eżerċitaw pressjoni sostanzjali fuq il-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni minħabba li hemm rabta ċara f'termini ta' kawża u effett, inkluża korrelazzjoni fiż-żmien, bejn it-tnaqqis fil-profitti tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet Ċiniżi fl-Unjoni b'ishma mis-suq li baqgħu għoljin fil-PI.

(206) Fir-rigward tal-punt (iii), il-Kummissjoni stabbiliet b'mod ċar li d-dannu beda fl-2022, sena meta kien qed jiżdied il-konsum. L-industrija tal-Unjoni sofriet minn suppressjoni tal-prezzijiet f'dik is-sena minħabba li ż-żidiet fil-kost tal-materja prima ma setgħux jiġu mgħoddija kompletament lill-klijenti tagħha minħabba l-effetti fuq il-prezz tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(207) Fir-rigward tal-punt (iv), il-Kummissjoni ma tikkontestax li fatturi oħrajn kellhom rwol fid-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni fl-2022 u fl-2023. Dawn il-fatturi, inklużi ż-żidiet fil-kostijiet u t-tnaqqis fil-konsum fl-2023, ġew spjegati bis-sħiħ fir-Regolament proviżorju. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni l-konklużjoni tagħha li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu l-kawża ewlenija tad-dannu fl-2022 u fl-2023 u li fatturi oħrajn ma naqqsux ir-rabta kawżali.

(208) Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(209) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Amorim sostniet li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet interpretazzjoni qarrieqa tal-volumi tal-importazzjonijiet u tas-sehem mis-suq, iddikjarat b'mod eċċessiv il-konklużjonijiet dwar l-effetti fuq il-prezz u s-soppressjoni tiegħu u pprovdiet skeda ta' żmien skorretta tad-dannu meta mqabbel mal-imġiba tal-importazzjonijiet.

(210) Il-kummenti li saru minn Amorim f'dawn ir-rigward ma pprovdew l-ebda fatt ġdid iżda sempliċiment irrepetew argumenti li kienu diġà ġew ikkonfutati fid-divulgazzjoni definittiva.

(211) Fir-rigward tal-iżvilupp tal-volumi tal-importazzjonijiet u tal-ishma mis-suq, Amorim toġġezzjona għall-analiżi tal-Kummissjoni minħabba li Amorim temmen li l-Kummissjoni jenħtieġ li tqis biss it-tnaqqis fl-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2023, mingħajr ma teżamina l-kuntest ġenerali tagħhom bħat-tnaqqis sinifikanti fil-prezz f'dik is-sena jew billi tqabbel l-ishma mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-analiżi tal-volumi tal-importazzjonijiet u tal-ishma mis-suq kienet qarrieqa.

(212) Fir-rigward tal-effetti fuq il-prezz u s-soppressjoni tiegħu, il-Kummissjoni diġà qieset fl-istadju tar-Regolament proviżorju li t-tnaqqis fil-konsum fl-2023 u ż-żidiet fil-kost kellhom impatt sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li l-livell ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina bi prezzijiet dannużi kien kawża ġenwina u sostanzjali tad-dannu mġarrab fl-2022 u l-2023.

(213) Rigward l-użu tad-data ta' wara l-PI dwar l-importazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma qagħdet fuq tali data fir-Regolament proviżorju tagħha. Madankollu, id-data nġabret sabiex jiġi vvalutat il-ġbir retroattiv tad-dazji u għalhekk intużat fid-divulgazzjoni definittiva sabiex twieġeb għall-kummenti tal-partijiet.

(214) Fir-rigward ta' fatturi tad-dannu "oħrajn" ma tqajmet l-ebda kwistjoni ġdida minn Amorim ħlief li tallega li l-kompetizzjoni intra-Unjoni kienet kawża ta' dannu. Din il-kwistjoni diġà ġiet ikkonfutata aktar kmieni f'dan ir-Regolament fil-premessa (182).

(215) Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(216) CNFPIA kkummentat ukoll dwar l-effetti tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-ewwel kumment kien relatat mal-produzzjoni, il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità. CNFPIA sostniet li l-evoluzzjoni fil-konsum tal-Unjoni, il-kwantità tal-produzzjoni, il-kwantità tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet Ċiniżi wrew xejriet simili li jfisser li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma setgħux jitqiesu bħala dannużi.

(217) Madankollu, din l-analiżi tinjora l-impatt tal-effetti fuq il-prezz u għalhekk ġiet miċħuda.

(218) CNFPIA kkummentat ukoll li analiżi tas-sehem mis-suq fuq bażi ta' sena b'sena tal-industrija tal-Unjoni wriet ukoll nuqqas ta' dannu peress li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied fil-PI.

(219) Dan l-iżvilupp huwa fattwalment korrett, iżda l-konklużjonijiet misluta minn dan il-fatt biss huma żbaljati minħabba li ma jqisux l-effetti fuq il-prezz. Barra minn hekk, l-analiżi tal-Kummissjoni fil-premessi (257) u (286) tar-Regolament proviżorju diġà qieset it-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi fil-PI. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(220) CNFPIA kkummentat ukoll li l-iżviluppi fl-impjieg u l-produttività ma jurux dannu kkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi.

(221) Il-premessa (286) tar-Regolament proviżorju diġà spjegat li l-iżviluppi ta' dawn l-indikaturi kienu dannużi meta jitqiesu flimkien ma' indikaturi u żviluppi oħra fl-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(222) CNFPIA kkummentat ukoll li l-iżviluppi fil-prezzijiet tal-bejgħ, fil-kostijiet u fil-profittabbiltà medji tal-industrija tal-Unjoni ma jurux dannu kkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi peress li l-importazzjonijiet Ċiniżi naqsu fil-PI.

(223) Il-premessa (291) tar-Regolament proviżorju diġà spjegat li l-iżviluppi ta' dawn l-indikaturi kienu dannużi minħabba l-effetti fuq il-prezz (soppressjoni) tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(224) CNFPIA kkummentat ukoll dwar l-iżviluppi fl-inventarji sabiex turi li dawn ma jurux dannu kkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi.

(225) Il-premessa (284) tar-Regolament proviżorju diġà spjegat li l-iżviluppi ta' dan l-indikatur kienu dannużi meta meqjusa flimkien ma' fatturi oħra. Barra minn hekk, il-premessa (274) ta' dak ir-Regolament spjegat għaliex l-inventarji huma importanti fl-industrija tal-MWF. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(226) CNFPIA tenniet ukoll il-kummenti tagħha li l-allegat livell għoli ta' investimenti li saru mill-industrija tal-Unjoni kien ikkawża d-dannu li ġarrbet. Madankollu, hawnhekk ma ġie ppreżentat l-ebda argument ġdid. Barra minn hekk, ma sar l-ebda tentattiv biex jiġu kkonfutati l-kummenti tal-Kummissjoni fil-premessa (280) tar-Regolament proviżorju li jikkonċernaw in-natura modesta ta' dawn l-investimenti. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(227) Holz-Richter GmbH għamlet kummenti dwar il-kawżalità f'sottomissjoni wara d-divulgazzjoni definittiva. Hija sostniet li l-importazzjonijiet tagħha miċ-Ċina saru minħabba l-allegata disponibbiltà fqira tal-prodotti tal-industrija tal-Unjoni. Holz-Richter ipprovdiet data "sensittiva" biex issostni l-pretensjoni tagħha li l-miżuri x'aktarx ifixklu n-negozju tagħha minħabba l-fatt li xtrat firxa ta' prodotti tal-MWF miċ-Ċina b'ċertu prezz li hija biegħet fis-suq tal-Unjoni.

(228) Il-Kummissjoni diġà ttrattat il-kwistjoni ta' allegat nuqqas ta' provvista fil-premessi (363) u (364) tar-Regolament proviżorju. Dawn il-premessi jispjegaw li hemm ħafna sorsi ta' provvista tal-MWF u l-importazzjonijiet Ċiniżi huma mistennija jkomplu (bi kwantitajiet imnaqqsa) bħala riżultat ta' dawn il-miżuri. Madankollu, l-għan tal-miżuri huwa li jirrestawraw il-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni billi jgħollu l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi.

(229) Fir-rigward tal-pretensjoni ta' Holz-Richter relatata ma' firxa speċifika ta' prodotti, l-analiżi tal-Kummissjoni tal-paragun tal-prezzijiet deskritta fil-premessa (238) tar-Regolament proviżorju indikat li grad għoli ħafna ta' tqabbil simili (aktar minn 95 %) kien preżenti fit-tipi ta' prodotti tal-MWF mibjugħa fis-suq tal-Unjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi u mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li Holz-Richter rabtet il-pretensjoni tagħha dwar id-disponibbiltà ma' kunsiderazzjonijiet tal-prezzijiet li jindikaw li tali prodotti ma kinux disponibbli minn sorsi tal-Unjoni bl-istess prezz bħall-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalkemm ma jistax jiġi eskluż li kwantità żgħira ta' importazzjonijiet ma għandhomx ekwivalenti dirett tal-industrija tal-Unjoni, mill-paraguni dettaljati tal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni huwa ċar li l-kwantità tat-tipi Ċiniżi li mhumiex disponibbli minn sorsi tal-Unjoni hija baxxa ħafna. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(230) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, ġew ikkonfermati l-premessi (289) sa (296) tar-Regolament proviżorju.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(231) Il-Kummissjoni identifikat żball fit-Tabella 13 tar-Regolament proviżorju relatat mal-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi terzi kollha. It-Tabella li ġejja tikkoreġi ċ-ċifri. Il-korrezzjoni ma għandha l-ebda impatt fuq il-konkluż-jonijiet ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-impatt ta' "Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi".

Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi – Korrezzjoni tat-Tabella 13 tar-Regolament Proviżorju

		2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni (2023)
Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiż ikkonċernat *(Tabella 13 tar-Regolament proviżorju)*	Prezz medju (EUR/metru kwadru)	6,9	7,0	6,6	7,4
	Indiċi	*100*	*101*	*96*	*107*
Total tal-pajjiżi terzi kollha ħlief il-pajjiż ikkonċernat *(ċifri kkoreġuti)*	Prezz medju (EUR/metru kwadru)	18,7	20,4	24,9	23,3
	Indiċi	*100*	*109*	*133*	*125*

(232) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ġew ikkonfermati l-premessi minn (297) sa (303) tar-Regolament proviżorju, riveduti bil-premessa (231) ta' dan ir-Regolament.

5.2.2. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(233) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-konklużjonijiet misluta fil-premessi (304) sa (307) tar-Regolament proviżorju.

5.2.3. *Żviluppi fil-Konsum*

(234) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li t-tnaqqis fil-konsum fil-PI kkawża s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija, anki bil-ħsieb li, filwaqt li naqas is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi, żdied dak tal-industrija tal-Unjoni.

(235) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. L-analiżi tal-Kummissjoni fir-Regolament proviżorju rrikonoxxiet l-impatt importanti tat-tnaqqis fil-konsum. Il-premessa (310) tar-Regolament proviżorju ddikjarat li "Għalhekk kien ċar li l-industrija tal-Unjoni kienet affettwata b'mod sinifikanti mit-tnaqqis fil-konsum fil-perjodu ta' investigazzjoni". L-analiżi tal-Kummissjoni eżaminat l-impatt tal-konsum fl-2022 meta d-domanda żdiedet b'4 %. Kif spjegat fil-premessa (311) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li peress li l-konsum żdied fl-2022, ma setgħetx tispjega t-tnaqqis fil-profittabbiltà u indikaturi oħra tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'dik is-sena. Għalhekk, għalkemm it-tnaqqis fil-konsum kellu impatt sinifikanti, il-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata minn tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kellha wkoll rwol ewlieni.

(236) CNFPIA rritornat għall-kwistjoni tat-tnaqqis fil-konsum fil-PI fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva. Hija pprovdiet aktar evidenza mill-FEP, l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Industrija fejn jiġi Sserrat l-Injam u l-Prezzijiet Ewropej tan-Network Globali tal-Kummerċ tal-Injam f'Ġunju 2023 biex turi l-impatt tat-tnaqqis fil-konsum.

(237) Il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet l-importanza tal-iżviluppi fil-konsum fit-Taqsima 5.2.3 tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li din il-kwistjoni kkontribwiet għad-dannu mġarrab iżda li dan ma jfissirx li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ma kinux kawża tad-dannu maġġuri, ġenwina u sostanzjali. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(238) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-iżviluppi fil-konsum, ġew ikkonfermati l-premessi (308) sa (313) tar-Regolament proviżorju.

5.2.4. *Żidiet fil-Kostijiet*

(239) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li mhijiex korretta s-sejba tal-Kummissjoni li ż-żidiet fil-kostijiet kienu biss fattur kontributorju għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u li l-kawża reali tad-dannu materjali kienet il-pressjoni fuq il-prezzijiet Ċiniżi. Is-CFPIA rreferiet għal diversi rapporti tal-intelligence relatati maż-żidiet fil-kost għall-produtturi tal-Unjoni tal-MWF u għal stqarrijiet għall-istampa mill-FEP relatati maż-żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u li ma jirreferux għall-importazzjonijiet Ċiniżi bħala tħassib li jikkawża problema.

(240) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Il-Kummissjoni ma tikkontestax il-fatt li l-kostijiet, speċjalment il-kostijiet tal-materja prima, żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat għal diversi raġunijiet. Dan il-fatt ġie rikonoxxut fit-taqsima 5.2.4 tar-Regolament proviżorju, li għamlet referenza għaċ-ċifri tal-kostijiet reali tal-industrija tal-Unjoni inkluża fil-kampjun fit-Tabella 8 tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li ż-żidiet fil-kostijiet jeħtieġ li jiġu mgħoddija lill-klijenti biex jibqgħu sostenibbli l-industriji. L-industrija tal-MWF tal-Unjoni ġarrbet tnaqqis kbir fil-profittabbiltà tagħha fl-2022 u fil-PI minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tagħha li tgħaddi ż-żidiet fil-kost lill-klijenti tagħha minħabba l-pressjoni f'termini kemm ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Jenħtieġ li jiġi nnotat li l-produtturi esportaturi Ċiniżi ħafna drabi akkwistaw prodotti tal-ballut, li huma materja prima ewlenija għall-MWF, mis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, ma kinitx biss l-industrija tal-Unjoni li ġarrbet tali żidiet fil-kost. Madankollu, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi għall-MWF naqsu bi 13 % fil-perjodu ta' investigazzjoni kif irrapportat fil-premessa (317) tar-Regolament proviżorju. Dan wassal għal pressjoni fuq il-prezzijiet għall-industrija tal-Unjoni u kien segwit mit-tnaqqis fil-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investiment u l-fluss ta' flus murija fit-Tabella 11 fil-PI. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni huwa notevoli minħabba ż-żieda fil-kostijiet tal-materja prima li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jkunu esperjenzaw u l-ħtieġa tagħhom li jġarrbu kostijiet tat-trasport biex jittrasportaw fuq l-ilma zkuk tal-ballut lejn iċ-Ċina u jirritornaw il-prodotti lesti tal-MWF lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li ż-żidiet fil-kostijiet ma naqqsux id-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u ġiet miċħuda l-pretensjoni tas-CNFPIA.

(241) CNFPIA rritornat għall-kwistjoni taż-żidiet fil-kost fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva. Hija pprovdiet aktar evidenza mill-FEP, ir-Rapport dwar il-Prezzijiet Ewropej tan-Network Globali tal-Kummerċ tal-Injam ta' Settembru 2023 u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali biex turi żidiet fil-kostijiet tal-materja prima.

(242) Madankollu, il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet l-importanza taż-żidiet fil-kost tal-materja prima fit-Taqsima 5.2.4 tar-Regolament proviżorju. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li ż-żidiet fil-kost tal-materja prima jeħtieġ li jiġu riflessi fil-prezzijiet tal-bejgħ sabiex industrija tibqa' vijabbli u li tali żidiet fil-prezzijiet ġew evitati l-aktar minħabba l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(243) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw iż-żidiet fil-kostijiet, ġew ikkonfermati l-premessi (314) sa (318) tar-Regolament proviżorju.

5.2.5. *Użu kaptiv*

(244) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw l-użu kaptiv, ġew ikkonfermati l-premessi (319) sa (320) tar-Regolament proviżorju.

5.2.6. *Fatturi oħrajn*

(245) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-industrija tal-Unjoni ħadet deċiżjonijiet tan-negozju ħżiena kif muri mis-sejba tal-Kummissjoni li l-industrija tal-Unjoni wettqet investimenti biex iżżomm l-effiċjenza iżda li wara l-2021 kellha inqas kapaċità li tiġġenera l-kapital.

(246) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Il-fatti ppreżentati fil-premessa (280) tar-Regolament proviżorju jindikaw li tali investimenti ma kinux eċċessivi, iżda pjuttost modesti matul il-perjodu kkunsidrat. Fis-snin 2022 u 2023 dawn l-investimenti kellhom ikunu limitati biss għal dawk l-investimenti li kienu essenzjali minħabba l-kapaċità dejjem tonqos li jiġi ġġenerat il-kapital.

(247) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx ivvalutat il-kummenti tagħha fil-paragrafi 43 sa 47 tas-sottomissjoni tagħha mill-25 ta' Lulju 2024.

(248) Il-Kummissjoni tinnota li fil-fatt indirizzat kwistjonijiet relatati mal-konsum fit-taqsima 5.2.3 tar-Regolament proviżorju u kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fit-taqsima 5.2.2 tar-Regolament proviżorju. Bħala parti minn din il-pretensjoni, CNFPIA allegat li Barlinek kienet investiet b'mod eċċessiv matul il-perjodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni ma tistax tagħti dettalji dwar l-investiment ta' Barlinek fil-kapaċità tal-produzzjoni għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Madankollu, l-informazzjoni vverifikata fil-fajl sensittiv turi li l-pretensjoni hija fattwalment skorretta u għalhekk miċħuda.

(249) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw fatturi oħra, ġew ikkonfermati l-premessi (321) sa (326) tar-Regolament proviżorju.

5.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(250) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni u li jenħtieġ li tirrieżamina s-sejba tagħha li l-ebda fattur għajr l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kellu xi effett fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

(251) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni għar-raġunijiet ipprovduti fil-valutazzjoni tagħha tal-kawżalità fit-taqsimiet 5.1 u 5.2 hawn fuq.

(252) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw il-konklużjoni dwar il-kawżalità, ġew ikkonfermati l-premessi (327) sa (332) tar-Regolament proviżorju.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

6.1. Marġni tad-dannu

(253) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, FEP sostniet li l-profitt fil-mira użat mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-marġni tad-dannu kien baxx wisq minħabba li kien jinkludi marġni ta' profitt għal produttur tal-Unjoni inkluż fil-kampjun li kien baxx b'mod anormali minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li kienu japplikaw għal dak il-produttur. Għalhekk, FEP sostniet li jenħtieġ li l-profitt bażiku jkun ogħla mis-7,15 % misjub fil-premessa (337) tar-Regolament proviżorju minħabba li r-rata medja ta' profitt użata ma tipprovdix stampa adegwata ta' dak li huwa meħtieġ biex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetizzjoni ġusta f'kundizzjonijiet ordinarji tas-suq.

(254) Il-Kummissjoni tfakkar li, kif spjegat fil-premessa (337) tar-Regolament proviżorju, is-sena 2020 intużat peress li din kienet qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi li kkawżat id-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid l-informazzjoni fil-fajl rigward il-produttur tal-Unjoni li l-marġni ta' profitt tiegħu kien tabilħaqq baxx b'mod anormali fl-2020. L-isem tal-kumpanija ma jistax jiġi żvelat għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità. Il-FEP sostniet li r-rata ta' profittabbiltà tal-kumpanija rispettiva kienet affettwata minn ċerti fatturi temporanji fl-2020 bħar-ristrutturar tal-mudell tan-negozju tal-kumpanija u kwistjonijiet importanti tal-katina ta' provvista matul il-pandemija tal-COVID-19.

(255) Il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li din il-kumpanija tiġi eskluża mill-kalkolu tal-profitt bażiku, li b'riżultat ta' dan żdied minn 7,15 % għal [8,7 % – 11 %] ([20]).

(256) CNFPIA għamlet kummenti dwar il-profitt fil-mira użat fil-kalkoli tal-marġni tad-dannu fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva. CNFPIA kkontestat l-użu tal-2020 bħala s-sena bażi għall-profitt fil-mira għar-raġunijiet li kien wisq 'il bogħod fiż-żmien mill-PI u ssuġġeriet l-2022 bħala alternattiva. Barra minn hekk, CNFPIA opponiet l-2020 minħabba li dik is-sena setgħet ġiet affettwata mill-impatt tal-COVID-19 fuq is-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, CNFPIA sostniet li kumpanija waħda bi profitti baxxi ma kellhiex tiġi eskluża mid-data.

(257) Il-Kummissjoni fakkret li l-2020 intgħażlet peress li kienet sena reċenti li ma kinitx affettwata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Fil-fatt, il-premessa (284) tar-Regolament proviżorju turi li d-dannu beda fl-2022. Rigward l-impatt tal-COVID-19, tnejn mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun urew li s-sena 2020 kienet sena profittabbli. Madankollu, it-tielet produttur inkluż fil-kampjun kellu problemi speċifiċi, parzjalment marbuta mal-impatti tal-COVID-19, li wasslu għall-esklużjoni tiegħu mid-data kif spjegat fit-Taqsima 6.1 tad-divulgazzjoni definittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li l-2020 kienet is-sena bażi l-aktar xierqa għall-profitt fil-mira u li kien ġustifikat li d-data tiġi limitata għaż-żewġ kumpaniji bi profitti raġonevoli f'dik is-sena. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

([20]) Il-profitt fil-mira ġie pprovdut f'firxiet peress li d-data użata għall-kalkolu tiegħu tirriżulta minn data sensittiva minn żewġ kumpaniji biss.

(258) Puderbach ikkummentat dwar il-metodoloġija użata fil-kalkolu tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz. Puderbach sostniet li l-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni użati għall-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz ma kinux komparabbli mal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Ġie sostnut li t-trasport tal-merkanzija bil-baħar, it-Tariffi doganali tal-Unjoni, il-kostijiet tat-trasport u tal-kummerċjalizzazzjoni u tad-distribuzzjoni ma kinux tqiesu bis-sħiħ.

(259) Madankollu, il-kalkolu qabbel il-prezz tal-importazzjoni fil-livell CIF (flimkien mal-kostijiet tal-importazzjoni bħat-tariffi tal-port) mal-prezz mill-fabbrika (EXW, ex-works) tal-industrija tal-Unjoni li jfisser li t-tariffi tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u dawk doganali kienu diġà fil-prezz tal-importazzjoni. Barra minn hekk, il-paragun tal-prezz CIF mal-EXW kien ġust minħabba li ż-żewġ prezzijiet kienu jirrikjedu trasport ulterjuri fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u tad-distribuzzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma tqisux peress li l-kostijiet tal-industrija tal-Unjoni ma kinux jinkludu dawk tan-negozjanti relatati. Il-kalkoli dettaljati ġew iddivulgati lit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Għalhekk, il-pretensjoni li l-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz kienu żbilanċjati ġiet miċħuda.

(260) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Fusong u Jinfa sostnew li l-Kummissjoni jenħtieġ li mhux biss tuża l-livell ta' aġġustament tal-kummerċ għall-kalkolu tal-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz iżda wkoll għall-kalkolu tal-prezz mhux dannuż. Mingħajr dan l-aġġustament, Fusong u Jinfa sostnew li ma jistgħux jitqabblu l-prezz mhux dannuż u l-prezz tal-produtturi esportaturi.

(261) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Il-kalkolu tal-kost tal-produzzjoni għal kull tip ta' prodott applikabbli għall-kalkolu tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz ma kienx jinkludi l-kostijiet tan-negozjanti relatati tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz ġie kkalkolat abbażi tal-kostijiet flimkien mal-profitt normali tal-produtturi tal-Unjoni li jfisser li mhuwa meħtieġ l-ebda aġġustament tal-LoT. Fi kliem ieħor, il-LoT tal-industrija tal-Unjoni kien komparabbli ma' dak tal-produtturi esportaturi. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(262) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Fusong u Jinfa sostnew li l-profitt fil-mira użat għall-kalkolu tal-bejgħ taħt il-prezz kien eċċessiv minħabba li kien il-profittabbiltà tal-grupp (produttur flimkien ma' negozjanti relatati) aktar milli l-profitt tal-produtturi tal-Unjoni.

(263) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. Il-profitt kemm tal-kumpaniji tal-produzzjoni kif ukoll tan-negozjanti relatati ġie stabbilit skont il-ftehimiet interni tal-ipprezzar ta' trasferiment. Għalhekk, l-uniku profitt li kien affidabbli kien il-profitt konsolidat fil-livell tal-grupp. Barra minn hekk, analiżi tal-profitti li saret mit-tliet gruppi produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun uriet li l-produtturi kienu qed jieħdu l-biċċa l-kbira tar-riskji u kienu qed jagħmlu l-aħjar użu mill-profitti jew mit-telf, filwaqt li n-negozjanti relatati kellhom it-tendenza li jiffunzjonaw skont il-profitti standard. Għalhekk, il-marġnijiet tal-profittabbiltà konsolidati użati kienu prinċipalment derivati mill-entitajiet tal-produzzjoni, kienu simili għar-rati ta' profitt tal-grupp u l-pretensjoni li tali rati ta' profitt kienu eċċessivi ma kinitx sostanzjata u fattwalment skorretta.

(264) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva, Fusong tenna l-fehma tiegħu li r-rati ta' profittabbiltà użati għall-kalkolu tal-profitt fil-mira kienu ddikjarati b'mod eċċessiv minħabba li kienu ġew ikkalkolati fuq bażi ta' Grupp.

(265) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-profitti li saru biss mill-entitajiet produtturi tal-Unjoni ma ntużawx minħabba li kienu jkopru prinċipalment il-bejgħ lill-partijiet relatati permezz ta' arranġamenti tal-ipprezzar ta' trasferiment. Għalhekk, bl-użu tad-data dwar il-profitt tal-Grupp, il-Kummissjoni użat id-data l-aktar xierqa disponibbli. Barra minn hekk, għar-raġunijiet mogħtija fil-premessa (135) tad-divulgazzjoni definittiva, il-Kummissjoni kienet issodisfata li d-data użata kienet rappreżentattiva għall-bejgħ lill-bejjiegħa bl-ingrossa. Għalhekk, il-pretensjoni li r-rata ta' profitt fil-mira ġiet iddikjarata b'mod eċċessiv ġiet miċħuda.

(266) Il-konklużjoni fil-premessa (342) tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata. Għalhekk, il-livell finali ta' eliminazzjoni tad-dannu għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u għall-kumpaniji l-oħrajn kollha huwa kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dannu definittiv (%)
Iċ-Ċina	Forest Group	51,5
Iċ-Ċina	Fusong Group	47,8
Iċ-Ċina	JINFA Group	55,0

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dannu definittiv (%)
Iċ-Ċina	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	52,3
Iċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	55,0

(267) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, FEP sostniet li hemm distorsjonijiet fil-materja prima fiċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament bażiku u li jenħtieġ li tiġi rrinunzjata r-regola tad-dazju inferjuri. Is-CNFPIA argumentat li jenħtieġ li tiġi applikata r-regola tad-dazju inferjuri.

(268) Il-Kummissjoni tinnota li jekk jenħtieġx li tapplika r-regola tad-dazju inferjuri huwa rilevanti biss meta l-marġnijiet tad-dumping applikabbli għall-produtturi esportaturi jkunu ogħla mill-marġnijiet tad-dannu rispettivi. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet definittivi tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu, kif previst fil-premessi (128) u (266) ta' dan ir-Regolament, mhijiex rilevanti l-applikazzjoni jew le tar-regola tad-dazju inferjuri. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx meħtieġ li jiġi investigat jekk kienx hemm distorsjonijiet fil-materja prima peress li r-riżultat ma jkollu l-ebda effett materjali fuq l-investigazzjoni.

6.2. Konklużjoni dwar il-livell tal-miżuri

(269) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, jenħtieġ li d-dazji anti-dumping definittivi jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Iċ-Ċina	Forest Group	32,1
Iċ-Ċina	Fusong Group	36,1
Iċ-Ċina	JINFA Group	21,3
Iċ-Ċina	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	28,0
Iċ-Ċina	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ	36,1

7. INTERESS TAL-UNJONI

7.1. L-interess tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku

(270) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.1.1. *Interess tal-industrija tal-Unjoni*

(271) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA sostniet li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tfittex vantaġġ inġust permezz ta' dawn id-dazji.

(272) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-pretensjoni. L-investigazzjoni żvelat, kif previst fit-taqsima 4 ta' dan ir-Regolament, li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu bħala riżultat tal-importazzjonijiet Ċiniżi (inġusti) oġġett ta' dumping. Il-miżuri jfittxu li jirrestawraw il-kundizzjonijiet ekwi li kienu ġew distorti mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(273) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva, Lovelin of London (importatur tal-MWF) sostna li l-industrija tal-Unjoni ma tibbenefikax mill-miżuri fit-tul peress li l-miżuri jinkoraġġixxu lill-esportaturi Ċiniżi jipproduċu l-MWF f'pajjiżi terzi u jinnovaw aktar mill-produtturi tal-Unjoni.

(274) Dawn il-kummenti huma spekulattivi u ma ġewx issostanzjati b'data. Għalhekk, dawn ġew miċħuda.

(275) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-interess tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (348) sa (353) tar-Regolament proviżorju.

7.1.2. *Interess ta' importaturi u ta' negozjanti mhux relatati*

(276) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Amorim, MEFO Floor, HAI u Puderbach sostnew li l-miżuri jagħmlu ħsara lin-negozju tal-importaturi peress li l-klijenti ma jaċċettawx li jitgħaddew il-kostijiet sħaħ fuq il-prezzijiet tal-bejgħ u, b'riżultat ta' dan, id-domanda tonqos li tkun tirrikjedi tnaqqis fl-għadd ta' persunal.

(277) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet fil-premessa (359) tar-Regolament proviżorju li l-miżuri jista' jkollhom effetti detrimentali fuq is-setturi tal-importazzjoni u tal-kummerċ. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat ukoll li dawn is-setturi jistgħu jtaffu l-impatt fuq in-negozji tagħhom billi jakkwistaw minn pajjiżi terzi oħra jew mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li ma kinux sostanzjati l-pretensjonijiet. Fin-nuqqas ta' evidenza reali u verifikata mid-determinazzjoni proviżorja tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tissostanzja l-firxa tal-pretensjonijiet ta' effetti detrimentali fuq is-setturi tal-importazzjoni u tal-kummerċ. Għalhekk, il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(278) Amorim ikkummentat dwar l-"Interess ta' importaturi u ta' negozjanti mhux relatati" fis-sottomissjoni tagħha li saret wara d-divulgazzjoni definittiva. Il-kummenti ta' Amorim kienu relatati ma' i) l-oneru tal-provi fuq l-importaturi u n-negozjanti fl-investigazzjoni, ii) l-għażliet alternattivi ta' akkwist, iii) l-impatt fit-tul tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ, iv) il-ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatt ekonomiku qabel l-impożizzjoni tal-miżuri u v) ir-riskju għall-kompetizzjoni tas-suq u l-istabbiltà tal-katina ta' provvista. Is-CNFPIA għamlet ukoll kummenti ġenerali dwar l-"Interess ta' importaturi u ta' negozjanti mhux relatati" fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva. Amorim sostniet li l-importaturi u n-negozjanti jiffaċċjaw limitazzjonijiet prattiċi biex jiddefendu l-interessi tagħhom minħabba nuqqas ta' riżorsi fil-perjodu ta' żmien tal-investigazzjoni bejn id-determinazzjonijiet proviżorji u finali. Hija sostniet li dan biddel l-oneru tal-provi għal tali operaturi ekonomiċi.

(279) Il-politika tal-Kummissjoni għall-partijiet interessati kollha hija li tinnotifika lill-partijiet magħrufa kollha fil-Jum 1 ta' investigazzjoni u li tippubblika n-Notifika tal-bidu fil-Ġurnal Uffiċjali sabiex tippromwovi l-kooperazzjoni sabiex il-fehmiet tal-partijiet kollha jkunu jistgħu jiġu mgħarrfa u vverifikati jekk ikun meħtieġ. Dan l-approċċ huwa f'konformità mar-Regolament bażiku. Madankollu, peress li l-investigazzjonijiet ikollhom skadenzi legali, huwa inerenti għall-partijiet kollha li jesprimu l-fehmiet fl-aktar stadju kmieni possibbli. Il-Kummissjoni diġà kkummentat dwar il-livell baxx ta' kooperazzjoni mill-importaturi u min-negozjanti fit-Taqsima 7.2 tar-Regolament proviżorju. Filwaqt li jitqies li l-Kummissjoni trid tagħmel progress fl-investigazzjonijiet f'konformità mar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ma tistax taċċetta l-pretensjoni li l-iskeda ta' żmien tal-investigazzjoni kienet ta' detriment għall-importaturi u għan-negozjanti. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21(5) u (7) tar-Regolament bażiku, huwa f'idejn il-partijiet interessati li jissottomettu kif xieraq informazzjoni appoġġata minn evidenza reali li hija rappreżentattiva u tissostanzja l-validità tagħha. Għalhekk, il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(280) Amorim ikkummentat li kienet simplifikazzjoni żejda li targumenta li n-negozji jistgħu sempliċiment itaffu l-impatt tal-miżuri billi jakkwistaw minn pajjiżi terzi oħra jew mill-industrija tal-Unjoni. Amorim indikat li n-negozjanti ffaċċjaw diversi problemi prattiċi biex jibdlu l-forniturі bħal kostijiet żejda, id-disponibbiltà ta' prodotti ekwivalenti u kwistjonijiet kuntrattwali.

(281) Il-Kummissjoni sostniet il-fehma tagħha li billi jakkwistaw minn pajjiżi terzi oħra jew mill-industrija tal-Unjoni, l-importaturi u n-negozjanti huma kapaċi jtaffu l-effetti tal-miżuri fuq in-negozju tagħhom. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kwistjonijiet prattiċi mqajma minn Amorim iżda l-firxa wiesgħa ta' prodotti MWF disponibbli mill-industrija tal-Unjoni waħedha u l-kapaċità żejda tagħha jfissru li l-qlib tas-sorsi tal-provvista jibqa' għażla vijabbli għall-importaturi u n-negozjanti. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(282) Amorim ikkummentat li d-divulgazzjoni definittiva ma qisitx l-impatt fit-tul tal-effetti detrimentali tal-miżuri. Amorim sostniet li n-nuqqas ta' dannu kwantifikabbli immedjatament jenħtieġ li ma jiġix interpretat bħala evidenza li l-ebda dannu ma jeżisti jew mhu se jseħħ.

(283) Il-miżuri proposti mistennija jdumu 5 snin u Amorim ma speċifikatx l-impatti negattivi li jista' jkollhom impatt fuq l-importaturi u n-negozjanti, iżda sempliċiment spekulat li jista' jkun hemm xi impatti li huma previsti. L-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku jiddikjara b'mod ċar li l-argumenti tal-interess tal-Unjoni jeħtieġ li jipprovdu argumenti konvinċenti biex tinbidel il-ħtieġa li jiġu imposti dazji. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda peress li ma kinitx sostanzjata.

(284) Amorim ikkummentat ukoll li jenħtieġ li titwettaq valutazzjoni ekonomika sħiħa tal-interessi tal-partijiet interessati u li dan ma kienx il-każ f'din l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni trid terġa' tirreferi għall-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku li jispjega n-natura tal-analiżi meħtieġa f'każ ta' anti-dumping.

(285) Il-Kummissjoni segwiet ir-rekwiżiti proċedurali, u hija r-responsabbiltà tal-partijiet interessati li jesprimu l-fehmiet tagħhom fil-perjodu ta' żmien ta' investigazzjoni, inkluż l-impatt ekonomiku fuq l-importaturi u n-negozjanti. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(286) Amorim ikkummentat ukoll li l-miżuri jiskoraġġixxu l-akkwist diversifikat u jidderieġu d-domanda lejn grupp aktar ristrett ta' fornituri, il-miżuri jistgħu jnaqqsu b'mod involontarju l-kompetizzjoni tas-suq, iżidu l-kostijiet tal-input, u jrawmu l-fraġilità tal-katina ta' provvista.

(287) L-għan tal-miżuri huwa li jirrestawraw il-kompetizzjoni ġusta fis-suq. L-importazzjonijiet miċ-Ċina jirrappreżentaw kompetizzjoni inġusta minħabba d-dumping. Il-Kummissjoni għalhekk ma taħsibx – u lanqas ma għandha evidenza – li l-miżuri huma antikompetittivi. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(288) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-interess ta' importaturi u ta' negozjanti mhux relatati, ġew ikkonfermati l-premessi (354) sa (365) tar-Regolament proviżorju.

7.1.3. *L-interess tal-utenti, tal-bejjiegħa bl-imnut, eċċ.*

(289) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CNFPIA ma qablitx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut ikunu jistgħu jgħaddu ż-żidiet fil-prezzijiet lill-klijenti tagħhom minħabba t-tnaqqis fil-konsum fl-Unjoni. Is-CNFPIA ma qablitx ukoll mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li mhux se jkun hemm nuqqas ta' provvista.

(290) Il-Kummissjoni sabet li l-pretensjoni ma kinitx sostanzjata peress li ma kien hemm l-ebda data konkreta u verifikata ġdida fil-fajl. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(291) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, HAI sostniet li l-miżuri jagħmlu ħsara lin-negozju tal-bejjiegħa bl-imnut u tad-distributuri peress li l-klijenti ma jaċċettawx li jitgħaddew il-kostijiet sħaħ fuq il-prezzijiet tal-bejgħ u, b'riżultat ta' dan, tonqos id-domanda.

(292) Għalkemm il-Kummissjoni sabet li din il-pretensjoni ma kinitx sostanzjata, il-Kummissjoni kienet diġà rrikonoxxiet fil-premessa (368) tar-Regolament proviżorju li l-miżuri jista' jkollhom effetti detrimentali fuq l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut iżda li dawn ma jkunux sproporzjonati peress li ma jsofrux minn nuqqas ta' provvista, peress li jeżistu sorsi oħra ta' provvista. Mid-determinazzjoni proviżorja tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ma kinitx f'ożżjoni li tissostanzja l-firxa tal-pretensjonijiet ta' effetti detrimentali fuq il-bejjiegħa bl-imnut u l-utenti, u għalhekk din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(293) Amorim ikkummentat dwar l-"Interess tal-utenti u tal-bejjiegħa bl-imnut" fis-sottomissjoni tagħha li saret wara d-divulgazzjoni definittiva. Il-kummenti ta' Amorim kienu relatati ma' i) il-problemi tal-qlib tas-sorsi tal-provvista tal-MWF, ii) il-grad ta' kunsiderazzjoni tal-effetti fit-tul, iii) l-allegat nuqqas ta' approċċ proattiv iv) l-impatt fuq l-SMEs u l-bejjiegħa bl-imnut speċjalizzati v) allegata inkonsistenza fl-approċċ tal-Kummissjoni u vi) kwistjonijiet usa' tal-konsumatur. Is-CNFPIA għamlet ukoll kummenti ġenerali dwar l-"Interess tal-utenti u tal-bejjiegħa bl-imnut" fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva.

(294) Bħal fil-każ tal-importaturi u n-negozjanti, Amorim ikkummentat ukoll dwar il-kwistjonijiet li jiffaċċjaw l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut meta jaqilbu l-fornituri bħal kostijiet żejda, id-disponibbiltà ta' prodotti ekwivalenti u kwistjonijiet kuntrattwali.

(295) Il-Kummissjoni sostniet il-fehma tagħha li bl-akkwist minn pajjiżi terzi oħra jew minn ġewwa l-industrija tal-Unjoni, l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut huma kapaċi jtaffu l-effetti tal-miżuri fuq in-negozju tagħhom. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-kwistjonijiet prattiċi mqajma minn Amorim iżda l-firxa wiesgħa ta' prodotti MWF disponibbli mill-industrija tal-Unjoni waħedha u l-kapaċità żejda tagħha jfissru li l-qlib tas-sorsi tal-provvista jibqa' għażla vijabbli għall-importaturi u n-negozjanti. Għalhekk, il-pretensjonijiet ġew miċħuda.

(296) Amorim tenniet ukoll il-punt tagħha li l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut bħall-installaturi, il-kuntratturi u l-iżviluppaturi jkunu affettwati mill-miżuri. Amorim sostniet li l-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis fil-bejgħ, pressjoni fuq il-marġnijiet, u tnaqqis fid-diversità tal-prodotti. Barra minn hekk, Amorim spjegat li l-industrija tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni, li diġà qed tiffaċċja kostijiet elevati minħabba l-inflazzjoni u l-pressjonijiet tal-katina ta' provvista, tista' tara proġetti mdewma jew imċekkna.

(297) Għalkemm dawn il-kummenti minn Amorim ipprovdew aktar dettall dwar il-fehmiet tagħha relatati mal-impatt tal-miżuri fuq l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut, il-Kummissjoni diġà aċċettat fil-premessa (368) li l-miżuri jkollhom xi impatt negattiv fuq dawn il-partijiet. Madankollu, in-nuqqas ta' kooperazzjoni minn dawn is-setturi jfisser li l-Kummissjoni ma setgħetx tevalwa kemm hija importanti l-MWF għal diversi tipi ta' bejjiegħa bl-imnut u utenti f'termini ta' fatturat tal-bejgħ, x'inhuma l-marġnijiet ta' profittabbiltà attwali tagħhom u kemm tkun importanti ż-żieda fil-kostijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li l-pretensjonijiet li dawn is-setturi se jsofru effetti detrimentali kbar bħala riżultat tal-miżuri ma ġewx sostanzjati.

(298) Amorim ikkummentat ukoll li d-divulgazzjoni definittiva ma qisitx l-impatt fit-tul tal-effetti detrimentali tal-miżuri fuq l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut. Amorim sostniet li n-nuqqas ta' dannu kwantifikabbli immedjatament jenħtieġ li ma jiġix interpretat bħala evidenza li l-ebda dannu ma jeżisti jew mhu se jseħħ.

(299) Il-miżuri proposti mistennija jdumu 5 snin u Amorim ma speċifikatx l-impatti negattivi li jista' jkollhom impatt fuq l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut, iżda sempliċiment spekulat li jista' jkun hemm xi impatti li huma previsti. L-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku jiddikjara b'mod ċar li l-argumenti tal-interess tal-Unjoni jeħtieġ li jipprovdu argumenti konvinċenti biex tinbidel il-ħtieġa li jiġu imposti dazji. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda peress li ma kinitx sostanzjata.

(300) Amorim allegat ukoll li l-analiżi tal-Kummissjoni tal-utenti u tal-bejjiegħa bl-imnut kienet "passiva" u poġġiet l-oneru tal-provi fuq il-partijiet affettwati. Fir-rigward tal-SMEs, Amorim ikkummentat li d-divulgazzjoni definittiva ma qiesx l-interessi tal-utenti u tal-bejjiegħa bl-imnut tal-SMEs li jista' jkollhom inqas riżorsi u jistgħu jkunu inqas reżiljenti għat-tfixkil fis-suq.

(301) Il-Kummissjoni tiċħad il-pretensjoni li hija kienet passiva fl-approċċ tagħha għall-investigazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Il-fehmiet tal-partijiet kollha (inklużi l-SMEs) intalbu kemm fin-Notifika tal-Bidu kif ukoll fl-ittri mibgħuta lill-partijiet interessati fil-Jum 1 tal-investigazzjoni. F'dan il-każ, ftit ħafna mill-partijiet ippreżentaw ruħhom biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u l-ebda waħda ma mliet il-kwestjonarju mfassal għall-użu mill-utenti u mill-bejjiegħa bl-imnut. Għal darb'oħra, il-Kummissjoni trid tirreferi għall-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku li jagħmilha ċara li bħala parti mit-test tal-interess tal-Unjoni l-partijiet interessati jeħtieġ li juru raġunijiet konvinċenti biex ibiddlu s-sejbiet ta' dumping, dannu u kawżalità. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tiċħad il-pretensjoni li hija aġixxiet b'mod inġust jew b'reqqa inadegwata.

(302) Amorim allegat ukoll li kien hemm inkonsistenza fl-approċċ tal-Kummissjoni filwaqt li indikat li r-Regolament proviżorju jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-effetti detrimentali potenzjali tal-miżuri fuq l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut, madankollu, id-divulgazzjoni definittiva tiċħad kwistjonijiet abbażi biss ta' nuqqas ta' evidenza formali.

(303) Ir-Regolament proviżorju tal-Kummissjoni jindirizza l-kwistjonijiet kollha mqajma f'dak l-istadju tal-investigazzjoni filwaqt li fl-istadju definittiv l-investigazzjoni tiffoka fuq kwistjonijiet u punti ġodda li saru wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju. Sabiex tiċċara din il-kwistjoni, il-Kummissjoni tkompli tirrikonoxxi li ċerti impatti negattivi jistgħu jirriżultaw fuq l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut bħala riżultat tal-miżuri.

(304) Il-kummenti ta' Amorim f'din it-taqsima relatati mal-konsegwenzi għall-konsumaturi huma ttrattati fit-taqsima intitolata "Interessi fuq il-konsumaturi".

(305) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-interess tal-utenti u tal-bejjiegħa bl-imnut, ġew ikkonfermati l-premessi (366) sa (369) tar-Regolament proviżorju.

7.1.4. *L-interess tal-industrija tal-injam tal-Unjoni*

(306) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Amorim u Barth sostnew li l-industrija tal-injam tal-UE, li kienet qed tbigħ materja prima lill-produtturi esportaturi Ċiniżi, kienet se tara tnaqqis fl-esportazzjonijiet tagħha.

(307) Għalkemm il-Kummissjoni sabet din il-pretensjoni mhux sostanzjata, il-Kummissjoni indikat fil-premessa (373) tar-Regolament proviżorju li ma kinitx qed tistenna li l-industrija tal-injam tal-UE tiġi affettwata b'mod sproporzjonat mill-miżuri peress li x'aktarx kienu se jappoġġaw lill-produtturi tal-UE u l-produzzjoni f'pajjiżi terzi oħra. Mid-determinazzjoni proviżorja tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tissostanzja l-firxa tal-pretensjonijiet ta' effetti detrimentali fuq l-industrija tal-injam tal-UE, u għalhekk din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(308) Fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni definittiva, Holz-Richter sostniet li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni ("EUDR", EU Deforestation Regulation) jaggrava l-effetti negattivi tal-miżuri fuq l-industrija tal-injam tal-Unjoni, li titlef in-negozju mal-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-MWF.

(309) Din il-pretensjoni ma kinitx sostanzjata u fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-industrija tal-injam ma kienx possibbli li tiġi evalwata din il-pretensjoni jew li jiġi vvalutat jekk l-industrija tal-injam iżżidx il-bejgħ lill-industrija tal-MWF tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(310) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-interess tal-industrija tal-injam tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (370) sa (373) tar-Regolament proviżorju.

7.1.5. *L-interess tal-konsumaturi tal-Unjoni*

(311) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Amorim, MEFO Floor, Puderbach u HAI sostnew li l-konsumaturi se ssirilhom ħsara bħala riżultat taż-żieda fil-prezzijiet ikkawżata mill-miżuri.

(312) Il-Kummissjoni tinnota li din il-pretensjoni kienet diġà ġiet indirizzata fil-premessa (375) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni x'aktarx li jiżdiedu bħala riżultat ta' din l-investigazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ttenni li l-MWF mhumiex xirja regolari għall-konsumaturi u fil-fatt, l-MWF ma jidhrux bħala element importanti tal-biċċa l-kbira tal-baġits tal-konsumaturi. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni peress li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-miżuri jistgħu jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-konsumaturi.

(313) Amorim ikkummentat dwar l-"Interess tal-konsumaturi" fis-sottomissjoni tagħha li saret wara d-divulgazzjoni definittiva. Il-kummenti ta' Amorim kienu relatati ma' i) is-sinifikat tal-pavimenti tal-MWF għall-konsumaturi, ii) il-grad ta' kunsiderazzjoni tal-effetti fit-tul, iii) l-allegat nuqqas ta' approċċ proattiv iv) l-impatt fuq l-SMEs u l-bejjiegħa bl-imnut speċjalizzati v) l-allegata inkonsistenza fl-approċċ tal-Kummissjoni u vi) kwistjonijiet usa' tal-konsumatur.

(314) CNFPIA u Holz-Richter għamlu wkoll kummenti ġenerali dwar l-"Interess tal-konsumaturi" fis-sottomissjonijiet tagħhom wara d-divulgazzjoni definittiva.

(315) Amorim u Lovelin of London ikkontestaw is-sejba tal-Kummissjoni dwar l-importanza tal-MWF fil-baġits tal-konsumatur. Amorim għamlet distinzjoni bejn il-konsumaturi li reċentement xtraw il-pavimenti tal-MWF u konsumaturi oħra. Amorim ikkwotat ċifri mir-Riċerka Ewropea dwar il-Konsumaturi tal-2023, li ġiet ippubblikata minn FEP, biex tappoġġa l-kumment tagħha li xiri ta' darba bħall-paviment MWF xorta jista' jkollu konsegwenzi ekonomiċi sinifikanti fuq il-konsumaturi. Ir-riċerka turi li 17 % tal-konsumaturi kienu installaw sular ġdid ta' xi tip f'dawn l-aħħar 4 snin. Madankollu, l-istess riċerka turi li 13 % biss ta' tali artijiet kienu magħmula mill-injam. Dan ifisser li 2 % biss tal-konsumaturi fl-istħarriġ tar-riċerka kienu installaw art tal-injam f'dawn l-aħħar 4 snin. Għalhekk, il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li l-MWF ma tidhirx bħala element importanti tal-parti l-kbira tal-baġits tal-konsumaturi.

(316) Amorim sostniet ukoll li jkun hemm impatt sproporzjonat fuq il-konsumaturi sensittivi għall-prezzijiet li normalment jixtru l-MWF magħmula fiċ-Ċina.

(317) L-ewwel nett, din il-pretensjoni tappoġġa s-sejba tal-Kummissjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi waqqgħu l-prezz tal-bejgħ tal-produttur tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni temmen li tali kompetizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-kummerċ ġust u għalhekk ċaħdet il-pretensjoni li l-miżuri li jirriżultaw minn din l-investigazzjoni jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-konsumaturi sensittivi għall-prezzijiet.

(318) Amorim sostniet ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet valutazzjoni tal-impatt adegwata għall-konsumatur dwar il-kwistjonijiet li tistabbilixxi sejbiet ġodda għall-investigazzjoni. Amorim argumentat ukoll li l-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq riċerka bir-reqqa sabiex tiżgura li għanijiet ta' politika usa' tal-UE ma jiġux imminati mill-miżuri, bħall-Patt Ekoloġiku, l-ekwità soċjali u l-akkomodazzjoni affordabbli.

(319) Il-Kummissjoni indikat li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza biex turi li l-miżuri anti-dumping proposti fid-divulgazzjoni definittiva jimminaw dawn l-għanijiet ta' politika usa'. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li l-investigazzjonijiet anti-dumping huma limitati fiż-żmien bi skadenzi statutorji stretti. Bħala tali, il-Kummissjoni tiddependi fuq il-partijiet interessati biex jissottomettu evidenza u argumenti reali u rappreżentattivi biex jissostanzjaw il-fehmiet tagħhom. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda għażla ħlief li topera f'dan il-qafas legali. Għalhekk, il-Kummissjoni tiċħad il-pretensjoni li hija ma ħadmitx fi ħdan il-liġi biex tidentifika l-fehmiet tal-konsumaturi u tqis l-impatt fuq kwistjonijiet usa'.

(320) Fin-nuqqas ta' aktar kummenti li jikkonċernaw l-interess tal-konsumaturi tal-Unjoni, ġew ikkonfermati l-premessi (374) sa (376) tar-Regolament proviżorju.

7.1.6. *Fatturi oħrajn*

(321) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Amorim, MEFO Floor, Puderbach u s-CNFPIA sostnew li l-miżuri jwasslu għas-sostituzzjoni tal-MWF bi prodotti orħos u inqas sostenibbli.

(322) Il-Kummissjoni ma tistax teskludi li jista' jseħħ xi grad ta' sostituzzjoni. Madankollu, din il-pretensjoni ma kinitx sostanzjata peress li ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza biex tappoġġa l-pretensjoni jew il-kobor ta' xi sostituzzjoni eventwali. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(323) Wara d-divulgazzjoni definittiva Amorim tenniet il-kummenti tagħha li l-miżuri jwasslu għal tnaqqis fid-domanda għall-MWF u żieda fil-konsum ta' għażliet ta' pavimenti orħos bħal-laminat, il-vinil u t-tqegħid ta' madum lussuż tal-vinil (LVT, luxury vinyl tiling). Holz-Richter, Lovelin of London u Puderbach appoġġaw dawn il-fehmiet. Amorim ipprovdiet data dwar ċerti tipi ta' pavimenti li jkopru s-snin 2020 u 2024 biex turi li d-domanda għal tipi differenti ta' pavimenti nbidlet u identifikat il-prezz bħala raġuni għal dawn l-iżviluppi.

(324) Il-Kummissjoni ma kkontestatx li xi konsumaturi jistgħu jaqilbu għal alternattivi aktar affordabbli ta' pavimenti bi tweġiba għaż-żidiet fil-prezzijiet. Madankollu, ir-Riċerka dwar il-Konsumaturi sottomessa minn Amorim tindika b'mod ċar li l-ipprezzar huwa biss wieħed mill-fatturi li jaffettwaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-konsumaturi. Barra minn hekk, is-CNFPIA sostniet li d-domanda fis-settur tal-MWF se tiżdied fis-snin li ġejjin minħabba inflazzjoni mnaqqsa tal-kostijiet ewlenin tagħha ladarba tintemm il-Gwerra tal-Ukrajna. Madankollu, jidher ċar li l-Kummissjoni ma ġietx ippreżentata b'evidenza konvinċenti li l-kwistjoni tas-sostitwibbiltà turi li l-miżuri mhumiex fl-interess tal-Unjoni.

(325) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Amorim u MEFO Floor, Puderbach u HAI sostnew li mat-tnaqqis tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, dawn se jiġu sostitwiti b'importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra. Dawn il-partijiet sostnew li l-miżuri ma jipprovdux benefiċċji lill-industrija tal-Unjoni.

(326) Il-Kummissjoni tqis mhux sostanzjata din il-pretensjoni. Madankollu, jirriżulta mill-fehma tal-Kummissjoni fil-premessa (359) tar-Regolament proviżorju li l-industrija tal-Unjoni tibbenefika mill-miżuri.

7.1.7. *Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni*

(327) Fin-nuqqas ta' kummenti li jikkonċernaw il-konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni, ġiet ikkonfermata l-premessa (377) tar-Regolament proviżorju.

8. MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI

8.1. Miżuri definittivi

(328) Bil-ħsieb tal-konklużjonijiet li ntlaħqu fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex jiġi evitat li jiġi kkawżat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(329) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Iċ-Ċina	Forest Group	32,1	51,5	32,1
Iċ-Ċina	Fusong Group	36,1	47,8	36,1
Iċ-Ċina	JINFA Group	21,3	55,0	21,3
Iċ-Ċina	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	28,0	52,3	28,0
Iċ-Ċina	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-RPĊ	36,1	55,0	36,1

(330) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. B'hekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u manifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għal "l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina".

(331) Il-Kummissjoni talbet dokumenti addizzjonali, bħal liċenzji tan-negozju u statuti ta' assoċjazzjoni mill-esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun biex tikkonferma l-istatus tagħhom bħala produtturi tal-prodott ikkonċernat. Minn 63 parti li pprovdew informazzjoni addizzjonali, Huzhou Teya Floor Co., Ltd naqset milli turi rabta mal-investigazzjoni u l-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li l-kumpanija hija produttur reali tal-prodott ikkonċernat. Kumpanija oħra, JILIN XINYUAN WOODEN INDUSTRY CO., LTD, ma pprovdiet l-ebda informazzjoni jew evidenza addizzjonali li hija produttur esportatur. Għalhekk, dawn il-kumpaniji tqiesu bħala li ma kkooperawx u tħassru mil-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw.

(332) Wara d-divulgazzjoni definittiva JILIN XINYUAN WOODEN INDUSTRY CO., LTD ipprovdiet l-informazzjoni mitluba. Għalhekk, il-kumpanija ġiet miżjuda mal-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw.

(333) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([21]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(334) Biex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għal "l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina".

([21]) Posta elettronika: TRADE-TDI-NAME-CHANGE-REQUESTS@ec.europa.eu; European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussels, Belgium.

(335) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri japplikaw ir-rati individwali tad-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport fuq l-ilma, eċċ.) għall-fini li jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(336) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex isir dan. Din l-investigazzjoni tista', fost oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(337) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(338) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' tali talba dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI; (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

8.2. Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji

(339) Bil-ħsieb tal-marġnijiet tad-dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ammonti garantiti permezz tad-dazji anti-dumping proviżorji imposti bir-Regolament proviżorju jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.3. Retroattività

(340) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni soġġetti għal reġistrazzjoni.

(341) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, FEP sostniet li l-istatistika tal-Eurostat turi li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu żdiedu b'mod enormi u li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji.

(342) Matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġiet ivvalutata d-data miġbura fil-kuntest tar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ġewx issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(343) Il-Kummissjoni tqis li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ġew irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku f'konformità mal-kriterju (a).

(344) Il-Kummissjoni tqis li l-importaturi ngħataw opportunità li jikkummentaw skont il-kriterju (b) bil-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju.

8.3.1. *Storja ta' dumping jew kuxjenza tad-dumping jew tad-dannu mill-importatur*

(345) Skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku, jeħtieġ li jkun hemm "storja ta' dumping tul perjodu estiż, jew l-importatur kien konxju, jew kellu jkun konxju, tad-dumping fir-rigward tal-grad tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub". F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, tad-dumping fir-rigward tal-grad tad-dumping u tad-dannu allegat jew misjub mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni.

(346) In-Notifika tal-Bidu u l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment kien fihom għadd ta' dikjarazzjonijiet u elementi ta' evidenza li jappoġġaw u jiddikjaraw il-grad tad-dumping u tad-dannu allegat. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi u l-utenti kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji, tal-prattiki ta' dumping allegat, il-grad tagħhom u d-dannu allegat.

(347) B'hekk, huwa konkluż li ġie ssodisfat dan il-kriterju ta' ġbir retroattiv ta' dazji.

(348) Wara d-divulgazzjoni definittiva, AUMI u CNFPIA kkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi b'mod retroattiv dazji anti-dumping mid-data tar-reġistrazzjoni u sostnew li l-approċċ tal-Kummissjoni naqas milli jissodisfa l-kundizzjonijiet kumulattivi kollha stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kif interpretat mill-Qorti fil-kawża T-749/16 ([22]). Is-CNFPIA sostniet li l-Kummissjoni ma pprovdietx ġustifikazzjoni debitament sostanzjata għad-deċiżjoni tagħha li tirreġistra fl-ewwel lok. Skont CNFPIA, id-deċiżjoni li jiġu rreġistrati l-importazzjonijiet trid tiġi debitament sostanzjata b'mod partikolari meta l-Kummissjoni (bħal f'dan il-każ) taġixxi ex officio. CNFPIA nnotat ukoll li dan imur kontra l-prattika tal-Kummissjoni f'investigazzjonijiet preċedenti u sostniet li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tissostanzja b'mod adegwat id-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tagħha jikser il-prinċipji legali stabbiliti mill-Qorti Ġenerali u jimmina ċ-ċertezza legali għall-importaturi.

(349) Il-Kummissjoni nnotat li f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni wara talba, mill-industrija tal-Unjoni, li jkun fiha biżżejjed evidenza biex tiġġustifika tali azzjoni. L-importazzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni. Filwaqt li huwa ċar li r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet wara talba hija soġġetta għall-eżistenza ta' raġunijiet biżżejjed biex tiġġustifika r-reġistrazzjoni, ma hemm l-ebda tali rekwiżit għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-bidla fil-prattika ġiet ikkomunikata fl-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tal-24 ta' Settembru 2024 ([23]). Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(350) Barra minn hekk, CNFPIA u AUMI sostnew li l-Kummissjoni naqset milli turi li l-importaturi kienu konxji (jew kellhom ikunu konxji) tal-grad tad-dumping u tad-dannu allegat u li l-approċċ tal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni essenzjalment irendi l-Artikolu 10(4)(c) superfluwu. Billi rreġistrat awtomatikament l-importazzjonijiet kollha minn Settembru 2024, il-Kummissjoni neħħiet il-valur sostantiv tar-rekwiżit ta' sensibilizzazzjoni, u b'hekk dan sar formalità proċedurali aktar milli kundizzjoni legalment sinifikanti. AUMI u CNFPIA sostnew li l-preżunzjoni tal-Kummissjoni li l-importaturi kellhom ikunu konxji tad-dumping wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu (NoI, Notice of Initiation) u tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment rendiet l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku vojt.

(351) Amorim sostniet li s-sempliċi pubblikazzjoni tal-NoI ma kinitx biżżejjed biex il-Kummissjoni ssotni li l-partijiet kellhom ikunu konxji tad-dumping skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku.

(352) Il-Kummissjoni nnotat li CNFPIA u AUMI qed iħawdu żewġ kunċetti: ir-reġistrazzjoni u l-ġbir retroattiv. Filwaqt li r-reġistrazzjoni hija għodda doganali li tiffaċilita l-identifikazzjoni tal-importazzjonijiet li fuqhom jista' jintalab il-ġbir retroattiv tad-dazji u jista' jsir fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni, il-ġbir retroattiv jista' jseħħ biss jekk jiġu vvalutati u ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Kif spjegat fil-premessi (345) sa (346) hawn fuq, il-Kummissjoni vvalutat u stabbiliet li l-importaturi kienu konxji jew kellhom ikunu konxji

([22]) Is-Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, *Stemcor London Ltd u Samac Steel Supplies Ltd vs il-Kummissjoni Ewropea*, il-Kawża T-749/16, ECLI:EU:T:2019:310.

([23]) Commission to register imports of all products under trade defence investigations in bid to fight unfair competition - European Commission (Il-Kummissjoni għandha tirreġistra l-importazzjonijiet tal-prodotti kollha taħt investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ bil-ħsieb tal-ġlieda kontra l-kompetizzjoni inġusta - Il-Kummissjoni Ewropea), https://policy.trade.ec.europa.eu/news/commission-register-imports-all-products-under-trade-defence-investigations-bid-fight-unfair-2024-09-24_mt.

tad-dumping fir-rigward tal-grad tad-dumping u tad-dannu allegat jew misjub". Kif ikkonfermat mill-Qorti fil-Kawża T-749/16 ([24]) imsemmija fil-premessa (348) hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-importaturi kienu konxji jew kellhom ikunu konxji tad-dumping u tad-dannu allegat mill-pubblikazzjoni tal-NoI u tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(353) CNFPIA argumentat ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx uriet li kien hemm żieda sostanzjali ta' wara l-PI fl-importazzjonijiet. Fil-bidu, il-PI (2023) kien fih innifsu kkaratterizzat minn tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet. Meta mqabbel mal-volumi tal-importazzjoni partikolarment baxxi fl-2023, iż-żieda żgħira fl-importazzjonijiet fl-2024 kienet sempliċiment irkupru għal livelli aktar tipiċi ta' kummerċ, kif jintwera mid-data minn snin preċedenti. Filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu fl-2024, dawn baqgħu taħt il-livelli osservati fl-2022, meta l-kundizzjonijiet tas-suq kienu aktar tipiċi. CNFPIA nnotat li għall-kuntrarju tal-investigazzjonijiet preċedenti tagħha, il-Kummissjoni naqset milli twettaq analiżi bir-reqqa tal-importazzjonijiet ta' wara l-PI sabiex tivvaluta kif il-volumi tal-importazzjoni ta' wara l-PI kellhom, jew saħansitra seta' kellhom, impatt fuq il-kundizzjonijiet tas-suq, partikolarment f'termini ta' pprezzar u ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli tivvaluta kwalunkwe kumulazzjoni ta' riżervi potenzjali mill-importaturi u b'hekk kienet naqset milli turi li xi żieda setgħet timmina l-effett rimedjali tad-dazji anti-dumping. Fid-dawl ta' dawn l-ommissjonijiet, is-CNFPIA sostniet li l-Kummissjoni kienet naqset milli tissodisfa l-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Bħala tali, l-applikazzjoni retroattiva tad-dazji ma kinitx ġustifikata u jenħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-ġdid peress li l-ġbir retroattiv tad-dazji jibqa' eċċezzjoni li tista' tiġi ġustifikata biss f'ċirkostanzi straordinarji.

(354) Amorim, Barth, Fusong, Lovelin u Thede&Witte sostnew li l-Kummissjoni kellha tqis iż-żmien meħtieġ bejn id-data tal-ordni u d-data tal-importazzjoni meta vvalutat jekk l-importaturi kellhomx ikunu konxji tad-dumping. Amorim u Barth sostnew li l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet wara l-pubblikazzjoni tal-NoI kienu ġew ordnati qabel l-NoI. Amorim sostniet li ż-żmien meħtieġ bejn id-data tal-ordni u d-data tal-importazzjoni kien ta' bejn 12 u 16-il ġimgħa inklużi 4 sa 6 ġimgħat għall-manifattura tal-oġġetti u madwar 60 jum għall-vjeġġi biex jaslu fl-Unjoni. Thede&Witte sostniet li ż-żmien meħtieġ kien ta' mill-inqas 3 xhur, Fusong bejn 3,5 u 4,5 xhur u Lovelin ta' mill-inqas 6 xhur. Barth sostniet li l-maġġoranza kbira tal-MWF importati wara l-pubblikazzjoni tal-NoI kienet ġiet ordnata qabel l-NoI u ppreżentat data kunfidenzjali biex issostni l-pretensjoni. AUMI sostniet li l-Kummissjoni ma investigatx jekk kienx hemm kumulazzjoni ta' riżervi u żiedet li matul iż-żjara ta' verifika ta' Lamett, il-Kummissjoni la staqsiet dwar, u lanqas ma vverifikat il-kwistjoni. Bil-ħsieb ta' dan iż-żmien meħtieġ, dawn il-partijiet sostnew li fiż-żmien tal-ordnijiet ma setgħux ikunu konxji tad-dumping u għalhekk, il-kundizzjoni fl-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku ma kinitx ġiet issodisfata.

(355) Fil-bidu, il-Kummissjoni tfakkar li, kif ġie nnotat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Stemcor, "Skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament Bażiku, id-dazji jistgħu jiġu imposti retroattivament jekk ikun hemm "flimkien mal-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw ħsara matul il-perjodu tal-investigazzjoni, żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet" li, "fid-dawl ta' meta sseħħ", tal-volum u ta' ċirkustanzi oħra, ikun ta' natura li tikkomprometti serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat" ([25]). Huwa ċar li d-dispożizzjoni tirreferi għal "importazzjonijiet" u mhux għal "ordnijiet" li x'aktarx li jimminaw serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat. Il-Qorti sabet ukoll li "l-effetti tal-importazzjonijiet matul il-perijodu tar-reġistrazzjoni ma jistgħux jiġu distinti b'mod ċert mill-effetti tal-importazzjonijiet imwettqa qabel l-imsemmi il-perijodu, peress li l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi li daħlu fl-Unjoni matul il-perijodu tar-reġistrazzjoni jista' jiżdiedu ma' ħażna ikbar ta' prodotti stabbiliti qabel, fi żmien meta l-importaturi diġà kellhom għarfien dwar il-possibbiltà li d-dazji antidumping jistgħu jiġu applikati retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati, u b'hekk jiġi mminat serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat" ([26]).

([24]) Is-Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, *Stemcor London Ltd u Samac Steel Supplies Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea*, il-Kawża T-749/16, ECLI:EU:T:2019:310, ara, b'mod partikolari, il-punti 29-59.

([25]) Is-Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, *Stemcor London Ltd u Samac Steel Supplies Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea*, il-Kawża T-749/16, ECLI:EU:T:2019:310, ara, b'mod partikolari, il-punt 72.

([26]) *Ibid.*, il-punt 75.

(356) Fl-aħħar nett, filwaqt li l-għarfien mill-importatur tal-bidu tal-investigazzjoni huwa deċiżiv għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 10(4)(c) ([27]) tar-Regolament bażiku ([28]), dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni "ma għandux objettiv "punittiv". Filwaqt li, […], l-Artikolu 10(1) tar-Regolament bażiku jikkonferma l-prinċipju tan-nonretroattività ta' miżuri anti-dumping, diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku jidderogaw minn dak il-prinċipju billi jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-applikazzjoni ta' miżuri anti-dumping għal prodotti rrilaxxati għal ċirkulazzjoni libera qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament li jistabbilixxi dawk il-miżuri, b'dawk il-prodotti jkunu ġew irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, u dan bl-għan waħdieni li jiġi evitat li l-effett rimedjali tal-miżuri definittivi ma jkunx serjament imminat u li dawn il-miżuri b'hekk jixxejnu" ([29]). Minn dan isegwi li l-effett probabbli tal-importazzjonijiet rilevanti, minflok l-intenzjoni tal-importaturi, jenħtieġ li jkun fiċ-ċentru tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, "iż-'żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet', skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, trid tiġi vvalutata b'mod ġenerali sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet, meħuda flimkien, humiex ta' natura li jimminaw serjament l-effett rimedjali tad-dazji definittivi u għalhekk joħolqux dannu addizzjonali għall-industrija tal-Unjoni, mingħajr ma titqies is-sitwazzjoni individwali u suġġettiva tal-importaturi kkonċernati" ([30]).

(357) Il-Kummissjoni ma kkontestatx li ż-żmien li għadda bejn l-ordni u d-data tal-importazzjoni seta' ħa diversi ġimgħat jew xhur. Minbarra li tfakkar fil-prinċipji riprodotti fiż-żewġ premessi preċedenti, u b'mod partikolari l-fokus tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku fuq l-effett tal-importazzjonijiet aktar milli l-intenzjoni warajhom jew it-twaqqit tal-ordnijiet tagħhom, il-Kummissjoni qieset li għal ordnijiet pendenti wara l-pubblikazzjoni tal-NoI, l-importaturi setgħu jqisu alternattivi għall-importazzjoni ta' kwantitajiet daqstant kbar inkluż il-bejgħ mill-ġdid lil swieq barra l-UE jew in-negozjar mill-ġdid mal-fornitur tagħhom. Il-Kummissjoni vvalutat id-data ppreżentata minn Barth u nnotat li din kienet tirrappreżenta biss 14 % tal-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina. Għalhekk, minbarra li hija essenzjalment irrilevanti bil-ħsieb tal-prinċipji mfakkra hawn fuq, il-Kummissjoni ma qisitx id-data rappreżentattiva biżżejjed biex tassumi li l-importaturi l-oħra kollha kienu f'sitwazzjoni simili. Barra minn hekk, Barth ma pprovdietx tweġiba għall-kwestjonarju u d-data tagħha ma setgħetx tiġi vverifikata. Fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' AUMI, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li ma vverifikatx jekk Lamett, li kienet l-uniku importatur li kkoopera f'din l-investigazzjoni, kinitx qed takkumula riżervi fl-2024. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li peress li l-importazzjonijiet minn Lamett kienu jirrappreżentaw biss 6 % tal-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina fil-PI, ma setatx tintuża biex jinsiltu konklużjonijiet. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li s-sottomissjonijiet miġbura fil-qosor fil-premessa (354) ma jikkontestawx il-fatt li l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti għalkemm ir-raġuni pprovduta kienet għall-importazzjoni tal-MWF qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni ("EUDR"). Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet.

8.3.2. *Żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li x'aktarx timmina l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv*

(358) Skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, jeħtieġ li jkun hemm "żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li jkun ikkawża dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni".

(359) Il-volum medju tal-importazzjoni fix-xahar irrapportat fl-Eurostat ([31]) mir-RPĊ matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien 935 477 m2 ([32]). Id-data tal-Eurostat turi li l-volum medju tal-importazzjonijiet fix-xahar mir-RPĊ fil-perjodu li jibda fl-ewwel xahar sħiħ wara l-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-bidu tal-investigazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u li jintemm fl-aħħar xahar sħiħ qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji (Ġunju 2024 sa Diċembru 2024) kien 1 457 082 m^2, jiġifieri 56 % ogħla mill-medja matul il-perjodu sħiħ ta' investigazzjoni. Din iċ-ċifra kienet ukoll 66 % ogħla mill-volum medju tal-importazzjoni fix-xahar ta' dawk l-istess xhur kalendarji matul il-PI (Ġunju 2023 sa Diċembru 2023).

([27]) Jekk *"ikun hemm, għall-prodott ikkonċernat, storja ta' dumping tul perjodu estiż, jew l-importatur kien konxju, jew kellu jkun konxju, tad-dumping fir-rigward tal-grad tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub"*.
([28]) *Ibid.*, il-punt 76.
([29]) *Ibid.*, il-punt 87.
([30]) *Ibid.*, il-punt 86.
([31]) Il-volumi ġew ikkoreġuti bl-użu tal-metodoloġija deskritta fil-premessa (227) tar-Regolament proviżorju.
([32]) Dan il-valur huwa 0.2 % ogħla mill-medja miksuba bl-użu taċ-ċifra fit-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju. Din id-differenza immaterjali hija minħabba l-aġġustamenti tad-data fil-bażi tad-data tal-Eurostat.

(360) Meta jitqies il-perjodu mill-ewwel xahar sħiħ wara l-bidu u li jintemm fl-aħħar xahar sħiħ qabel ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet (Ġunju 2024 sa Settembru 2024) jirriżulta f'volum medju tal-importazzjoni fix-xahar ta' 1 430 396 m^2, li huwa 53 % ogħla mill-medja fix-xahar matul il-perjodu sħiħ ta' investigazzjoni. Din iċ-ċifra kienet ukoll 52 % ogħla mill-volum medju tal-importazzjoni fix-xahar ta' dawk l-istess xhur kalendarji matul il-PI (Ġunju 2023 sa Settembru 2023).

(361) Iż-żewġ riżultati juru li kien hemm żieda sostanzjali fil-volumi tal-importazzjoni wara l-bidu.

(362) Din iż-żieda fl-importazzjonijiet seħħet ma' tnaqqis fil-konsum ta' 5 % fl-2024 meta mqabbel mal-2023, kif deskritt fil-pubblikazzjonijiet tal-industrija ([33]). Dan huwa sinjal ċar ta' aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(363) Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni oħra, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żieda sostanzjali fil-volumi tal-importazzjoni wara l-bidu kienet indikattiva tal-eżistenza ta' kumulazzjoni ta' riżervi.

(364) Barra minn hekk, il-prezz medju tal-importazzjoni fix-xahar fil-perjodu bejn Ġunju 2024 u Settembru 2024 kien EUR 22,22 għal kull m^2, li kien 4,1 % aktar baxx mill-prezz medju fix-xahar matul il-PI sħiħ. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-importazzjoni fix-xahar fil-perjodu bejn Ġunju 2024 u Diċembru 2024 kien 22,47 għal kull m2, li kien 3 % aktar baxx mill-prezz medju fix-xahar matul il-PI sħiħ. Dawn ir-riżultati jindikaw li ż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet Ċiniżi kienet bi prezzijiet aktar baxxi, bħala medja, minn dawk matul il-PI.

(365) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Fusong sostna li l-Kummissjoni kellha tiddivulga d-data aġġustata fix-xahar dwar l-importazzjoni biex toffri l-opportunità li tikkummenta dwarha.

(366) Il-Kummissjoni nnotat li diġà ddeskriviet il-metodoloġija biex taġġusta l-kwantitajiet tal-importazzjoni tal-Eurostat f'm^2 fil-premessa (227) tar-Regolament proviżorju u inkludiet ir-riżultati fil-premessi (359) u (360) hawn fuq. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(367) Fusong sostna li l-Kummissjoni kellha tqis iż-żmien meħtieġ bejn l-ordni u l-importazzjoni meta vvalutat iż-żieda fl-importazzjonijiet. Amorim u Barth sostnew li l-biċċa l-kbira tal-kwantitajiet importati minn Ġunju 2024 kienu jikkorrispondu għal ordnijiet qabel is-17 ta' Mejju 2024 u Barth ippreżenta data kunfidenzjali biex isostni l-pretensjoni tiegħu. AUMI, Barth, CNFPIA, Fusong u Thede&Witte żiedu li l-importazzjonijiet fl-2023 kienu baxxi b'mod anormali u għalhekk ma kinux xierqa biex jitqabblu maċ-ċifri mill-2024. AUMI sostniet li ż-żieda fl-importazzjonijiet li tirriżulta mill-paragun mad-data tal-2023 kellha tiġi vvalutata fid-dawl tat-twaqqit u l-volum tagħha u ċirkostanzi oħra kif meħtieġ mill-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Fusong issuġġerixxa li l-importazzjonijiet fl-2024 jitqabblu mal-perjodu totali meqjus. Barth u Fusong żiedu li l-kundizzjonijiet tas-suq kienu wasslu lill-importaturi biex jakkumulaw riżervi fl-2022 u wara t-tnaqqis fil-konsum fl-2023, dan irriżulta fi tnaqqis tal-importazzjonijiet fl-2023. AUMI sostniet li fil-perjodu kkunsidrat u fl-2024, l-importazzjonijiet fit-tieni nofs ta' dawn is-snin kienu ġeneralment ogħla milli fl-ewwel nofs ħlief fl-2023, li AUMI attribwiet, kif għamlet CNFPIA, għall-impatt tal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar fuq it-tbaħħir kummerċjali minn Novembru 2023. Cora Domenica sostniet li kienet importat inqas kwantità fl-2024 milli fl-2023.

(368) Fir-rigward tal-pretensjonijiet relatati mar-rwol taż-żmien meħtieġ bejn id-data tal-ordni u d-data tal-importazzjoni, u kif spjegat fil-premessi (355) sa (356) hawn fuq, il-Kummissjoni ma qisitx rilevanti li teskludi l-importazzjonijiet ordnati qabel il-pubblikazzjoni tal-NoI mill-paragun. Kif innotat mill-Qorti fil-kawża T-749/16 imsemmija fil-premessa (348) hawn fuq, iż-"żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet" skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku trid tiġi vvalutata mill-mument li l-importaturi kienu konxji tal-possibbiltà li sussegwentement jista' jiġi applikat dazju fuq l-importazzjonijiet irreġistrati, li jfisser li l-importazzjonijiet li seħħew mill-pubblikazzjoni tan-notifika tal-bidu tal-investigazzjoni jridu jiġu inklużi sabiex jiġi ddeterminat jekk dawk l-importazzjonijiet, flimkien mal-importazzjonijiet li seħħew matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni, x'aktarx kienu jimminaw l-effett rimedjali tad-dazji definittivi li għandhom jiġu applikati ([34]). Għalhekk, dak l-argument irid jiġi miċħud.

([33]) Sors: L-istqarrija għall-istampa ta' FEP mis-27 ta' Jannar 2025. https://www.parquet.net/2025/01/european-parquet-market-2024.html#:~:text=At%20the%20occasion%20of%20its,under%205%25%20compared%20to%202023.

([34]) Is-Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, *Stemcor London Ltd u Samac Steel Supplies Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea*, il-Kawża T-749/16, ECLI:EU:T:2019:310, ara, b'mod partikolari, il-punti 72-75.

(369) Fir-rigward tal-pretensjonijiet relatati mar-rappreżentattività tal-2023, il-Kummissjoni tqis li l-2023 hija xierqa peress li l-Kummissjoni użat id-data tal-PI mhux biss biex tqabbel il-kwantitajiet tal-importazzjoni iżda wkoll biex tqabbel il-konsum u l-prezzijiet. Barra minn hekk, bil-ħsieb tas-sottomissjonijiet minn Barth u Fusong rigward il-kumulazzjoni ta' riżervi fl-2022, ma hemm l-ebda evidenza fil-fajl li tikkonkludi li l-użu tal-2022 fil-kalkolu kien jagħti riżultat aktar rappreżentattiv. Rigward id-dikjarazzjoni minn Cora Domenica, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li xi importaturi setgħu importaw kwantitajiet aktar baxxi milli fl-2023. Madankollu, iż-"żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet" skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku trid tiġi vvalutata fit-totalità tagħha sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet, meħuda globalment, humiex probabbli li jimminaw serjament l-effett rimedjali tad-dazji definittivi u b'hekk joħolqu dannu addizzjonali għall-industrija tal-Unjoni, mingħajr ma titqies il-pożizzjoni individwali u suġġettiva tal-importaturi speċifiċi kkonċernati. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet.

(370) Amorim, Barth, Lovelin, Puderbach, Thede&Witte sostnew li ż-żieda fl-inventarji ma kinitx b'antiċipazzjoni ta' dazji anti-dumping potenzjali iżda b'antiċipazzjoni tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni ("EUDR") sa tmiem Diċembru 2024. Dawn il-partijiet sostnew li dan ir-Regolament il-ġdid introduċa ċerti rekwiżiti li kienu jagħmlu l-konformità diffiċili. Barth sostniet wkoll li d-data kunfidenzjali ppreżentata wriet li l-importazzjonijiet naqsu drastikament minn Novembru 2024, li sservi bħala prova li r-raġuni għaż-żieda fl-inventarji kienet id-dħul fis-seħħ tal-EUDR. Holz-Richter sostniet li ż-żieda fil-kwantitajiet importati kienet dovuta għad-disponibbiltà fqira tal-MWF mill-produtturi tal-UE, speċjalment fl-2021 u l-2022. AUMI u Puderbach sostnew li ż-żieda fil-kwantitajiet tal-importazzjoni miċ-Ċina kienet dovuta wkoll għat-tnaqqis fl-importazzjonijiet mill-Ukrajna.

(371) Il-Kummissjoni ma tqisx rilevanti r-raġunijiet għall-kumulazzjoni ta' riżervi peress li r-riżultat, irrispettivament mir-raġunijiet, huwa li l-oġġetti ġew importati bi kwantitajiet sinifikattivament ogħla u bi prezzijiet aktar baxxi qabel ma daħlu fis-seħħ id-dazji proviżorji. Irrispettivament mir-*raison d'être* tagħhom, dawk l-istokkijiet *"probabbilment jimminaw serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat"* skont it-tifsira tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet.

(372) Fusong u Thede&Witte kkontestaw it-tnaqqis fil-konsum użat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Fusong indika li ċ-ċifra użata hija previżjoni preliminari minn FEP u li l-Kummissjoni kellha tivverifikaha. Thede&Witte argumentat li ċ-ċifra setgħet inkludiet taħlita ta' prodotti bħall-injam solidu u l-mużajk. Barra minn hekk, issottomettiet stqarrija għall-istampa tal-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Parquet li rrapportat żieda ta' 8 % fil-bejgħ fil-Ġermanja.

(373) Il-Kummissjoni nnotat li kienet użat l-uniku dokument disponibbli fil-fajl fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni fl-2024 u partijiet oħra ma kienu ppreżentaw l-ebda informazzjoni oħra. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li żieda fil-konsum fil-Ġermanja xorta tista' tirriżulta fi tnaqqis fil-konsum fl-Unjoni. Il-Kummissjoni simulat xenarju li fih il-konsum tal-Unjoni ikun żdied fl-2024 bi 8 % meta mqabbel mal-2023. Bl-użu tal-kwantitajiet aġġustati tal-importazzjoni tal-Eurostat fl-2024, ir-riżultati wrew li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi xorta kien jiżdied u li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-UE kien jonqos. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet.

(374) AUMI u Fusong sostnew li t-tqabbil tal-prezzijiet medji fix-xahar kien simplistiku wisq peress li ma kienx ikopri, pereżempju, differenzi fit-taħlita ta' prodotti u żiedu li r-riżultat ma kienx biżżejjed biex jinsiltu konklużjonijiet. Fusong sostna wkoll li l-Kummissjoni ma ddivulgatx id-data u għalhekk ma setgħetx tivvaluta t-tnaqqis irrapportat fil-prezz. Barth sostniet li t-tnaqqis fil-prezz użat mill-Kummissjoni huwa insinifikanti u jista' jiġi attribwit għal differenzi f'fatturi bħall-prezzijiet tal-materja prima, ir-rati tal-kambju jew in-nolijiet bil-baħar.

(375) Il-Kummissjoni nnotat li l-prezzijiet medji fix-xahar għall-importazzjonijiet huma disponibbli biss permezz tal-istatistika tal-Eurostat li ma tagħmilx distinzjoni bejn it-tipi differenti ta' prodotti kkonċernati. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li fil-valutazzjoni tagħha, ma użatx id-differenza fil-prezz b'mod iżolat iżda flimkien mad-differenza fil-kwantitajiet importati u fil-konsum. Il-Kummissjoni qieset ukoll li sakemm ma jkunx hemm żieda kbira fil-prezzijiet tal-importazzjoni, il-firxa tat-tnaqqis ma għandha l-ebda effett fuq il-valutazzjoni. Fir-rigward tal-pretensjoni dwar id-disponibbiltà tad-data, il-Kummissjoni kienet diġà indirizzatha fil-premessa (366) hawn fuq. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet.

(376) Amorim sostniet li l-Kummissjoni ma wrietx li l-importazzjonijiet wara l-NoI kienu għamlu ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, AUMI, Amorim, CNFPIA, Fusong u Thede&Witte sostnew li l-Kummissjoni ma wrietx li l-importazzjonijiet kienu mminaw l-effett rimedjali tal-miżuri. AUMI u CNFPIA sostnew li bħal fl-investigazzjoni dwar prodotti tal-azzar ċatti llaminati fil-kiesaħ ([35]), il-Kummissjoni kellha i) tivvaluta l-kwantitajiet tal-importazzjoni u l-ishma mis-suq ta' wara l-PI, ii) tanalizza l-iżviluppi fil-prezzijiet u t-twaqqigħ tal-prezz ta' wara l-PI u iii) teżamina l-pretensjonijiet fir-rigward tal-kumulazzjoni ta' riżervi. Barth sostniet li l-biċċa l-kbira tal-kwantitajiet importati fit-tieni nofs tal-2024 kienu telqu mill-imħażen tagħha peress li kienu nbiegħu jew tqassmu u ppreżentat evidenza biex issostni l-pretensjoni. Thede&Witte sostniet li t-tnaqqis fil-kwantitajiet importati minn Novembru 2024 issuġġerixxa li aktar kmieni kienu nbiegħu prodotti importati. Għalhekk, dawk l-importazzjonijiet ma setgħux jimminaw l-effetti rimedjali tal-miżura.

(377) Il-Kummissjoni ma qisitx li d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kienu jirrikjedu valutazzjoni ta' jekk l-importazzjonijiet wara l-pubblikazzjoni tal-NoI kinux ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Jitfakkar li l-Artikolu 10(4)(d) jirrikjedi li "żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta sseħħ u l-volum u ċirkustanzi oħra, probabbilment timmina serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat". Bl-użu tal-kwantitajiet aġġustati tal-importazzjoni tal-Eurostat mill-2024 u l-livell tal-konsum, il-Kummissjoni stmat li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied minn 21,5 % fl-2023 għal 31,2 % fl-2024 notevolment għad-detriment tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-UE li naqas minn 67,1 % fl-2023 għal 57,9 % fl-2024. Il-Kummissjoni qieset li ż-żieda fl-inventarji kienet ippermettiet tnaqqis fl-importazzjonijiet wara miżuri proviżorji u għalhekk imminat l-effett tal-miżuri peress li l-kwantitajiet importati u l-istokkijiet ma kinux jinkludu dazji anti-dumping u għalhekk setgħu jinbiegħu mill-ġdid bi prezzijiet aktar baxxi mill-importazzjonijiet bid-dazju mħallas. Fir-rigward tad-data ppreżentata minn Barth, il-Kummissjoni qieset li ma kinitx rappreżentattiva biżżejjed biex tislet konklużjonijiet kif indikat fil-premessa (357) hawn fuq. Fir-rigward tal-pretensjoni minn Thede&Witte, il-Kummissjoni ma tqisx li kwantitajiet aktar baxxi tal-importazzjonijiet f'xahar partikolari huma indikatur li l-importazzjonijiet fix-xhur ta' qabel kienu nbiegħu. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn il-pretensjonijiet.

(378) AUMI sostniet li l-ġbir retroattiv tad-dazji ma jkunx fl-interess tal-Unjoni. AUMI, Amorim u Lovelin sostnew li l-ġbir retroattiv tad-dazji jikkawża dannu sproporzjonat fuq l-importaturi.

(379) Il-Kummissjoni nnotat li ma hemm l-ebda rekwiżit legali skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku biex jiġi vvalutat l-interess tal-Unjoni. Madankollu, għalkemm il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-ġbir retroattiv tad-dazji se jagħmel ħsara lil xi importaturi, il-kundizzjonijiet kollha għall-ġbir retroattiv tad-dazji ġew issodisfati f'dan il-każ. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni.

(380) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku għall-applikazzjoni retroattiva tad-dazju anti-dumping definittiv. Għalhekk, jenħtieġ li dazju anti-dumping definittiv jiġi impost fuq il-prodott ikkonċernat, li sar soġġett għal reġistrazzjoni mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2733. Il-livell tad-dazju li għandu jinġabar b'mod retroattiv jenħtieġ li jiġi stabbilit fil-livell tad-dazji proviżorji imposti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/78, sal-punt li jkunu aktar baxxi mil-livell tad-dazji definittivi imposti skont dan ir-Regolament. Meta d-dazju definittiv ikun aktar baxx mid-dazju proviżorju, id-dazju għandu jiġi kkalkolat mill-ġdid sabiex jinġabar l-ammont aktar baxx.

9. MONITORAĠĠ SPEĊJALI

(381) Il-prodott ikkonċernat bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 4418 75 00. Il-Kummissjoni għandha evidenza fil-fajl li, meta jiġi esportat, il-prodott ikkonċernat xi drabi jiġi ddikjarat ħażin taħt il-kodiċijiet doganali Ċiniżi 4412 52 00 u 4412 92 00. Dawn il-kodiċijiet jirreferu għal blokkbords, laminbords u battenbords b'mill-inqas saff wieħed ta' barra tal-injam mhux koniferu għajr l-injam tropikali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet li għalkemm il-prodott ikkonċernat ġie prodott fiċ-Ċina, meta ġie esportat lejn destinazzjonijiet għajr l-Unjoni, xi drabi kien ittikkettat bħala li joriġina minn pajjiż terz ieħor. Konsegwentement, biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni qieset xieraq li timmonitorja l-importazzjonijiet miċ-Ċina ta' prodotti ddikjarati taħt il-kodiċijiet NM 4412 52 00 u 4412 92 00, u l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw jew jiġu kkunsinjati minn pajjiżi terzi oħra.

([35]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/1328/oj).

10. DISPOŻIZZJONI FINALI

(382) Bil-ħsieb tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [36], meta ammont għandu jiġi rimborżat b'segwitu għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li għandu jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(383) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilita fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' pannelli mmuntati għall-paviment, b'diversi saffi, tal-injam, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 4418 75 00 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	*Forest Group* — JiLin Newco Wood Industries Co., Ltd. — Jilin Forest Industry New Jinqiao Songlin Flooring Co.,Ltd.	32,1 %	89IL
Iċ-Ċina	*Fusong Group* — Dalian Qianqiu Wooden Product Co., Ltd. — Fusong Diwang Wooden Product Co., Ltd. — Fusong Jinlong Wooden Group Co., Ltd. — Fusong Jinqiu Wooden Product Co., Ltd. — Fusong Qianqiu Wooden Product Co., Ltd.	36,1 %	89IM
Iċ-Ċina	*JINFA Group* — Hunchun Xingjia Wooden Flooring Inc — Changchun Delin Wooden Floors Inc.	21,3 %	89IN
Iċ-Ċina	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness I	28,0 %	
Iċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	36,1 %	8999

[36] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jiena, hawn taħt iffirmat(a), niċċertifika li (volum f'unità li qed nużaw) ta' (prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

4. Il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu esklużi mill-prodott deskritt fil-paragrafu 1:

— Pannelli tal-bambù jew tal-anqas bis-saff ta' fuq (saff protettiv) tal-bambù, u pannelli għall-artijiet tal-mużajk.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/78 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' pavimenti tal-injam b'diversi saffi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti li jaqbżu r-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' pavimenti tal-injam b'diversi saffi, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 4418 75 00 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li ġew irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2733.

Ir-rata tad-dazju anti-dumping applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/2733 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	*Forest Group* — JiLin Newco Wood Industries Co., Ltd. — Jilin Forest Industry New Jinqiao Songlin Flooring Co.,Ltd.	32,1 %	89IL
Iċ-Ċina	*Fusong Group* — Dalian Qianqiu Wooden Product Co., Ltd. — Fusong Diwang Wooden Product Co., Ltd. — Fusong Jinlong Wooden Group Co., Ltd. — Fusong Jinqiu Wooden Product Co., Ltd. — Fusong Qianqiu Wooden Product Co., Ltd.	36,1 %	89IM
Iċ-Ċina	*JINFA Group* — Hunchun Xingjia Wooden Flooring Inc — Changchun Delin Wooden Floors Inc.	21,3 %	89IN

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness I	28,0 %	
Iċ-Ċina	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	36,1 %	8999

Artikolu 4

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata medja ponderata xierqa ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	Anhui Jinxiang Wood Technology Co., Ltd.	89IO
	Anhui Sunhouse Floor Technology Co., Ltd.	89IP
	Anhui Zhichang Bamboo u Wood Products Co., Ltd.	89IQ
	ARTIST INTELLIGENT HOUSEHOLD CO., LTD.	89IR
	BENXI FLOORING FACTORY (GENERAL PARTNERSHIP)	89IS
	CENTENNIAL MENDI (JINHU) HOME FURNISHING TECHNOLOGY CO., LTD	89IT
	DALIAN AMUER WOOD CO., LTD.	89IU
	Dalian Deerfu Wooden Product Co., Ltd.	89IV
	DALIAN DUNCHENG WOOD INDUSTRY CO., LTD.	89IW
	DALIAN HANCHUAN WOOD PRODUCTS CO., LTD.	89IX
	DALIAN HANDIAN WOOD INDUSTRY CO., LTD.	89IY
	DALIAN HUIYUE WOOD CO., LTD.	89IZ
	DALIAN JAENMAKEN WOOD INDUSTRY CO., LTD.	89JA
	DALIAN JINDA WOOD PRODUCTS CO., LTD.	89JB
	DALIAN KEMIAN WOOD INDUSTRY CO., LTD.	89JC
	DALIAN MUSEN WOOD CO., LTD.	89JD
	Dalian New Sanlin Flooring Co., Ltd.	89JE
	DALIAN OUXIANG WOOD CO., LTD.	89JF
	Dalian Penghong Floor Products Co., Ltd.	89JG
	DALIAN RUIJIAN WOOD INDUSTRY CO., LTD.	89JH
	DALIAN SHENGCHUANG WOOD INDUSTRY CO., LTD.	89JI
	DALIAN SHENGYU SCIENCE AND TECHNOLOGY DEVELOPMENT CO., LTD.	89JJ
	Dalian Shumaike Floor Manufacturing Co., Ltd.	89JK
	Dalian Universal Wood Products Co.,Ltd.	89JL
	DALIAN XINJIAZHOU WOOD PRODUCTS CO., LTD.	89JM
	DALIAN YOU MING WOOD BUSINESS CO., LTD.	89JN
	Muling Kemian Wood Industry CO., LTD	89JO
	DeHua TB New Decoration Material Co, Ltd.	89JP
	Deqing Shengfei Wood Co., Ltd.	89JQ
	Dunhua Shengda Wood Industry Co., Ltd.	89JR
	FUSHUN FUSEN JINFENG WOODEN PRODUCTS CO.,LTD.	89JS
	Fushun Handu Import & Export Co., Ltd.	89JT

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
	Fusong County Huayi Wooden Co., Ltd.	89JU
	Fusong Huasong Wooden Co., Ltd.	89JV
	HaiLin LinJing Wooden Products Co., Ltd.	89JX
	HUNCHUN FOREST WOLF WOODEN INDUSTRY CO., LTD	89JY
	HUZHOU AMIRA WOOD CO., LTD.	89JZ
	Jesonwood Forest Products (ZJ) Co., Ltd.	89KB
	Jiangsu Mingle Flooring Co., Ltd.	89KC
	Jiangsu ShengYu Flooring Co., Ltd.	89KD
	Jiangsu Wanli Wooden Co., Ltd.	89KE
	JIANGSU ZHUOYI HOME FURNISHING TECHNOLOGY CO., LTD.	89KF
	Jiashan On-Line Lumber Co., Ltd.	89KG
	JILIN CITY XIN JINGKAI WOOD CO., LTD.	89KH
	Jilin Jiahe Wood Industry Co.,Ltd	89KI
	JILIN XINYUAN WOODEN INDUSTRY CO., LTD	89KJ
	KINGMAN WOOD INDUSTRY CO.,LTD	89KK
	Muling City Yihe Wood Co., Ltd	89KL
	NEW GARDEN SMART HOME TECHNOLOGY CO., LTD	89KM
	Ning'an City Shengchang Wood Industry Co.,Ltd	89KN
	SHANDONG LONGTENG WOOD CO., LTD	89KO
	Shaoxing Haohua Timber Industry Co., Ltd	89KP
	Sino-Maple (Jiangsu) Co., Ltd	89KQ
	SUIFENHE JINLIN WOOD INDUSTRY CO.,LTD.	89KR
	SUZHOU DONGDA WOOD CO.,LTD	89KS
	Suzhou Duolun Wood Industry Co.,Ltd.	89KT
	TONGXIANG SHENGGONG TIMBER INDUSTRY CO., LTD..	89KU
	Xuzhou Changlin Floors Co., Ltd	89KV
	Yekalon Mills	89KW
	Zhejiang Changfang Wooden Co.,Ltd.	89KX
	Zhejiang Guolian Floor Co., Ltd.	89KY
	Zhejiang Lingge Wood Co., Ltd.	89KZ
	Zhejiang Longsen Lumbering Co., Ltd.	89LA